# Festa Titulari ta' Santa Marija

## L–Imqabba 2022

75 sena

*Banda*

1947 - 2022



SOĊJETÀ SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V, L-IMQABBA, MALTA

FESTA TITULARI 2022


ATCS
aspire to cultivate success
Training Centre • Translations Centre • Business Consultancy
(+356) 9999 0470
www.atcs.com.mt
info@atcs.com.mt



L-istatwa ta' Santa Marija tat-tfal



# Editorjal

**Jonathan Mifsud**

Ninsabu fil-ġranet tant għeżież għalina l-Imqabbin, il-ġranet li fihom nagħmlu l-aħħar sforzi sabiex niċċelebraw il-Festa Titulari ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awwissu hekk kif inhu xieraq! Wara sentejn, issa erġajna kważi lura lejn in-normalità; l-attivitajiet żdiedu, in-nies drat tqatta' l-ħin ħdejn il-baħar għall-kwiet, in-nies kompliet bil-pjanijiet biex iddur u dduq kulturi oħra madwar id-dinja, imxennqa biex tattendi xi kunċert jew tattendi xi avveniment sportiv! Iżda aħna x'qegħdin nikkontribwixxu lejn il-kultura Maltija speċjalment fil-qasam tal-festa ta' xi raħal partikolari sabiex nerġgħu lura lejn in-normalità?

Għal min hu involut b'xi mod f'xi festa, jaf li l-preparamenti għall-festi ma jibdewx minn ġimgħa qabel, iżda jibdew eżattament waqt li jkun qiegħed jiżżarma l-armar tal-festa tas-sena preċedenti. Il-fergħat fi ħdan kwalunkwe għaqda volontarja jagħmlu kuraġġ bil-għajnuna finanzjarja tal-membri, iżda jagħmlu wkoll ferm iżjed kuraġġ bil-parteċipazzjoni diretta tal-membri f'għajnuna u ħidma matul is-sena kollha. Għalhekk kif issa għaddew dawn is-sentejn fejn l-attivitajiet kienu ristretti ferm, issa huwa l-vera mument tal-prova sabiex nerġgħu nagħtu d-direzzjoni lill-Festa Maltija. Minn dawn il-kelmtejn nistieden lilek sabiex tersaq u tagħti l-għajnuna fi kwalunkwe għaqda volontarja li tħoss li tħaddan il-valuri tiegħek. Permezz ta' dawn l-għaqdiet volontarji titgħallem diversi affarijiet li l-ħajja normali ma toffrilekx l-opportunità li tesperjenzahom. Huwa ferm ta' sodisfazzjon għal Soċjetà li tara li diversi tfal li kienu jattendu flimkien f'xi grupp sa minn tfulithom, illum il-ġurnata tarahom attivi jew imexxu xi fergħa fi ħdan l-istess Soċjetà! Min hawn nirringrazzja lill-ġenituri li dejjem iħeġġu lit-tfal sabiex jipparteċipaw u joffru t-talenti u l-għajnuna tagħhom fi kwalunkwe attività li tittella'. Nifhmu li ż-żminijiet inbiddlu ferm u li t-tfal u ż-żgħażagħ għandhom iżjed impenji, iżda hemm bżonn li din it-tradizzjoni tal-Festa Maltija tiġġedded minn ġenerazzjoni għal oħra sabiex b'hekk nissalvagwardjaw dak kollu li kisbu missirijietna. Permezz ta' għajnuniet finanzjarji li l-għaqdiet volontarji jirċievu, qegħdin inkomplu nkattru l-kultura fil-poplu tagħna, iżda għalxejn ikollok il-fondi f'idejk jekk mbagħad ma jkollokx min ser jieħu ħsieb li l-istess proġett jitwettaq fil-ħin stipulat! Għalhekk min hawn nappella għal iżjed għajnuna permezz ta' ħin personali lejn l-għaqdiet volontarji! Nirringrazzja wkoll lil kull persuna li diġà tagħmel parti minn kwalunkwe fergħa fi ħdan din l-istess Soċjetà li dejjem toffri l-għajnuna meta jkun hemm il-ħtieġa. Permezz tal-artikli li jinsabu f'din il-pubblikazzjoni, sejrin taqraw dwar kif għalkemm is-Soċjetà tilfet pilastru fi ħdanha, is-Sur Carmel Briffa, li min hawn insellem l-memorja tiegħu, il-ħajja waħda xorta riedet tkompli u l-ħidma volontarja mid-diversi fergħat ta' din is-Soċjetà ma waqfitx. Għalkemm ilkoll għaddejna minn żminijiet diffiċli ferm, id-diversi fergħat reġgħu bdew bl-attivitajiet tagħhom. F'din il-pubblikazzjoni nsibu artikli dwar kif is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kompliet il-ħidma fuq proġetti ta' investiment siewi għall-futur filwaqt li baqgħet tieħu ħsieb dak li bnew missirijietna. Insibu wkoll artiklu interessanti ħafna relatat mal-istorja tal-Parroċċa tagħna kif ukoll artikli dwar anniversarji li s-Soċjetà qiegħda tfakkar matul din is-sena, filwaqt li qed nippubblikaw ukoll diversi poeżiji li jsaħħu d-devozzjoni lejn Marija mtella' fis-sema.

F'isem il-Bord Editorjali ta' din il-pubblikazzjoni nirringrazzja lil sħabi l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u lid-diversi partitarji tal-għajnuna u l-kollaborazzjoni li dejjem sibna mingħandhom sabiex stajna niġbru l-artikli u r-riklami għal din il-pubblikazzjoni. Ħajr ukoll lill-artikolisti li għamlu r-riċerka u qasmu magħna tagħrif interessanti ferm.

Grazzi lil dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw is-servizzi tagħhom magħna għax mingħajr il-kontribut tagħhom żgur li din il-pubblikazzjoni ma tkunx tista' ssir realtà. Ħajr ukoll lil Best Print tal-għajnuna kbira li joffru fid-disinn u l-istampar ta' din l-istess pubblikazzjoni.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor dejjem jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dejjem nilħqu l-livell mixtieq. Din is-sena jekk Alla jrid nistgħu nerġgħu ngawdu dak kollu li l-Festa Maltija hija mżewqa bih. Minn qalbi nawgura li kulħadd jaħsad il-frott u jkun sodisfatt bil-ħidma tiegħu b'risq din il-festa tant għażiża għalina l-Maltin!

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd!

**Bord Editorjali**
MIFSUD Jonathan
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
MIFSUD Jonathan

**Riklami**
BRIFFA Joseph
FARRUGIA Antoine
GRECH JeanCarl
MIFSUD Jonathan
TONNA Roderick
ZAMMIT Mario

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
CAMILLERI Ian
FARRUGIA Kan. Dr. Dun Jonathan
GHIGO Matthew
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TONNA Johann
ZAMMIT Mario
Kummissjoni Web
Uffiċċju tal-President
Departiment tal-Informazzjoni




**Ritratt tal-Faċċata**
Il-vara artistika u devota
ta' Santa Marija
fil-purċissjoni.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali jew tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*

© Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Mqabba,
Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Issettjat u Stampat**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprintqrendi@gmail.com**

# Werrej

Editorjal ..... 2
Il-Kumitat Eżekuttiv 2021 – 2023 ..... 5
Messaġġ tal-President ..... 7
Messaġġ tas-Sindku ..... 13
Messaġġ mill-Kappillan ..... 15
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ..... 19
Appell mit-Teżorier ..... 23
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ..... 27
Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V ..... 29
Programm Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V ..... 33
Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur ..... 35
Messaġġ mill-Għalliem tal-Mużika Sezzjoni Ram ..... 39
Messaġġ mill-Għaqda Armar ..... 41
Tkompli l-ħidma fuq il-Planċier Artistiku ..... 49
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ..... 51
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ ..... 57
Messaġġ mill-Kummissjoni WEB ..... 63
Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja ..... 65
Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ ..... 67
Programm Pirotekniku ..... 69
Programm Festi Esterni ..... 71
L-ewwel għaqda mużikali Mqabbija tiċċelebra l-75 sena mindu nbidlet f'banda ..... 73
Kelmtejn mill-Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds Adolexxenti Titulari ..... 77
Apprezzament: Carmel Briffa ..... 81
Apprezzament: Mikiel Zammit ..... 87
Kelmtejn mis-Sottokumitat tan-Nisa ..... 89
Pjanta mill-1762 tal-Knisja u l-bini madwarha ..... 90
Niċċelebraw it-tifkira tal-Verġni Omm Alla u Ommna Marija ..... 99
Lil Santa Marija, Omm iċ-Ċkejknin ..... 103
La Semana Santa de España fl-Imqabba ..... 105
Niltaqgħu mal-mużiċisti l-ġodda ..... 109
Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda ..... 111
L-irġejjen ..... 113
Messaġġi mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ..... 117
Il-proġett
La Semana Santa de España preselezzjonat għal premju tal-UE ..... 119
Mitt sena tal-opri artistiċi li jżejnu Misraħ il-Knisja u Triq il-Parroċċa fil-festa titulari ..... 121
L-istatwa ta' Santa Marija tat-Tfal ..... 127
L-Aspett Letterarju ..... 131
Sena Attivitajiet 2021/2022 ..... 132
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ..... 136


BUILDING YOUR FUTURE. TODAY.
Elbros is proud to be the main contractor for the construction of the Quad Towers in Mriehel. Another landmark project.
elbros.com.mt
ELBROS
built for life

# Il-Kumitat Eżekuttiv 2021 – 2023



**President**
Carlo Sciberras

**Presidenti Onorarji**
Dr Louis Galea B.A., LL.D.
Joseph Farrugia
George Busuttil
Dr Charles Sciberras M.D.
Joseph Sciberras

**Viċi President**
Michael Ghigo

**Segretarju Ġenerali**
Antoine Farrugia

**Teżorier**
Jonathan Mifsud

**Direttur tal-Każin u Delegat tal-Planċier**
Michael Ghigo

**Kordinatur tal-Attivitajiet**
Osvaldo Vella

**Kordinaturi tal-Ħidma bejn il-Fergħat**
Mario Zammit
Marica Grima

**Delegat Żgħażagħ**
Jeremy Buttigieg

**Delegat tal-Armar**
Ian Camilleri

**Delegati Nisa, Adoloxxenti,**
**Tfal u Anzjanità Attiva**
Samantha Debono
Maria Galea

**Delegat Kummissjoni WEB**
Matthew Ghigo

**Arkivisti**
Christopher Schembri Baldacchino
Nicholas Baldacchino

**Konsulent Legali**
Dr Mark Portelli BA.LLD

**Direttur Spiritwali**
Fr Joseph Zahra O.P.

**Viċi Segretarju Ġenerali u Kordinatur**
**Kreattività u Innovazzjoni**
JeanCarl Grech

**Assistent Teżorier**
**u Amministratur tas-Soċji**
Joseph Briffa

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Chairperson Sezzjoni Proġetti u NGO's**
Marica Grima

**Surmast Direttur**
Mro David Agius
A. Mus. LCM, A. Mus. VCM (Hons) ALCM

**Assistent Surmast Direttur**
Mro René Camilleri
B.Eng (Hons), ALCM

**Għalliem tal-mużika (sezzjoni ramm)**
Neil Zammit B.Accty (Hons), CPA, MIA
A.L.C.M, A.Mus.L.C.M, L.Mus.LCM,
A.L.C.M (Comp.)

**Delegat tal-Banda**
Christopher Spiteri

**Delegat tan-Nar**
Robert Ghigo

**Rappreżentanti**
**fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carlo Sciberras

**Membru għal għomru**
Roderick Tonna

**Reviżuri**
Mark Cardona, Ryan Vella


ZAHRA
GROUP
BUILDING YOUR VISION
CREATING REALITY
HI-LAND
zahragroup.com.mt
IVECO
ZAH 010



## Messaġġ tal-President

# B'Ottimiżmu u Kuraġġ inkomplu nibnu s-suċċessi flimkien…

**Carlo Sciberras**



Nagħtikom merħba f'dan l-appuntament annwali li aħna nżommu magħkom b'tant ħerqa u passjoni permezz ta' din il-pubblikazzjoni b'tifkira tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fir-raħal tal-Imqabba. Din is-sena b'mod iktar inkoraġġanti minn l-aħħar sentejn li kienu karatterizzati minn restrizzjonijiet tal-pandemija. Għal grazzja t'Alla u tal-Madonna ninsabu f'sitwazzjoni aħjar li niċċelebraw b'mod komplut u kif xieraq din il-Festa tal-Imqabbin, u għalhekk ilkoll flimkien ejjew nitfgħu ħarsa fissa l-quddiem lejn in-normalità, lejn is-suċċessi, lejn l-unuri u lejn tragwardi ġodda, li minn dejjem kienu fil-fibra tas-Soċjetà tagħna. Il-perijodu ta' transizzjoni minn l-effetti tal-pandemija għal normalità sħiħa mhuwiex perijodu faċli, però bis-saħħa tal-Fergħat u bis-saħħa tagħkom ilkoll, flimkien mal-benefatturi tagħna għandna niżguraw ir-ritorn tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba bħala avveniment ewlieni fl-istaġun tal-Festi Maltin. Għalhekk il-messaġġ prinċipali tiegħi għal din il-Festa, huwa wieħed ta' Ottimiżmu u Kuraġġ.

Ottimiżmu u Kuraġġ, għaliex l-ikbar riżorsa li għandha s-Soċjetà tagħna hi r-riżorsa umana, ċioe' il-ħidma kbira volontarja tal-Fergħat u membri, ħidma ndispensabbli u mprezzabbli biex kemm is-Soċjetà u l-Festa jinżammu ħajjin bl-aqwa mod possibbli. Għalhekk minn hawn irrid nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor qed ikun ta' spalla bil-ħidma volontarja tiegħu/tagħha, kemm fiż-żminijiet passati kif ukoll bħalissa, filwaqt li nħeġġeġ u nawgura aktar ħidma li tkompli tkattar il-ġid f'kull settur u f'kull sezzjoni. Ta' dan kollu, il-kelma 'Grazzi' żgur li mhijiex biżżejjed. Intom li qed tkunu ta' spalla għas-Soċjetà bil-ħidma tagħkom, għadkom ma tafux il-kobor u l-importanza ta' din l-istess ħidma u l-ġid li qed tkattru u l-legat li qegħdin tibnu!

Minn hawn nixtieq insellem il-memorja tal-ħabib tagħna Carmel Briffa, Teżorier ta' din is-Soċjetà għal aktar minn erbgħin sena u membru tal-Kumitat Eżekuttiv għal aktar minn ħamsin sena, li għadda ħesrem għall-ħajja ta' dejjem fid-29 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet. Karmnu ħalla legat b'saħħtu ta'ħidma grandjuża li ssarfet f'ġid kbir kemm għas-Soċjetà kif ukoll għall-Festa ta' Santa Marija. In-nuqqas tal-preżenza fiżika tiegħu jinħass kuljum, però il-preżenza spiritwali tiegħu fostna tinħass ukoll! L-id u l-moħħ ta' Karmnu kienu kruċjali f'kull proġett li sar mis-Soċjetà matul l-aħħar nofs seklu. X'ma nkunux kburin u rikonoxxenti lejn ħidmietek Karm! Minn hawn ukoll insellem il-memorja ta' Mikiel Żammit, bandist tal-post u pijunier tal-Banda b'servizz ta' aktar minn sittin sena, li għadda għall-ħajja ta' dejjem fit-8 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet.





*Il-funeral ta' Carmel Briffa*

Min jaf kemm bandisti żgħażagħ trawwmu għall-banda permezz ta' Mikiel! Minn hawn f'isem is-Soċjetà kollha nsellem il-memorja tas-soċji kollha li għaddew għall-ħajja ta' dejjem matul l-aħħar sena filwaqt li nestendi l-kondoljanzi tagħna lill-familjari.

Minn hawn nawgura kull suċċess lil Jonathan Mifsud fil-kariga ta' Teżorier u lil Joseph Briffa bħala Assistent filwaqt li nirringrazzjaw lil Joseph Galea tas-servizz fil-Kumitat Eżekuttiv u nilqgħu lil Osvaldo Vella bħala membru ġdid.

L-impenn mill-Kumitat Eżekuttiv u mill-Fergħat, għalkemm b'bosta restrizzjonijiet xorta waħda ma naqasx


THE FOUNDATIONS OF AN ICON
An icon of contemporary architecture, Valletta's Parliament building is the first of its kind in Malta. Consisting of two massive blocks of stone, carefully balanced on slender columns as part of a UNESCO World Heritage Site, the foundation required a very special substructure. We're proud to have worked with an exceptional team of architects, structural engineers and surveyors, to create the advanced foundations needed for the iconic building in which the most important decisions are taken for our country.
POLIDANO

u kull Fergħa fi ħdan is-Soċjetà kienet impenjata qagħtih b'ħidma u proġetti li finalment ser iwassluna għal dawn il-ġimgħat tant mistennija tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fejn jekk Alla jrid kulħadd ser igawdi l-frott ta' tant ħidma u sagrifiċċju personali. Bħala Kumitat Eżekuttiv prijorità tagħna għas-sena amministrattiva kien l-proġett tal-estensjoni tal-imħażen tal-armar fejn wara li lestejna l-kostruzzjoni, issa lestejna wkoll il-*finishings* bħal kisi, tibjid, egħluq tal-aperturi u mogħdijja tas-servizzi ta' dawl u ilma. Din il-fażi tal-proġett kellha wkoll il-fiduċja tal-Fondazzjoni Gal Xlokk u s-Servizzi Ewropej f'Malta li minn hawn nirringrazzjawhom tal-fiduċja. Żgur ukoll li kellna l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u bosta partitarji li xammru l-kmiem għall-ħafna xogħol ieħor biex dan il-proġett seta' jkun komplut u ta' suċċess. Għal din il-fażi nirringrazzja lil sħabi kollha membri tal-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-partitarji Mark Cardona, Justin Galea li kienu strumentali fil-mogħdija tas-servizzi, kif ukoll Luke Vella, Steve Cardona, Isaac Ellul, Ian Camilleri, Ryan Cassar, Edward Galea u Simon



*Waqt l-għoti tal-konkos*

Saliba tas-sostenn ġenerali f'ħafna xogħol li għamilna flimkien f'din il-fażi tal-proġett. Matul din il-fażi ġejna bżonn ukoll l-għajnuna ta' diversi nġenji u servizzi manwali u professjonali li minn hawn nerġa ntenni l-gratitudni b'mod partikulari lil Elbros Group, Zahra Group, Polidano Group, MJK, Frankie Grech, Ninu Galea, Kevin Camenzuli, l-Periti l-Onor. Toni Bezzina u Manuel Zammit u l-Uffiċjal tas-Saħħa u Sigurtà Stanley Azzopardi. Grazzi wkoll lir-residenti li jgħixu viċin l-imħażen tal-koperazzjoni sħiħa li dejjem tawna. Proprju fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju kellna l-opportunità li nuru l-progress li sar matul dan il-proġett lill-partitarji permezz ta' *Open Weekend* fejn minn hawn nirringrazzja lil kull min żar il-binja tal-maħżen.

Prioritajiet oħrajn li kellna matul is-sena bħala Kumitat Eżekuttiv ssarrfu lkoll f'suċċess, bħal pereżempju r-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza, il-proġett tar-restawr tal-Kantina tal-Każin, it-tisbiħ tal-faċċata tal-Każin permezz ta' twaħħil ta' irħam u żonqor, il-proġetti ta' sistema moderna ta' arja kundizzjonata fis-sala tal-Banda u s-sala l-ġdida kif ukoll sistema ta' pannelli



*It-tielet sular tal-maħżen bid-dawl mgħoddi u mbajjad*




*Ir-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza*



*Ir-restawr tal-kantina tal-każin*



*Twaħħil taż-żonqor u tal-irħam mal-faċċata tal-każin*

# KRISTIANNE
## PHARMACY

Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq
Tel: 27791321/2

Triq iċ-Ċavi, Imqabba
Tel: 27791323

info@kristianne.com.mt

**Opening Hours:**

| | |
|---|---|
| Monday to Saturday | 8:00am - 12:30pm |
| | 4:00pm - 7:00pm |
| Sunday | According to roster |



*Leadership Boardroom*

akustiċi fis-sala l-ġdida flimkien ukoll mal-proġett tal-Kamra għal-Laqgħat u arkivjar li tinsab fl-aħħar sular fil-Każin. Dawn il-proġetti kienu possibbli bil-ħidma kbira mwettqa mill-Kumitat Eżekuttiv u bis-sostenn ta' entitajiet varji fosthom l-MTA, l-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti u l-Ministeru tar-Riċerka u Innovazzjoni. Dawn il-proposti ma setgħux ikunu possibbli mingħajr il-ħidma kbira tat-tim inkarigat mill-applikazzjonijiet b'mod partikulari Marica Grima u Jean Carl Grech. Minn hawn nirringrazzja wkoll lis-Sur Michael Ghigo tal-ħidma mwettqa fuq diversi proġetti b'mod partikulari fuq il-proġett tal-planċier fejn din is-sena ser inkunu qed naraw aktar elementi ġodda li jkomplu jsebbħu dan il-proġett artistiku b'artistrija liema bħalha tal-artist bravissimu Għawdxi Manuel Grech.

L-għan ewlieni ta' din il-ħidma solida mill-Kumitat Eżekuttiv huwa li nħallu lis-Soċjetà bl-infrastruttura neċessarji biex il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jkollhom iktar opportunitajiet fejn jimirħu, jagħrfu u jutilizzaw il-potenzjal u t-talenti tagħhom f'ambjent sagħan u akkoljenti li jippromwovi kull tip ta' żvilupp kemm għall-membri kif ukoll għas-Soċjetà inġenerali bit-tkabbir tal-valur tal-propjetà intellettwali f'aktar ħolqien ta' innovazzjonijiet u kreazzjonijiet artistiċi, flimkien ukoll mat-tkabbir tal-valur tal-assi tas-Soċjetà. It-triq 'il quddiem ser tkun iffukata fuq dawn it-tragwardi u għalhekk qed nitlob kull għajnuna u sostenn tal-Fergħat, Soċji, Partitarji u Benefatturi biex ilkoll flimkien inkomplu nibnu Soċjetà aktar b'saħħitha.

Jekk Alla jrid, il-Festa ta' din is-sena ser tkun waħda kompluta li tagħmel ġieħ lis-Soċjetà u lill-Patruna Santa Marija, għalhekk inħeġġeġ lill-Imqabbin kollha u lill-ammiraturi tal-Festi Maltin biex jingħaqdu magħna għal ġimgħa sħiħa ta' ċelebrazzjonijiet esterni karatterizzati mill-briju tal-Baned, talenti mużikali, spettakli ta' briju organizzat, spettakli ta' nar tal-ajru u tal-art, ġmiel ta' armar artistiku u l-purċissjoni devota bil-vara tal-Assunta fil-Għid TagħHa. Minn hawn nirringrazzja u nawgura kull suċċess lill-Fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà f'dak kollu li għandhom ippreparat. Nappella wkoll għall-preżenza fil-funzjonijiet fil-Knisja Parrokkjali matul il-ġranet tal-Kwindiċina u matul il-ġimgħa tal-Festa ħalli flimkien nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna kif jixraq. Proprju din is-sena qed infakkru l-75 anniversarju mit-trasformazzjoni tal-ewwel korp mużikali fl-Imqabba l-Orkestra Santa Marija fil-Banda Re Ġorġ V kif ukoll il-25 anniversarju mill-ħatra ta' Mro David Agius bħala Surmast Direttur. Bħala Kumitat Eżekuttiv ħassejna li m'għandniex innaqqsu mill-Festa ta' din is-sena għalkemm il-pandemija ħalliet diversi riperkussjonijiet finanzjarji, però dan ma jaqtalniex qalbna għaliex dejjem sibna s-sostenn finanzjarju tagħkom is-soċji, partitarji u benefatturi, għalhekk din is-sena wkoll qed nagħmlu appell speċjali lilkom ilkoll biex tkunu ġenerużi kemm tistgħu sabiex jittaffew ftit minn l-ispejjeż relatati mal-Festa li dejjem qegħdin jikbru.

Minn dawn l-aħħar versi nixtieq fl-okkażjoni sabiħa tal-Festa, nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor kien ta' għajnuna għas-Soċjetà tagħna kemm fil-Festa Titulari ta' Santa Marija kif ukoll matul is-sena. Nirringrazzja b'mod partikulari lil sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv tas-sostenn u l-ħidma, lis-soċji kollha, Fergħat u lill-partitarji. Lill-benefatturi li għall-kull bżonn inħabbtu biebhom ngħidilhom li għandhom post speċjali dejjiemi fil-qalb tas-Soċjetà tagħna filwaqt li nestendi l-gratitudni tagħna lejhom. Nixtieq ukoll li niftakru u nsellmu lill-ħutna l-emigranti li għalkemm jinsabu l-bogħod il-qalb tagħhom tkun hawn tħabbat ma tagħna. Niftakru u nsellmu wkoll lill-anzjani u l-morda tagħna li mingħajr dubju grazzi wkoll għall-ħidma tagħhom fil-passat li llum il-ġurnata qed ingawdu tant frott mill-ħidma u sagrifiċċji tagħhom.

F'isem is-Soċjetà nixtieq nirringrazzja lill-Konsulent Legali tas-Soċjetà Dr Mark Portelli u lill-Periti l-Onor. Toni Bezzina, is-Sur Manuel Zammit, s-Sur Omar Caruana, s-Sur Ivynne Grixti u l-E.T. Prof Lino Bianco. Grazzi wkoll lis-Surmast Mro David Agius, l-Assistent Surmast Mro Rene Camilleri, l-Għalliem tar-Ramm Mro Neil Żammit u lis-Sur Andrew Vassallo Licensee tal-Post tan-Nar.

Insellem ukoll u nirringrazzjaw lil Kappillan Fr John Curmi u Kleru, lis-Sindku s-Sinjura Grace Marie Zerafa, Viċi Sindku, Kunsilliera, SE u ħaddiema fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imqabba, lill-Pulizija tad-distrett kif ukoll lil Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda. Żgur ukoll li apprezzament ieħor għandu jkun lill-Ministri u Deputati kollha tad-Distrett tas-sostenn li dejjem sibna minn għandhom f'kull bżonn. Minn hawn insellem u f'isem is-Soċjetà nagħti merħba lil kull min ġie joqgħod l-Imqabba matul din is-sena u nistiedinhom jingħaqdu magħna bi ħġarhom għal din il-Festa tal-Imqabbin.

B'ottimiżmu u kuraġġ ejjew ilkoll flimkien inkomplu b'din il-missjoni tagħna fi ħdan din is-Soċjetà Glorjuża biex inkomplu nibnu fuq is-suċċessi miksubin matul iż-żminijiet, bis-suċċessi u l-unuri li qed jinkisbu fil-preżent u bis-suċċessi u l-unuri li għad iridu jiġu fil-futur. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V hija n-nies membri fi ħdanha mhux biss il-binja, għalhekk is-Soċjetà hi kull wieħed u waħda minnkom. Dan jagħtikom l-isbaħ privileġġ li tagħmlu d-differenza b'sehemkom u b'ħidmietkom, biex is-Soċjetà u l-Festa tant għażiża ta' Santa Marija fl-Imqabba jkomplu jissaħħu matul iż-żmien illi ġej. Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd b'mod speċjali lill-Imqabbin!

Viva Santa Marija!

# TAR-ROBBA Recycling Centre LIMITED

Tar-Robba l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332 Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



# TAR-ROBBA ta' pataw LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks









Messaġġ tas-Sindku

# Minjiera ta' talent u informazzjoni

Grace Marie Zerafa



Għeżież Soċji u Partitarji,

Wara assenza ta' sentejn, ser inkunu qegħdin nerġgħu niċċelebraw il-festi Maltin. Stennejna b'ħerqa kbira li nkunu nistgħu nibdew ngħixu ħajjitna b'mod normali u nkomplu nagħmlu dawk l-affarijiet li konna nagħmlu qabel bdiet il-pandemija tal-Covid-19. Fl-Imqabba l-festi kienu parti mill-ħajja normali u għalhekk bħalissa qegħdin nistennew b'ħerqa l-festi biex b'hekk inkomplu nkabbru l-kultura u t-tradizzjonijiet Maltin u nkomplu fejn ħallew missirijietna.

Personalment niddeskrivi l-festi Maltin bħala minjiera ta' talent u informazzjoni għaliex meta wieħed jara u japprezza x-xogħol kollu li jsir b'tant reqqa minn persuni differenti, minn żgħażagħ, nisa u rġiel kif ukoll anzjani, ix-xogħol li jsir huwa inspjegabbli. Tajjeb li wieħed ifakkar illi dan ix-xogħol kollu jsir fuq bażi volontarja, isir mill-qalb mingħajr ħadd ma jkun qiegħed jippretendi xejn lura. Għalhekk il-prodott finali jkun dejjem l-aħjar li wieħed jew waħda jkun jista' jagħti, għaliex ix-xogħol ikun veru sar mill-qalb. Ħafna drabi dan ix-xogħol joħroġ it-talent ta' ħafna nies li jvarja minn talent mużikali, għal talent artistiku fix-xogħol tal-armar u l-logħob tan-nar, għal talent amministrattiv u organizzattiv biex jittellgħu numru ta' attivitajiet matul is-sena.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V hija waħda mis-soċjetajiet li dejjem tara kif ser tipprova tkabbar it-talenti tal-persuni fi ħdanha permezz ta' diversi inizjattivi. Propju fi żmien l-Għid is-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan din is-Soċjetà tellgħu dramm mill-isbaħ bl-isem "X'inhi Mħabba!", fejn urew il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fi żminijiet tal-lum. Flimkien ma' dan id-dramm, għal sena oħra, reġgħet ittellgħet il-wirja La Semana Santa de España fl-Imqabba, wirja oriġinali u unika fil-gżejjer Maltin minħabba x-xogħol tal-idejn u d-dettal li fihom l-istatwi. Din il-wirja ssir bl-għajnuna tal-bravu s-Sur Michael Chetcuti flimkien mat-tim tiegħu. Kienu bosta dawk li ġew raħalna sabiex iżuru l-wirja kif ukoll biex isegwu d-dramm.

Din is-sena, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qiegħda tfakkar żewġ anniversarji importanti li t-tnejn li huma marbutin mal-Banda Re Ġorġ V. L-ewwel wieħed huwa l-75 sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V, li rat it-twaqqif tagħha fl-1947. Matul dawn il-75 sena, il-Banda Re Ġorġ V rawmet numru kbir ta' bandisti li bis-saħħa tagħhom telgħet numru ta' avvenimenti mużikali kemm lokali, kif ukoll fuq bażi nazzjonali u anke internazzjonali. Banda trid surmast biex jidderiġiha, u l-anniversarju l-ieħor huwa propju l-25 sena ta' Mro David Agius bħala Surmast tal-Banda Re Ġorġ V. Taħt it-tmexxija tas-Surmast Agius, il-banda kompliet tissaħħaħ u tikber minn sena għall-oħra kemm bin-numru ta' bandisti kif ukoll b'programmi mużikali ta' livell għoli. Huwa sabiħ li jitfakkru dawn l-anniversarji ħalli jitkompla x-xogħol mibdi minn missirijietna b'tant sagrifiċċju b'modi aktar addattati moderni biex jibqgħu relevanti għaż-żminijiet tal-lum mingħajr ma jtellfu l-iskop oriġinali li kienu ġew imwaqqaf għalihom.

F'dan l-artiklu ma nistax ma nsellimx il-memorja tas-Sur Carmel Briffa, eks kaxxier ta' din is-Soċjetà, illi sfortunatament ħallina f'Diċembru tal-2021. Is-Sur Briffa, filwaqt li kien pilastru importanti għal din is-Soċjetà, kien persuna maħbuba u rispettata minn bosta u dan jixhduh l-ammont kbir ta' nies li attendew meta ngħatatlu l-aħħar tislima. Nies bħas-Sur Briffa u oħrajn bħalu li wieħed isib f'kull għaqda, huma xempju ta' kif bil-għaqal u fis-silenzju, wieħed jasal u jirbaħ kull ostaklu fil-ħajja. Għalhekk l-importanza tal-anniversarji, biex dak li bdew u ħadmu għalih nies bħal Carmel Briffa, jibqa' jissaħħaħ matul is-snin.

Żewġ appelli żgħar fl-aħħar tal-messaġġ tiegħi. Għandna niċċelebraw il-festa bħala raħal magħqud u niċċelebraw festa qaddisa u nitolbu lill-Madonna sabiex iżżomm idejHa fuqna. Niftakru wkoll f'dawk kollha li ħallewna kif ukoll f'dawk kollha li bħalissa għaddejjin minn żmien diffiċli.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi flimkien mal-familja tiegħi, nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom l-festa ta' Santa Marija t-tajba lil kulħadd.



Reno Farrugia
Funeral Service
Għall Kull Xogħol
Ta' Funerali 24/7
16, Emerald, Triq Il-Konvoy ta' Santa Marija, Mqabba. Mob: 9949 1477



## Messaġġ mill-Kappillan

# Santa Marija: Ser tressaqna lejn Ġesù?

**Fr John P.Curmi**



Hekk trid tkun festa reliġjuża ta' vera: waħda li tressaqna lejn Ġesù. Inħallu u nitolbu lil Marija tressaqna lejn Ġesù. Jekk il-festi ma jressquniex lejn Ġesù jkunu fallew, isiru karnival reliġjuż, flok induru bir-Re tal-karnival, induru bi Kristu, bil-Madonna u bil-Qaddisin.

Sbieħ il-murtali u x-xows tan-nar fil-festi tagħna, ipaxxuna. Sabiħ id-daqq tal-banda u l-marċijiet iferrħuna. Sabiħ l-armar tal-pjazez u tat-toroq, jaffaxinana. Sabiħ il-volontarjat fil-festi tagħna; jispirana. Iżda jekk il-festa ma tqanqalx il-fidi, ma tressaqniex lejn Kristu u lejn il-knisja tiegħu; jekk il-festa ma tħeġġiġniex biex nersqu aktar lejn Ġesù, biex nagħrfuh aktar, inħobbuh aktar, ningħaqdu miegħu aktar u nkunu dixxipli u appostli tiegħu, allura l-festa tkun fiergħa.

Darba kont mistieden għall-festin ta' tifel li għamel l-Ewwel Tqarbina. Il-festin kellu jsir f'sala lussuża. Is-sala kienet ftit imdallma xħin wasalt, b'ħoss qawwi ta' mużika disko għaż-żfin. L-adulti kienu hemm jiżfnu u jiddivertu flimkien iżda t-tfal baħħ. Fejn huma t-tfal saqsejt lili nnifsi? Ma domtx ma ntbaħt li t-tfal kienu fil-bitħa ta' wara jilgħabu bil-ballun. Saqsejt lili nnifsi l-festa ta' min kienet, tal-adulti jew tat-tifel?

Meta fil-festi nara l-bypass mimlija bin-nies għax-xow tan-nar (prosit); meta nara l-pjazza mimlija għall marċ (prosit); u l-knisja kważi nofhsa vojta (x'ħasra); jiena nsaqsi ta' min hi l-festa?

Nawgura l-festa t-tajba. Ħudu pjaċir iżda ħallu lil Marija tressaqkom lejn Ġesù.






# GAMBLING PROBLEM?

## SEEK HELP

## CALL 1777

All information will be
treated confidentially

RESPONSIBLE
GAMING
FOUNDATION
www.rgf.org.mt














GasanMamo
INSURANCE
we're always there

NO MATTER WHAT
LIFE THROWS AT YOU,
IT'S HOW YOU DEAL
WITH IT THAT MATTERS!



**Ħal Safi**
**61, Żurrieq Road**
T: (+356) 2768 2095, 2168 2095

**Joseph Busuttil Ltd.** Tied Insurance Intermediary • jbs16@hotmail.com

Joseph Busuttil Ltd. (Enrolment No. C94669) is authorised under the Insurance Distribution Act & licensed to carry out Tied Insurance Intermediary activities for GasanMamo Insurance Ltd., which is authorised under the Insurance Business Act & regulated by the MFSA.

**GASANMAMO.COM**



## Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali

# Festa kompluta wara sentejn ristretti

**Antoine Farrugia**



Għeżież soċji, partitarji, benefatturi u ammiraturi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, ninsabu ftit ġimgħat il-bogħod minn festa oħra ad unur Marija Assunta – Patruna tal-Imqabbin u l-Maltin kollha. Festa kompluta li għal dawn l-aħħar sentejn minħabba l-pandemija ġejna ristretti li norganizzaw però xorta nħarġet il-pubblikazzjoni annwali.

Nibda dawn il-kelmtejn tiegħi bi sħaba sewda li għaddiet minn fuq is-Soċjetà tagħna fix-xahar ta' Diċembru. Propju fil-bidu tax-xahar ta' Diċembru, il-banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija ġarrbet it-telfa tal-eks-bandist tal-banda s-Sur Mikiel Zammit. Mikiel, għamel servizz ta' 'l fuq minn 50 sena jdoqq il-baxx u propju ħalliena ftit jiem qabel bdejna niċċelebraw il-75 anniversarju mill-formazzjoni tal-orkestra Santa Marija għall-Banda Re Ġorġ V kif nafuha llum. Mikiel ukoll jidher iżomm l-emblema tal-orkestra fir-ritratt li ttieħed fl-okkażjoni tad-debutt fit-tieni tridu ta-Festa Titulari fl-1945 meta fl-Imqabba lanqas kienet għadha ġiet imwaqqfa banda!

Propju ftit ġimgħat wara tlifna pilastru fi ħdan is-Soċjetà tagħna - is-sur Carmel Briffa li ħalliena ħabta u sabta propju fl-aħħar jiem tas-sena l-oħra. S-Sur Briffa għamel iktar minn 50 sena f'karigi tas-Soċjetà fosthom segretarju u kaxxier. Is-Soċjetà u l-festa ta' Santa Marija kienu għeżież għalih daqs il-familja. Tant hu hekk li l-mewt biss firditu mis-Soċjetà għax miet inkariga ta' kaxxier. Minkejja r-restrizzjonijiet li kien hemm xorta s-Soċjetà tagħtu ġieh mistħoqq fil-jum tal-funeral tiegħu. Persważi li kemm Mikiel kif ukoll Karmnu qegħdin igawdu lil Ommna Marija fis-sema!

F'Jannar imtlew il-postijiet vakanti fil-Kumitat Eżekuttiv permezz tal-ħatra ta' Teżorier is-Sur Jonathan Mifsud u l-co-option ta' tas-Sur Osvaldo Vella bħala membru tal-Kumitat Eżekuttiv. Nawguralhom ħidma fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. Nirringrazzja wkoll lis-sur Joseph Galea li ukoll kien parti mill-Kumitat Eżekuttiv.

Nifraħ ukoll lis-sur Omar Farrugia eks-sindku tar-raħal li ġie elett fl-Elezzjoni Ġenerali bħala membru parlamentari u nawguraw lis-Sinjura Grace Marie Zerafa għall-ħatra tagħha bħala sindku ta' raħalna. Grazzi tas-sapport li toffru lis-soċjetajiet mużikali f'raħalna biex titkattar il-kultura.

Matul dan iż-żmien ta' pandemija, s-Soċjetà tagħna ma qagħdetx tħares u ma tagħmel xejn. Permezz tas-Sur Michael Ghigo u lit-tim tiegħu li komplew ix-xogħol fuq il-planċier fejn f'dawn il-jiem ser ikun qed jintrama biex isir xi xogħol meħtieġ fuq il-pilastri. U









# Albion Vrt Station

**Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731**
**Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576**
**Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt**
**Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm Saturday 7.30am – 1.00pm**





**FOR:** **VRT TESTS AND INSPECTIONS**
**VEHICLE SERVICING AND REPAIRS**
**COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT**
**AIRCONDITION SERVICE AND REFILL**
**CAR BATTERIES**
**INSURANCE SALES**

LIKE US ON facebook

TOTAL Lubricants




**3**
***YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES***

MAPFRE | MIDDLESEA

Flora Grech is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553). Mapfre Middlesea is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Mapfre Middlesea and Flora Grech are authorised by the MFSA.

# Contact us for a quotation

kif semmejna l-planċier nixtieq ukoll nirringrazzja s-sezzjoni armar taħt it-treġija tas-Sur Ian Camilleri fejn kompla jsir xogħol ġdid t'armar u restawr ta' armar eżistenti fosthom il-pedestalli tal-anġli li narmaw fit-triq il-Parroċċa. Hawn ta' min isemmi u jfaħħar il-proġett tal-estensjoni tal-imħażen b'żewġ sulari li l-ftuħ tiegħu sar fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju. Din l-estensjoni saret biex barra li l-armar jiġi ppustjat b'iktar kumdita, jingħataw tagħlim fuq xogħol relatat mal-armar u t-tiżjin fil-festa titulari. Grazzi mill-qalb lill-membri tal-kumitat, soċji u partitarji li taw sehemhom f'dan il-proġett ambizzjuż li sar waqt is-sentejn ta' pandemija. Minn hawn nieħu spunt biex nirringrazzja lit-tim tal-armar tat-toroq fejn bħalissa għaddejjin jarmaw il-fistuni biex ir-raħal ikun armat kif jixraq għall-Festa Titulari.

Il-Klabb tat-tfal tat-Titular u l-Adolexxenti baqgħu għaddejjin bl-attivitajiet tagħhom. Fuq inizjattiva tas-Sinjura Maria Galea u l-benefattur s-Sur Ġanni Ghigo, fil-festa tas-sena l-oħra ġiet imżanżna vara ntiża biex tibda tiġi organizzata l-festa tfal.

Wara l-Festa Titulari tas-sena l-oħra, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ ġie ffurmat minn membri ġodda u oħrajn ta' esperjenza. Hawnhekk nixtieq nifraħ lis-Sur Jeremy Buttigieg fil-kariga ta' President u nirringrazzja lis-sur Jean Paul Muscat tal-ħidma tiegħu b'risq din is-sezzjoni. Għalkemm konna magħfusin bir-restrizzjonijiet xorta ġew organizzati ċertu attivitajiet fosthom tqassim ta' ikel fid-djar, tqassim ta' rigali fi żmien il-Milied, u kif tneħħew ir-restrizzjonijiet bdew isiru iktar attivitajiet fil-miftuħ. B'hekk setgħu jsiru ċerti nvestimenti fit-tul fejn tidħol organizzazzjoni ta' briju. Din is-sena wkoll reġgħet irritornat il-wirja La Semana Santa kif ukoll id-dramm fis-Sotterran tas-sede tas-Soċjetà miktub mis-sur JeanPaul Muscat bit-tema kurrenti tkun il-"*Bullying*".

B'membri ħabrieka fil-Kumitat Eżekuttiv il-fondi għall-proġetti baqgħu ġejjin. Matul din l-aħħar sena sar restawr estensiv tas-Sotterran tas-sede tas-Soċjetà; it-tqegħid ta' rħam ġdid fil-faċċata tas-Soċjetà; installazzjoni u bdil ta' sistema tal-arja kundizzjonata ġewwa s-sala tal-banda u s-sala l-ġdida flimkien ma' *sound acoustic pannelling* ġdid minħabba l-kunċerti.

L-Għaqda tan-nar tal-art u tal-ajru komplew bix-xogħol innovattiv tagħhom. Minkejja l-prezzijiet tal-materjal dejjem jogħla, l-membri tal-għaqda xorta jibqgħu jsebbħu s-smewwiet b'xogħol innovattiv kif rajna waqt il-festival tan-nar li sar fl-aħħar ta'April ġewwa l-Imqabba.

Kif aċċennajt iżjed kmieni l-Banda Re Ġorġ V qiegħda tiċċelebra l-75 sena mit-trasformazzjoni ta' banda minn orkestra. Din is-sena wkoll is-surmast Direttur Mro David Agius qed jiċċelebra l-25 sena anniversarju mill-ħatra tiegħu bħala surmast tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. Dawn iż-żewġ anniversarji ser ikunu qegħdin jiġu ċċelebrati nhar l-10 ta' Awwissu waqt il-Kunċert Vokali u Strumentali annwali.

Il-banda tagħna wkoll żammet is-soliti servizzi tagħha kemm barra raħalna kif ukoll fil-ġranet tal-festa. Kif qiegħed nsemmi l-banda, nawgura l-bandisti l-ġodda li sejrin jingħaqdu mal-banda tagħna għal l-ewwel darba u nħeġġeġ iktar ġenituri jibgħatu t-tfal tagħhom jitgħallmu strument. L-iskola tal-mużika toffri lezzjonijiet b'xejn minn għalliema professjonali. Ta' dan nirringrazzja lil Mro David Agius; lil Mro Rene Camilleri (Assistent Surmast) u lis-sur Neil Zammit (għalliem). Għal din is-sena rċivejna wkoll ammont ta' rikjesti biex il-banda tieħu sehem f'festi oħra però kontra qalbna ma ġewx aċċettati.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nirringrazzja lill-forza tal-ordni mmexxija mis-Supretendent Josric Mifsud tal-għajnuna kontinwa; lill-kappillan u lill-kleru; lill-membri parlamentari u kandidati; lis-Sindku u l-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill lokali tas-sapport kollu li jagħtuna. Nħeġġeġ lis-soċji, partitarji u benefatturi kif ukoll lill-Imqabbin kollha jattendu kemm għall-funzjonijiet reliġjużi u mbagħad wara għall-festi esterni. B'hekk inkunu kburin li ċċelebrajna festa ad unur Santa Marija – Patruna tal-Imqabba.

VIVA SANTA MARIJA u L-BANDA RE ĠORĠ V.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja lill-partitarji kollha li jagħtu sehemhom f'kull kummissjoni u s-sotto kumitati għall-impenn u d-dedikazzjoni li juru matul is-sena kollha, b'mod partikolari fil-festa.
Grazzi kbira lill-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà.


Ta' Disma
Funeral
Services
by
Disma & Selina
Choose how you
want to be
remembered. Then
forget all about it.
1, Triq Hector Dalli-Zejtun
Cava Crt, Flat 5,
Triq Xandru Farrugia, Mqabba
Mob:99499153-79265900-99824692



## Appell mit-Teżorier

# Il-ħajja trid tkompli u l-proġetti riedu xorta jitwettqu

**Jonathan Mifsud**



Għeżież Soċji, Partitarji u Benefatturi,

Ninsabu fix-xahar ta' Awwissu fejn fil-knisja kattolika madwar id-dinja tiġi ċċelebrata l-Festa ta' Santa Marija. Huwa x-xahar fejn naqtgħu l-frott tal-ħidma kollettiva li għamilna matul dawn l-aħħar xhur. Qiegħed nikteb għall-ewwel darba f'din il-paġna, u dan seħħ wara t-telfa bla mistennija tal-kaxxier Carmel Briffa li tant kont naħdem fil-qrib miegħu matul dawn l-aħħar snin. Kienu ġranet diffiċli għalina, iżda wara li ngħata t-tislima b'mod xieraq fiċ-ċirkustanzi tar-restrizzjonijiet tal-pandemija ridna nerġgħu ningranaw biex inkomplu l-ħidma. Żgur li ser nibqa' ngħożż il-mumenti ta' kemm ħdimna flimkien għal din is-Soċjetà. Hawnhekk nirringrazzja lil familjari tiegħu għall-kuraġġ u sostenn li sibna mingħandhom f'dawk il-mumenti diffiċli sabiex inkomplu nwettqu l-pjanijiet li kellu għal din is-Soċjetà. "Grazzi Karm!"

Kienu xhur ferm diffiċli għad-dħul finanzjarju, għax minħabba d-diversi restrizzjonijiet tal-pandemija ma stajniex niltaqgħu b'mod soċjali u minħabba dan il-fatt id-dħul finanzjarju naqas drastikament. Iżda l-ħajja trid tkompli u l-proġetti riedu xorta jitwettqu, kemm għal ġid tas-Soċjetà u kemm minħabba r-rabtiet li kellna ma aġenziji Governattivi minħabba xi fondi miksuba.

Fix-xahar ta' Awwissu 2021 inawgurajna r-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza fejn wieħed jista' jinnota li l-istatwa nżebgħat b'mod xieraq sabiex ikollha iżjed protezzjoni mill-elementi. F'Ottubru tlesta wkoll it-twaħħil tal-irħam mal-parti ta' isfel tal-faċċata tal-każin sabiex dan ġie jikkumplimenta mar-restawr tal-faċċata li kien sar ftit snin ilu. F'Diċembru sar restawr fil-kantina tal-każin fejn din ġiet imqaxxra kollha u l-fili ġew mimlija skont kif tirrikjedi s-sengħa.

F'Marzu ksibna wkoll xi fondi sabiex inkunu nistgħu niffinanzjaw parti minn sistema moderna u effiċjenti tal-arja kundizzjonata fis-sala tal-parti l-ġdida tal-każin kif ukoll fil-kamra ta' fejn isir it-tagħlim tal-banda. Żgur li dan il-proġett tejjeb il-kundizzjonijiet tat-tagħlim u l-prattika tal-kunċerti tal-Banda Re Ġorġ V li hija tant għal qalbna. Din is-sena qegħdin infakkru l-75 sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V kif ukoll 25 sena taħt id-direzzjoni tas-surmast David Agius. Dawn huma anniversarji sbieħ u min hawn nirringrazzja lil kull min matul dawn is-snin kien jifforma parti minn din il-banda li kompliet dejjem tiġġedded maż-żminijiet. Hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-allievi tal-banda, l-ġenituri tagħhom u l-għalliema tal-mużika tal-impenn li juru fit-tagħlim sabiex inkomplu nsaħħu l-qasam tal-banda.

F'Mejju lestejna x-xogħlijiet li kien għad fadal biex jitgħaddew is-sistemi tad-dawl u ilma fiż-żewġ sulari l-ġodda tal-maħżen. Issa jonqos s-sistema tal-lift sabiex inkunu nistgħu nagħmlu użu komplut mill-proġett. Kif tistgħu tinnutaw dan il-proġett tefa piż finanzjarju kbir fuq is-Soċjetà. Il-proġett tal-planċier kompla jżid fir-ritmu u żgur li ser tinnutaw il-bidliet f'dawn il-ġranet issa li beda jintrama fil-pjazza! Fil-ġimgħat li ġejjin ser jinbdew ix-xogħlijiet ta' immodernizzar fl-akustika tas-sala l-ġdida tal-każin wara li nkisbet għajnuna finanzjarja minn fondi tal-aġenziji Governattivi. Bħalma tistgħu taraw, dawn huma kollha investimenti li l-ġenerazzjonijiet futuri żgur sejrin igawdu minnhom!

Dawn il-proġetti kollha żgur ma setgħawx jitwettqu jekk mhux bl-għajnuna tad-diversi partitarji u kuntratturi li dejjem sibnihom ta' spalla magħna kif ukoll bid-donazzjonijiet finanzjarji tagħkom is-soċji, partitarji u benefatturi kif ukoll permezz tal-kollegi fis-Sezzjoni Proġetti u NGO's fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv li dejjem jħabirku sabiex napplikaw għal proġetti li jkunu mgħejuna minn fondi li jkunu maħruġa minn diversi entitajiet Governattivi u Ewropej. Hawn ukoll nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li volontarjament offrew il-ħin personali tagħhom jew silfulna xi makkinarju sabiex kienu involuti f'xi parti minn xi proġett partikolari. L-għajnuna manwali u professjonali tagħkom kienet ta' sostenn kbir għalina f'dawn iż-żminijiet u kompliet tagħtina kuraġġ għall-futur!

F'moħħna żammejna li l-festa ta' din is-sena nixtiequ li tiġi organizzata b'mod normali mingħajr l-ebda tnaqqis f'xi attivitajiet u għalhekk irridu noqgħodu kawti ħafna għal ispejjeż. Nappella sabiex tkunu ġenerużi fid-donazzjonijiet tagħkom. Nifhmu li d-dinja kollha għaddejja minn ċirkustanzi partikulari, iżda rridu nkomplu niggarantixxu dak li ksibna matul iż-żmien.

Minn dawn l-aħħar versi ta' nixtieq nirringrazzja lis-

# REMEDIES

Your well-being is our priority.




## MQABBA
*Pharmacy*

**GP Hours Mqabba**

| | |
|---|---|
| Monday | 8.30-10.00 , 15.30-17.00 |
| Tuesday | 8.30-10.00 , 15.30-17.00 |
| Wednesday | 15.30-17.00 |
| Thursday | 8.30-10.00 , 15.30-17.00 |
| Friday | 8.30- 10.00 , 15.30-17.00 |
| Saturday | 8.30-10.00 |

**Services & doctors :**
Dr. Victor Camilleri
*General Practitioner*
Ms. Nicola Camilleri
*Podiatrist* by appointment

**CALL FOR AVAILABILITY.**
We offer blood glucose, blood pressure and urinalysis testing.

2, Triq l-Imterrqa Mqabba
21641133
mqabba@ammangion.com

remedieshealthandbeauty
remediespharmaciesandclinics
www.remediespharmacies.com

soċji, partitarji u benefatturi kollha tas-Soċjetà b'mod speċjali lil Elbros Group, Zahra Group u Polidano Group tal-għajnuna li dejjem sibna matul iż-żmien. Ejjew, u ħeġġu lil ħadd ieħor, sabiex tkomplu tkunu ġenerużi fl-għajnuna tagħkom ħalli l-piżijiet jinqasmu iżjed u b'hekk żgur li kulħadd jibqa' jaħdem f'katina waħda mingħajr piż-żejjed. Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex tattendu għal funzjonijiet kollha tal-knisja. Ejjew ħalli lkoll flimkien niċċelebraw festa kbira! Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin!







**MOIRA MAGRO TII LTD**
Tied Insurance Intermediary

Triq Manwel Sciberras, Qrendi QRD1681
**T**: 2164 7694 **M**: 7921 1175
**E**: insurance@moiramagro.com
www.facebook.com/moiramagrotii

MAPFRE

**The Products are manufactured by MMS/MSV and distributed by Moira Magro TII Ltd*

Moira Magro TII Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for MAPFRE. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (C-5553) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (C-15722). Both entities are authorised under the Insurance Business Act. All entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.



## Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

# Devozzjoni li missirijietna dejjem kellhom lejn Santa Marija

**Patri Joseph Zahra O.P.**



Għal grazzja t'Alla qed nerġgħu niċċelebraw il-Festi tagħna bħalma konna mdorrijin bihom.

Il-Festa ta' Santa Marija, hija festa għażiża ħafna għalina l-Maltin għal fatt li ħafna grazzji huma marbuta magħha u mad-devozzjoni li missirijietna dejjem kellhom lejha matul iż-żminijiet. Xhieda ta' dan huwa n-numru ta' knejjes u kappelli dedikati lill-Assunta.

F'dan il-Għid tal-Assunta, aħna ninsabu mistednin biex nirrikorru lejn il-Madonna u nħalluha tkellimna. Forsi reġa' spiċċa ż-żmien, li mmorru għandha mgħobbijin b'dak li rridu ngħidulha. Hemm bżonn li nisktu u naraw jekk dak li qegħdin ngħixu huwiex skont dak li għalieh għexet hi.

Kif ser naraw? Irridu nitilqu mill-fatt li aħna qegħdin niċċelebrawha. Il-festa ssir biex l-ewwel u qabel kollox nagħtu ġieħ lil Alla talli magħna l-bnedmin kien kapaċi jagħmel ħwejjeġ kbar. Dan il-ġieħ lil Alla, aħna nagħtuhulu, għaliex f'Marija Ommna naraw li wettaq ħwejjeġ kbar, bħalma fl-aħħar mill-aħħar tipproklama hi stess fil-famuż "Manifikat" tagħha.

Fl-Assunzjoni tal-Madonna, naraw li Alla ssiġilla dak kollu li għamel f'Marija u permezz ta' Marija. Hekk narawha parteċipi fl-istess Qawmien ta' Kristu Ġesù, veru Alla u veru binha. Il-Madonna pproklamat ukoll li "min issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja".

Il-Festa Titulari u Parrokkjali tagħna f'din is-Solennità tal-Assunta, niċċelebrawha f'dan il-kuntest, li permezz tagħha aħna nfaħħru lil Marija u nibqgħu nipprokklamawha b'hienja. Dan jagħti glorja lil Alla għax kien hu li għażilha u ħatarha minn fost kulħadd biex tkun mogħtija kollha kemm hi għal misteru tal-Fidwa u hekk narawha b'rieda ħielsa taċċetta minn idejn Alla dak kollu li talabha, l-ewwel u qabel kollox biex tkun l-omm tal-Verb Divin tiegħu u hekk iseħħ il-misteru tal-Inkarnazzjoni.

Dan hu l-iskop li għalieh qegħdin naħlu saħħitna u nagħmlu festa kbira oħra. Le ma nagħmlux il-festi tagħna biex inħarsu lejn festi oħra u naraw li kemm jista' jkun ħadd ma jgħaddina f'xejn ħalli jkollna x'inqabblulhom u x'ngħidulhom (u hemm mod u mod kif tgħid ukoll !!) Il-Madonna żgur li ma tiħux gost li aħna u niċċelebrawha, inkunu kapaċi immaqdru lil bnedmin oħra. Mela dawn mhux uliedha ukoll?!

Għalhekk, qegħdin nagħmlu festa biex indawru ħarsitna mill-ġdid lejn il-Verġni Mbierka Marija Mtellgħa s-sema, u nħalluha tgħidilna x'jeħtiġilna tabilħaqq biex aħna wliedha ma nitilfux dak il-post etern li Ġesù Kristu rebħilna b'Demmu l-Qaddis. Tkun tassew ħasra jekk ma nfittxux tabilħaqq li nsalvaw irwieħna ħalli għal dejjem inkunu nistgħu niċċelebraw il-Festa dejjiema fis-sema maqgħudin flimkien f'Alla ma' Ommna l-Verġni Marija Assunta.

Nawgura kull Barka u l-Festa t-tajba lil kulħadd.

# Inħeġġu

## aktar nies jagħtu s-sehem tagħhom fl-armar tal-knisja

mcsims



## Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V

# 25 sena ta' evolviment fil-qasam mużikali

**David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM**



Għeżież ammiraturi tal-banda tagħna, insellmilkom! Minn din il-pubblikazzjoni ser nagħtikom xi ftit informazzjoni fuq il-ħidma tiegħi fi ħdan din is-Soċjetà bħala Surmast Direttur.

Għaddew 25 sena minn mindu nħtart bħala Surmast Direttur ta' din il-banda. Kienet l-ewwel banda li wriet il-fiduċja fija u grazzi għall-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien nistgħa ngħid kienet it-targa tal-bidu li ridt biex bqajt inkabbar it-talent tiegħi u wasalt fejn jien illum. Tul dawn l-aħħar 25 sena kelli diversi esperjenzi sbieħ li huma kruċjali fl-evolviment tiegħi fil-qasam mużikali.

Eżatt kif kont inħtart sibt ma' wiċċi kunċert li tellajna ġewwa s-sala Temi Zammit tal-Università ta' Malta fl-okkażjoni tal-50 sena banda. Hawnhekk kien l-ewwel impenn tiegħi bħala Surmast Direttur ta' din il-banda. Dan seħħ biss wara xahrejn li kont ġejt maħtur fis-27 ta' Marzu tal-1997. Jien kont ilqajt din l-isfida b'entużjażmu, għax hawn nixtieq insemmi li għalkemm kont għadni ma ġejt appuntat imkien bħala Surmast Direttur, jien kont diġà dderiġejt f'xi kunċerti mal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar fejn bdejt it-tagħlim mużikali tiegħi, kemm bħala għalliem kif ukoll bħala Assistent Surmast. Għalhekk diġà kelli xi ftit esperjenza.

Hawnhekk nieħu spunt u nixtieq ngħid li d-direzzjoni huwa talent mibni ġewwa fik, ma jiġix biss bl-akkademja u studju. Hemm ħafna fatturi li jmorru oltre mit-teorija meta niġu għal fatti! Jekk tkun wieħed li trid l-affarijiet sewwa hemm ħafna responsabbiltà li ġġorr fiha din il-kariga u jsir ħafna xogħol li ma jidhirx ġewwa s-skiet ta' darek biex wieħed jilħaq it-tragward meħtieġ.

Barra dan il-kunċert kien hemm diversi okkażjonijiet oħra li żgur jibqgħu mnaqqxa fil-karriera mużikali tiegħi u nibqa' nġorr is-sabiħ ta' dawn l-esperjenzi. Hawnhekk nixtieq insemmi l-ewwel Akkademja Mużikali ġewwa l-knisja fl-okkażjoni tal-50 sena Domma tal-Assunta. Kif inhu xieraq hawnhekk kont ikkomponejt silta mużikali li tfakkar din l-okkażjoni għall-vuċijiet u banda.

Din il-kompożizzjoni għandha l-versi tas-Sur Patrick Mallia. Din kienet l-ewwel okkażjoni għalija ta' Akkademja u għadni nżomm din l-esperjenza f'qalbi.

F'dawn il-25 sena kelli opportunità oħra ta' Akkademja Mużikali fil-175 sena mill-miġja tal-Vara Titulari ġewwa l-Imqabba fis-sena 2011. Hawnhekk kont ikkomponejt Oratorju – Bukkett ta' Mitt Warda lil Santa Marija fuq lirika ta' Chev. Carmel Bianchi.

Dan l-oratorju f'4 taqsimiet kien intlaqa tajjeb u din kienet okkażjoni oħra fejn l-eżekuzzjoni kienet milqugħa b'ovazzjoni li damet għal diversi minuti.

Issa ngħaddi għal waħda mill-ikbar esperjenzi ta' ħajti fil-qasam mużikali. Dan mhu xejn ħlief il-Kunċert ta' Santa Ċeċilja mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Baned f'Novembru tal-2005. Dan il-kunċert għalkemm għaddew s-snin baqgħa fuq fomm kulħadd u nies fil-qasam tal-mużika għadhom isemmuh sal-lum. Dan għaliex barra li t-teatru kien mimli, il-mużika li kienet intgħażlet kienet impenjattiva ferm, li b'wiċċi minn quddiem, ngħid ftit għad hawn baned li jesegwixxu din il-livell ta' mużika.



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba waqt l-Akkademja Mużikali fis-sena 2011*



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-kunċert ta' Santa Ċeċilja mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Baned f'Novembru tal-2005*



# Private Functions ...

If it is Baptism, Birthday, Anniversary, Reunion, Hens, Bachelors, Graduation, Staff, Baby Showers, Private Functions or a Retirement party, whether a sit down meal or astand up reception, we do it for you

Ask management for more details ...





Step in plus
RESTAURANT • BAR • LOUNGE

Wied iz-Zurrieq • Blue Grotto • Malta
T +356 2168 3104 • 9944 2084
Stepin Dine & Drink
www.stepinmalta.com

Fost il-kompożizzjonijiet ta' klassi li konna esewgejna, kien hemm il-Ballet Swan Lake ta' Pitor Illich Tchaikovsky, li kien fih 6 movimenti impenjattivi, Bachanalle Sanson e Dalila ta' Camille Saint Saens, Dier Fledermaus ta' Johann Strauss, Festive Overture ta' Dmitri Shostakovich, Lord of the Rings Overture, li kienet instemgħet għall-ewwel darba. Wkoll għal din l-okkażjoni kont ikkomponejt Kompożizzjoni Musical Impressions fejn permezz tagħha kont introduċejt il-banda sezzjoni sezzjoni.

F'din is-silta kont daħħalt ukoll l-arpa mal-banda li kienet xi ħaġa innovattiva għal dak iż-żmien. Għadni niftakar kif konna għamilna koreografija bid-dwal fejn bdejna nintroduċu kull sezzjoni tal-banda. Din kienet esperjenza oħra sabiħa li kompliet tagħtini stimulu biex nibqa' għaddej bil-ħidma tiegħi fi ħdan din is-Soċjetà. Hawnhekk nixtieq insemmi t-tifkira tal-għażiż President ta' dak iż-żmien il-mibki Carmel Zahra, fejn meta konna qed nippreparaw għal dan il-kunċert kien qalli "nixtieq li jkollna l-arpa mal-banda".

Jien dlonk ilqajt din l-inizjattiva u għalhekk kont ikkomponejt din is-silta wkoll inkludejt fil-programm il-Ballet Swan Lake għax fih kien hemm xogħol fuq l-arpa nkluż Cadenza twila bħala solo.

25 sena huma ħafna, għalhekk nistgħa ngħid li missejt kull okkażjoni li jista' jkollha banda. Fil-fatt f'dawn il-25 sena l-Banda kienet ġiet mistiedna għall-festa Del Popolo ġewwa l-Italja fejn hemm ma' diversi baned oħrajn ħadna sehem f'kunċerti mużikali. Kellna wkoll udjenza mal-Papa ta' dak iż-żmien Benedittu XVI u l-banda kienet daqqet ġewwa Sala Nervi fejn konna lqajna lill-Papa.



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan fis-sena 2007*

Barra dawn l-okkażjonijiet li elenkajt ma nistgħax ma nsemmix il-kunċerti kemm tal-festa li dejjem ħadt ħsieb li ninkludi mużika impenjattiva biex bqajt intellgħa l-livell tal-banda minn sena għall-oħra, wkoll tas-Semana Santa li dejjem rajt l-udjenzi dejjem jikbru. Matul dawn is-snin u għal dawn l-okkażjonijiet kienu diversi kompożizzjonijiet barra li semmejt hawn fuq, li kkomponejt għal din il-banda.

Il-pjan kien dejjem li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tibqgħa dejjem issemma leħinha u tkun ta' livell fost il-baned ewlenin ta' pajjiżna. Il-ħsieb ġie realtà għax il-Banda tagħna żiedet fil-popolarità u dan jixhdu fl-attendenzi li dejjem jiżdiedu kemm f'dawn il-kunċerti li semmejt kif ukoll fil-marċi li jsiru fi żmien il-festa fejn dejjem bqajt nara Soċjetà dejjem tissaħħaħ u tikber!

F'dawn l-aħħar sentejn ta' pandemija l-banda xorta impenjat ruħha bil-parteċipazzjoni fl-ewwel Festival tal-Kottonera, b'kunċert mużikali ieħor ġewwa l-Birgu. Il-Banda hawnhekk esegwiet diversi siltiet impenjattivi fosthom The Barthered Bride ta' Smetana u wkoll il-premier tal-Kompożizzjoni tas-Sur Ray Magri " Il-Gardjola".

Kif wieħed jistgħa jara dawn il-25 sena kienu impenjattivi u nistgħa ngħid li kuntent bl-evolviment tal-banda fejn issa wkoll għandna numru sabiħ ta' allievi li qegħdin jitgħallmu fl-iskola tagħna taħt id-direzzjoni tiegħi, kif ukoll tal-Assistant Surmast Rene' Camilleri u l-għalliem tal-istrumenti tar-Ramm Neil Zammit.

Infatti din is-sena ser jingħaqdu mal-banda żewġ allievi minn tiegħi Alysiah Gerada (klarinett) u Georgette Mangion (Sax Soprano).

Hawnhekk wieħed irid isemmi li f'dawn l-aħħar sentejn is-Soċjetà ħadet ħsieb il-kontinwità u bħala tagħlim baqgħa għaddej permezz tal-użu tat-teknoloġija. Issa reġa' kollox għan-normal. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil Assistent Surmast Rene' Camilleri li nsibu ta' spalla tajba fix-xogħol mużikali tagħna, kif ukoll lil għalliem tal-istrumenti tar-ramm is-Sur Neil Zammit għax xogħol siewi li jagħmlu. Dejjem inżommu f'moħħna "aħna kwalità rridu u mhux kwantità!"

Issa nasal biex nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi bir-ringrazzjamenti. L-ewwel nett ippermettuli li nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-1997 li kien wera fiduċja fija. Dak iż-żmien għadni niftakar lis-Segretarju Ġenerali ta' dak iż-żmien is-Sur Carmel Ellul jagħmel kuntatt miegħi biex jgħidli bil-post vakanti u għalhekk jara jekk kontx interessat. F'dak il-kumitat kien hemm fil-kariga bħala President il-mibki s-Sur Carmel Zahra, kif ukoll il-mibki, li ħalliena ftit tax-xhur ilu, l-Kaxxier is–Sur Carmel Briffa. Ippermettuli, ninsab kommoss nikteb dawn il-kelmtejn u niftakar f'dawn il-persuni li kienu kolonni għas-soċjetà tagħna.

Ma jistax jonqos li nirringrazzja lil kull minn kien jifforma parti mill–Kumitati f'dawn l-aħħar 25 sena u fuq kollox il-Kumitat Preżenti li huwa mmexxi mill-maħbub President tagħna s-Sur Carlo Sciberras, is-Segretarju Ġenerali s-Sur Antoine Farrugia u t-Teżorier is-sur Jonathan Mifsud. Nirringrazzjakom tal-fiduċja li dejjem urejtu fija u talli tifhmu d-direzzjoni li nagħtikom biex niżguraw li l-livell tal-banda jibqa' miexi 'l quddiem. Grazzi kbira tmur lil marti għas-sapport li dejjem tagħtini u tifimni għax biex nagħmel dan ix-xogħol inkun bogħod mill-familja għax jirrekjedi attenzjoni kbira biex nilħqu s-suċċess meħtieġ.

Fl-aħħar u mhux l-inqas lilkom partitarji numerużi tagħna li dejjem urejtu appoġġ u minn Soċjetà li ma kont naf lil ħadd, għamilt konoxxenza ta' diversi ħbieb u f'dawn l-aħħar 25 sena kbirna bħala familja waħda. Grazzi lil kulħadd u nibqgħu naħdmu għall-futur sabiħ.

Viva Santa Marija!

Il-Festa t-tajba lil kulħadd!!


Open DAILY
06:00hrs - 22:00hrs
Step 'n' Shop
all your DAILY NEEDS
• Free Bottle of STEP IN WINE with a purchase of over €60
• €10 Voucher from Step In Restaurants with a purchase of over €100
Terms & Conditions Apply
Step 'n' Shop • Żurrieq Centre • Żurrieq T + 356 2168 1190
Step 'n' Shop • Vjal ix-Xarolla • Żurrieq T + 356 2768 0008
Step 'n' Shop • Bubaqra Centre • Żurrieq T + 356 2768 2798



# Programm Strumentali Mill-Banda Re Ġorġ V

## L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, 2022 fid-9:00pm

The Avengers
*Alan Silvestri, arr. Michael Brown*

Omaggio al Circolo Giorgio V
*Mro David Agius*

Innu tal-Imqabba – Lil Raħal Twelidi
*Inġ. Mro Anthony Camilleri*

Overture - Odette
*Joseph M. Barbara*

Overture – Don Pasquale
*Gaetano Donizetti*

Overture Religioso – Fundatio
*Inġ. Mro Anthony Camilleri*
*Jidderieġi l-eks surmast Inġ. Mro Anthony Camilleri*

House of the Rising Sun
*The Animals, arr. Donald Furlano*
*Jidderieġi l-Assistent Surmast Mro Rene' Camilleri*

Marche Militaire
*Franz Schubert*

Granada
*Agustin Lara, arr. Anthony Chircop*

Fanfare and Ceremonial
*Mro David Agius*

Conquest of Paradise
*Vangelis, arr. Ron Sebregts*

Gran Finale b'nar sinkronizzat live, maħdum mis-Saint Mary Fireworks Factory, l-Imqabba

Innu lil Maria Assunta
*Leonard Farrugia*

Innu tal-Banda Re Ġorġ V
*Inġ. Mro Anthony Camilleri*

Milia's
pharmacy

# Pharmacy is OPEN ALL DAY

Monday - Friday: 7:30am - 9:00pm
Saturday: 7:30am - 7:00pm

**42, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq**
**t:** +356 2168 9971 • **m:** +356 7707 9508
**w:** miliaspharmacy.mt
**e:** pharmacyzurrieq@milias.com.mt

Like Us on Facebook



## Messaġġ mill-Assistent Surmast Direttur

# Bil-mod il-mod dieħla n-normalità fil-ħajja tagħna


**René Camilleri**
B.Eng.(Hons) (Melit), M.Sc (Brunel), ALCM




Għeżież, fl-aħħar reġgħet waslet festa kompluta. Kienu sentejn diffiċli mmens fejn apparti n-nuqqas t'attività fil-pjazza tal-Imqabba, il-banda tagħna kienet limitata fir-*reherseals* li setgħet ittella'. Issa li bil-mod qiegħda tidħol in-normalità fil-ħajja tagħna, hekk ukoll il-Banda Re Ġorġ V qiegħda tipprova żżomm il-kultura mużikali attiva. Dan ix-xogħol reġgħa beda permezz tal-kunċert prestiġjuż li l-Banda tellgħet fl-okkażjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Baned, f'Settembru 2021. Dan il-kunċert sar permezz ta' formazzjoni ta' mużiċisti li kienet tinkludi 30% bandisti tal-post, li minn hawnhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzjahom talli reġgħu bdew jieħdu interess fl-istrument wara waqfien ta' sentejn. Permezz tas-*St. Mary Youth Band*, reġgħu bdew isiru r-*reherseals* tal-kunċerti regolari għal mużiċisti żgħażagħ u magħhom qed jingħaqdu allievi li jkunu avvanzaw sabiex jidraw idoqqu fi grupp qabel jingħaqdu mal-banda sħiħa. Minn hawn nirringrazzja lis-Surmast David Agius u lill-għalliem Neil Zammit tal-koperazzjoni sabiex nżommu lill-mużiċisti preżenti u futuri motivati. Xempju ta' dan kien il-kunċert tal-allievi li ttella' f'Settembru li għadda u li minn 2019 sar appuntament annwali fejn il-mużiċisti jdoqqu quddiem il-ġenituri tagħhom u jingħataw ċertifikat. Hawnhekk inħeġġeġ lill-ġenituri biex jagħmlu kuntatt magħna u jagħtu l-opportunità lit-tfal tagħhom li jitgħallmu l-mużika fi ħdan l-iskola tal-Banda Re Ġorġ V. Uħud minn dawn l-allievi ser jieħdu sehem fl-ispettaklu kbir tal-aħħar tridu, u għalhekk l-iskola tal-mużika tagħna hija l-unika skola f'raħalna li tagħti dawn l-opportunitajiet uniċi.



*Il-Banda Re Ġorġ V fil-Festival Nazzjonali tal-Baned nhar il-21 ta' Settembru 2021 fil-Birgu*

L-effett tal-pandemija fuq il-Banda tagħna nħass b'mod dirett kemm ħabba l-waqfien tal-opportunitajiet lill-mużiċisti tagħna, kif ukoll fuq in-nuqqas ta' mużiċisti barra mill-lokal għas-servizzi mużikali tal-Banda Re Ġorġ V. Ħafna mużiċisti draw żewġ t'isjuf mingħajr ebda daqq, u għalhekk qiegħda tkun ħafna iktar diffiċli biex tingħaqad il-Banda f'kull servizz, b'mod speċjali fil-festa tagħna li taħbat mal-iktar perjodu impenjattiv għal bandisti Maltin. Sabiex nilqgħu għal dan, flimkien mad-delegat Chris Spiteri u s-segretarju Antoine Farrugia sar kuntatt mal-mużiċisti minn Diċembru 2021 u b'hekk il-Banda tkun tista' tonora s-servizzi tagħha għall-2022. Inkluż f'dawn is-servizzi huwa l-programm annwali ta' Jum il-Banda, fl-10 ta' Awwissu. L-ewwel parti ta' dan il-Kunċert ser tfakkar il-75 sena mill-formazzjoni tal-Banda, permezz ta' siltiet minn eks-Surmastrijiet diretturi tal-Banda Re Ġorġ V. It-tieni parti ser tkun b'mużika iktar leġġera, fil-waqt li tikkommemora l-25 sena anniversarju tas-Surmast David Agius li minn dan l-ispazju nawguralu għal dan l-anniversarju prestiġjuż. Huwa programm li jkompli fuq il-passi tal-kunċert kbir li sar nhar l-10 ta' Awwissu 2019 u b'hekk l-ebda dilettant tal-festi m'għandu jitilfu.



*L-allievi waqt il-kunċert quddiem il-ġenituri tagħhom*

Il-mużiċisti preżenti u futuri tal-Banda tagħna ser idoqqu mas-*St. Mary Youth Band* u d-*DJ* rinomat Ryan Spiteri propju waqt l-spettaklu tal-Marċ tat-Tielet Jum tat-Tridu. Dan il-kunċett uniku għal pajjiżna nbeda fil-festa tal-2019, b'formazzjoni ta' 8 mużiċisti flimkien


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 1.00pm & 4.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 2.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE
ITALY
HOLLAND
KOUDIJS
SPAIN
Grup Alimentari Guissona
ARION
Friskies
PURINA
PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
ADULT
Pedigree
VETERINARY
Hill's
SCIENCE PLAN
FORMULATED
CIMiAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU



*St. Mary Youth Band waqt l-ispettaklu tat-Tielet Jum tat-Tridu 2019*

ma' DJ. Din is-sena l-formazzjoni tas-*St. Mary Youth Band* ser tkun ta' 16-il mużiċist, bi tletin minuta ta' mużika kontinwa. Dawn l-ispettakli kollha ser isiru fuq il-planċier li kulħadd ser ikun jista' jinnota kambjamenti kbar fih, grazzi għal ħidma tal-ħabib Michael Ghigo.

Minkejja li s-sede tas-Soċjetà kienet magħluqa għal numru ta' xhur, il-Kummissjoni Banda baqgħet tiddiskuti b'mod virtwali l-attivitajiet u l-investimenti li għandhom isiru. Fil-fatt, permezz ta' fondi pubbliċi din is-sena ser jitlesta l-proġett ta' rinovar fis-sala l-ġdida sabiex b'hekk il-Banda jkollha sala moderna għal kunċerti u *recordings*. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu sistema ġdida t'arja kundizzjonata, disinn u installazzjoni ta' *sound panelling* professjonali u xogħlijiet fis-suffett. Is-sala tal-banda preżenti ġiet attrezzata b'sistema t'arja kundizzjonata ġdida sabiex b'hekk ser ikunu jistgħu jsiru lezzjonijiet u *reherseals* b'mod kontemporanju anke fil-ġranet Sajfin. Minn meta reġgħa nfetaħ il-Każin, inbeda proċess ta' *databasing* tal-mużika kollha li l-Banda għandha fl-arkivju. Minn hawn nixtieq nirringrazzja mill-qalb lill-Kumitat Eżekuttiv, b'mod speċjali lill-viċi segretarju Jean Carl Grech tal-interess u s-sigħat twal ta' ħidma f'dawn il-proġetti mmirati għall-immodernizzar tal-Banda tagħna.

Minn dan l-ispazju nixtieq nirringrazzja lill-mużiċisti tal-Banda Re Ġorġ V, allievi u ġenituri tal-ħin tagħhom tul is-sena kollha fil-waqt li minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Mqabbin kollha. Niltaqgħu għal festa oħra kompluta - Viva l-Patruna tagħna l-Imqabbin, Santa Marija!

Is-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V
tħeġġeġ lill-partitarji kollha jieħdu sehem
fil-marċi tal-festa,
filwaqt li jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom
mill-membri tal-kumitat

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



**Attard Bros. Co. Ltd.** — Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



**A.C.S. Ltd.** — Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



**Cementstone Mfg. Ltd.** — Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



**Attard Blue Mix Ltd.** — Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



**Eurocraft Ltd.** — Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



**Attard Developments Ltd.** — Developers of Residential and Commercial Buildings.

*Your Construction Partner*

www.attardbros.com



## Messaġġ mill-Għalliem tal-Mużika Sezzjoni Ram

# It-tagħlim tal-mużika għadu neċessità jew sar kapriċċ?

**Neil Zammit**



Insellem lilkom soċji u partitarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ad unur Santa Marija. Wara aktar minn sentejn ta' ċirkustanzi xejn normali, erġajna qegħdin niċċelebraw il-festi tagħna l-Maltin bil-mod tradizzjonali tagħhom; għalkemm dan ma jfissirx illi ma żdiedux il-piżijiet kollha marbuta mat-tmexxija tal-każini tal-banda, fosthom dak finanzjarju.

U appuntu hawn toħroġ il-mistoqsija ġenerali li xtaqt naqsam magħkom f'dawn il-kelmtejn. It-tagħlim tal-mużika fi ħdan il-każini tal-banda għadu **neċessità jew sar kapriċċ?** Wieħed irid japprezza l-fatt illi l-ispejjeż kbar li tinvolvi l-festa qegħdin ikunu ta' detriment għal ħafna affarijiet oħra. Pereżempju, f'uħud mill-każini tal-banda, saħansitra anke f'dawk li għandhom snin twal ta' eżistenza u esperjenza warajhom, it-tagħlim mużikali ngħata l-ġenb u m'għadux ikun fiċ-ċentru tal-attività mużikali fi ħdan l-istess każin matul is-sena.

Ħafna saru jqisu t-tagħlim mużikali bħala kapriċċ, jew agħar min hekk, xi ħaġa li nistgħu ngħaddu mingħajrha. Saħansitra wasalna fl-estremità li t-tagħlim mużikali qiegħed jispiċċa għal kollox għax m'għadx baqa' użu għalih minħabba n-nuqqas ta' interess u impenn veru lejn il-banda. U dan qiegħed iwassal għal sfreġju sħiħ fl-edukazzjoni mużikali fi ħdan il-każini tal-banda. Qiegħed jintilef l-iskop ewlieni li għalih twaqqfu l-każini! Qed nikteb dan mhux biex inkun negattiv, iżda din hi r-realtà li qed jiffaċċjaw ħafna mill-każini tal-banda llum.

Fortunatament, f'din is-Soċjetà tagħna għad fadal imħabba u sforz ġenwin lejn it-tagħlim tal-arti mużikali. Dan grazzi għall-impenn kontinwu tal-Kumitat Eżekuttiv flimkien mas-Surmast Direttur u l-għalliema. In-numru tal-istudenti baqa' wieħed kostanti, minkejja ż-żmien diffiċli li għaddejna minnu flimkien waqt il-pandemija.

Iżda lill-hinn minn numri, il-kwalità ta' dawn it-tfal u adolexxenti baqgħet dejjem titjieb, tant li kompla sar progress notevoli f'dawn l-aħħar xhur. It-tagħlim baqa' jsir b'mod regolari, anke waqt ix-xhur qliel tal-pandemija, u dan serva wkoll bħala ħolqa diretta u kontinwa bejn l-istudent u l-għalliem.

Żgur li l-isbaħ esperjenza għall-istudenti f'dawn l-aħħar xhur kienet il-kunċert imtella' għall-ġenituri u l-familjari f'Diċembru li għadda. Numru ta' studenti pparteċipaw bħala solista billi daqqew xi siltiet mużikali li kienu qegħdin jistudjaw. Barra minn hekk, grupp ta' studenti kellhom ukoll iċ-ċans li jdoqqu silta flimkien bħala *ensemble*. Din kienet tassew esperjenza pożittiva, għax filwaqt li daqqew flimkien quddiem udjenza għall-ewwel darba, kellhom iċ-ċans ukoll jisimgħu l-ħsejjes ta' strumenti differenti flimkien.

Attivitajiet bħal dawn jagħtu spinta qawwija lit-tagħlim mużikali, u dan ikompli jikkonferma kemm dan huwa neċessità u mhux kapriċċ.



*L-allievi flimkien mal-għalliema tal-mużika*

Ma rridx intawwal ħafna u għalhekk qabel nagħlaq nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-President u l-Kumitat Eżekuttiv għall-ħidma u s-sostenn kontinwa tagħhom. Grazzi wkoll lis-Surmast David Agius u l-Assistent Surmast Rene' Camilleri tal-impenn tagħhom lejn il-banda u t-tagħlim mużikali. Fuq kollox grazzi wkoll lill-istudenti u l-ġenituri tagħhom li jieħdu t-tagħlim mużikali b'tant serjetà u dedikazzjoni.

Minn hawn inħeġġeġ aktar tfal u żgħażagħ sabiex jingħaqdu magħna u jitgħallmu l-mużika. Kollox isir mingħajr ħlas u b'mod professjonali. Fl-aħħar nett, nawgura lilkom il-festa t-tajba.

**Viva Santa Marija!**


Owen
BONNICI
"IL-FESTA
T-TAJBA
www.owenbonnici.com
owen@owenbonnici.com
2180 2000



## Messaġġ mill-Għaqda Armar

# Il-festa se terġa' titlibbes b'armar li jixirqilha

**Ian Camilleri**

Għeżież soċji u partitarji, bil-mod il-mod matul is-sena li għaddiet il-pandemija li laqtgħet lid-dinja bdiet tbatti, għalhekk din ser tkun l-ewwel sena fi żmien tliet snin li ser ingawdu festa kompluta u armata kif jixraq.

Dak l-armar kollu li jsebbaħ u jpaxxi l-għajn matul ix-xahar ta' Awwissu issa ser jerġa' jintrama fil-pjazza ta' raħalna. Ser ikollna l-opportunità li nerġgħu naraw l-armar rikk li konna mdorrijin bih fil-festa Titulari ad unur Santa Marija flimkien ma' armar li ġie rinovat.

Apparti xogħol li sar fuq l-armar, wasal fil-fażi finali tiegħu wkoll x-xogħol ta' tkabbir tal-imħażen biex ikollna aktar spazju fejn jinħażen l-armar b'mod komdu. Dan il-proġett ser jagħti lok biex inkomplu ngawdu l-armar li ħallewlna ta' qabilna u nkunu nistgħu nkomplu nkabbru dak li diġà għandna.

### Fażi finali tal-estensjoni tal-imħażen

Ikollok kemm ikollok spazju fejn taħżen l-armar qatt mhu biżżejjed. B'hekk kien jinħass il-bżonn li jiżdiedu aktar swali fuq il-maħżen eżistenti. Matul is-sena li għaddiet grazzi għall-Kumitat Eżekuttiv flimkien ma' diversi soċji u partitarji ħabrieka, iż-żewġ sulari li nbnew seta' jsir ix-xogħol fihom biex jingħalaq il-post.

Saru diversi xogħlijiet varji biex iż-żewġt iswali setgħu jingħataw dehra kompluta, fost dawn insibu installazzjonijiet ta' katusi tad-drenaġġ, pajpijiet tal-ilma, wajers tad-dawl u twaħħil ta' dawl ġdid mas-soqfa. Fis-swali twaħħlu wkoll l-aperturi tal-aluminju biex b'hekk il-post ingħalaq u fih issa jista' jilqa' l-armar fih. Minn hawn f'isem l-Għaqda tal-Armar, nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv u lil kull min kien involut fil-ħidma mwettqa' fuq dan il-proġett.

### Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni

Għalkemm il-festa tas-sena li għaddiet ma' stajniex ingawdu festa normali, tal-inqas mill-att ta' armar wieħed seta' japprezza x-xogħol ta' restawr li sar fuq l-opra artistika tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Is-sena d-dieħla ser inkunu qegħdin niċċelebraw iċ-ċentinarju ta' dan il-pedestall meraviljuż.

Kien fl-2017 fejn l-Għaqda tal-Armar bdiet bir-restawr tal-erbgħa slaten li nsibu n-naħa ta' isfel tal-istess pedestall. Sas-sena l-oħra stajna ngawdu r-restawr tal-istatwi kollha, inkluż il-Madonna Inkurunata,



*Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni*

Kristu, l-anġli u kif ukoll l-isħaba ta' taħt li nżebgħu mill-ġdid mill-artist Imqabbi Rosario Zammit.

Is-Sur Michael Ghigo ħa ħsieb jaħdem struttura tal-ħadid biex tipproteġi l-pedestall u għalhekk għamlitha aktar faċli għalina biex narmawh. Finalment ma nistgħux ma nirringrazzjawx lis-Sur John Pace, artist bravu u ta' esperjenza li reġa' ta dehra ġdida lill-induratura u l-isfumar tal-iskultura flimkien ma' żebgħa ġdida li tant kien hemm bżonnha. J'Alla nibqgħu ngawdu dan il-Pedestall għal ħafna snin oħra.

### Pavaljuni fi Triq il-Parroċċa

Fil-festa tal-2019 żanżanna l-ewwel pavaljun minn sett ta' ħamsa fi Triq il-Parroċċa.

Fil-perjodu ta' pandemija tajna spinta u rnexxielna niffinalizzaw it-tfassil u l-ħjata tal-erba' pavaljuni


Il-Perit Toni Bezzina
Membru Parlamentari
Il-Festa it-Tajba!
| 21490826
| 99430012
| perit.toni.bezzina@gmail.com
| Perit Toni Bezzina
| bezzinatoni



Il-pavaljuni tat-Triq il-Parroċċa

l-oħra. Infatti fil-festa tas-sena l-oħra stajna ngawdu din it-triq b'sett ġdid ta' pavaljuni.

Hawnhekk irrid nirringrazzja lil Antoine Abdilla u lill-mara tiegħi Daniela Camilleri li flimkien miegħi ħadna ħsieb infasslu u nħitu dawn il-pavaljuni. L-artist bravu s-Sur Ryan Stivala kompla jisfuma dawn il-pavaljuni biex bit-tama li fil-festa ta' din is-sena dan is-sett ikun lest anke mill-isfumar. L-istess artist kompla jisfuma wkoll il-pavaljuni ta' Triq Valletta u li jekk it-temp u r-riħ jippermettu ser narmawhom armati wara tant snin ma' jaraw id-dawl ta' barra.

## Pedestalli tal-anġli

Meta wieħed isemmi l-Pedestall tal-Inkurunazzjoni li nsibu armat fil-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba ma jistax ma jsemmix il-pedestalli tal-anġli li nsibu fit-triq ta' quddiem il-Knisja. Qed ngħid dan għaliex dawn il-pedestalli, skont informazzjoni li ġbart jidher li nħadmu fl-istess żminijiet tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Dan ifisser li dawn iqarrbu l-100 sena.

Infatti meta bdejna nirrestawraw u nqaxxru ż-żebgħa sibna ħafna ħsarat li ma stajniex neliminawhom mingħajr ma nibdlu xi partijiet minnhom b'injam ġdid jew saħansitra kellna nżarmaw partijiet mill-pedestall u nagħtuh kolla ġdida.

Wara li fis-snin li għaddew tlestew seba' pedestalli minn tnax u ngħataw l-*under coat*, ħassejna l-bżonn li nibdew niżbgħu dawn il-pedestalli biex jibdew jieħdu l-ħajja. Wara konsultazzjoni mal-artist John Pace wasalna fi qbil li peress li dawn il-pedestalli nħadmu madwar 100 sena ilu, nerġgħu niżbugħhom fuq stil Venezjan.



Pedestall nofsu miżbugħ

Ma kienetx faċli biex wasalna għall-kuluri li jikkumplimentaw dawn il-pedestalli u għalhekk fuq pariri siewja tas-Sur John Pace, matul il-festa ta' din is-sena ser inkunu nistgħu nibdew ingawduhom fil-glorja tagħhom. Għax-xogħol taż-żebgħa ħadt l-inkarigu jiena flimkien ma' Antoine Abdilla fejn matul din is-sena din kienet il-prijorità tagħna li tal-inqas jinħarġu miżbugħin kif għandu jkun. Apparti min hekk jiena ħadt ħsieb li ssir installazzjoni ġdida ta' dawl għal mal-vaża ta' fuq biex id-dawl jirrifletti għal man-naħa ta' isfel tal-anġli.





Partijiet bl-iskultura

L-istil Venezjan jidħol fih element ta' irħamar fejn wara li ħadt diversi pariri siewja bdejt nirħama l-partijiet meħtieġa biex il-pedestall ikun komplut. Min-naħa l-oħra l-artist żagħżugħ Imqabbi Jesmar Gauci daħal għax-xogħol ta' sfumar tal-iskultura u l-induratura kull fejn kien meħtieġ.

Għal din is-sena ser ikollna wkoll l-opportunità li naraw żewġ anġli oħra f'din it-triq li ġew restawrati mill-artist Imqabbi s-Sur Rosario Zammit.


NAWGURALKOM
IL-FESTA
T-TAJBA
Miriam
t 9900 0809
e info@miriamdalli.com
@drmiriamdalli
@drmiriamdalli
miriamdalli



*Partijiet mill-armar irħamati*



*Dettall taż-żebgħa*



*Pedestalli tal-anġli*

**Triq Karmenu Ciantar**

Meta ssemmi din it-triq dejjem jiġu f'moħħna l-istatwi sbieħ li jikkumplimentaw mal-armar li jintrama' fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija. Għall-festa ta' din is-sena l-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi wegħdna li għandu jgħaddilna statwa oħra li ilha ppjanata biex inkomplu nsebbħu din it-triq. L-istatwi mwiegħda hi dik ta' San Pawl.

**Ringrazzjamenti**

L-ewwel ringrazzjament imur għas-sinjuri Ninu Sammut u Mario Camilleri li dejjem insibuhom minn ta' quddiem meta niġu għall-konsultazzjoni u għall-pariri siewja li jagħtuna.

Is-Sur Raymond Vella li hu wieħed mill-partitarji ħabrieka li għandha s-Soċjetà kompla bix-xogħol tal-liedna, fejn ħadem liedna ġdida għall-Pjazza tal-Knisja, Triq Valletta, Pjazza Ġublew id-Djamanti, Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna tal-Ġilju.

Matul din is-sena grupp ta' żgħażagħ ħadu l-inkarigu li jiżbgħu l-arbli kollha li jintramaw fil-by-pass inkluż l-arblu l-kbir li nsib fil-bidu ta' Triq Karmenu Ciantar. Dan dejjem grazzi għas-sinjuri Carlo Sciberras, Luke Vella, Joseph Briffa, Edward Galea, Mark Cardona, Justin Galea, Isaac Ellul u JeanCarl Grech.



*L-arbli ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija*

L-armar u ż-żarmar fit-toroq ma jista' jsir qatt jekk mhux bil-għajnuna ta' ħafna voluntieri li jagħtu ħinhom u saħħithom fiż-żminijiet impenjattiva ta' qabel u wara l-festa. Minn hawn nirringrazzja lis-Sur Luke Vella, lis-Sur Edward Galea, lis-Sur Mark Cardona u lis-Sur Justin Galea tal-impenn flimkien mal-grupp tagħhom fejn jintrama u jiżżarma kollox fl-inqas żmien possibbli. Apprezzament ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv tas-sehem fl-armar u ż-żarmar tal-*mains* u l-fistuni. Dan ma jistax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-isponsors prinċipali li huma Elbros Group, Zahra Group, Polidano Group, Anthony Galea (il-Beqqa), Ludwig Micallef u Felix Debono li ta' kull sena jagħtuna l-appoġġ tagħhom b'mod speċjali fl-użu tal-makkinarju biex jinġarr u jintrama l-armar.

Nagħlaq billi nappella lil kull min jista' b'xi mod jew ieħor jagħti daqqa t'id tiegħu biex għall-festa ta' din is-sena narmaw ir-raħal kif għandu jkun u nirringrazzja lil kull min fil-passat ta' sehmu b'mod manwali jew finanzjarju biex inkunu nistgħu narmaw armar mill-isbaħ għall-festa Titulari.

Viva Santa Marija.


ESTHER


ABIGAIL


JAHEL


GUDITH




**Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur**

CUSTOMER CARE **79999936**

info@juliafarrugia.com

JULIA
FARRUGIA PORTELLI

/juliafarrugia


IL-FESTA
t-tajba
Omar
MEMBRU PARLAMENTARI
Agħmel kuntatt miegħi
79818687
omar@omarfarrugia.com
omarfarrugia.com
OMAR
FARRUGIA



# Tkompli l-ħidma fuq il-Planċier Artistiku

Michael Ghigo

Għaddiet sena oħra ta' ħidma bla waqfien fuq il-Planċier. Wara sentejn, din is-sena qegħdin nerġgħu ngawduh fil-pjazza tagħna u ċert li ser tinnutaw id-diversi tibdiliet li saru. Din is-sena tkomplew u tlestew x-xogħlijiet tal-fibre tal-gwarniċa li tinsab mad-dawra l-parti ta' fuq tal-istess planċier u din l-istess gwarniċa kompliet tingħaqad mat-tondjatura taha. Hekk kif tlesta dak il-proċess, iffukajt il-ħidma fuq il-parti ċentrali tal-faċċata, speċifikament fuq l-arkata u s-saqaf tagħha li jiġi fil-forma ta' nofs koppla. Din il-parti kien fiha ħafna ħsieb ta' kif trid tiġi mibnija, iżda bil-għajnuna tad-diversi partitarji ħriġna b'metodu li wassal għar-riżultat mixtieq.



Parti mill-skultura ta' mal-pilastri tad-dawra

Filwaqt li kienet għaddejja din il-ħidma li ħadet diversi ġimgħat minħabba li tkun trid tistenna li tinxef kull parti ġdida li ssir, l-skultur lesta x-xogħol ta' skultura fl-injam ta' wieħed mill-pilastri tad-dawra. Hawnhekk komplejt billi ħriġt il-kontraforma ta' din l-istess skultura sabiex b'hekk stajt għamilt replika ta' din l-istess skultura għal 20 darba permezz tal-fibre. Hawnhekk ta' min jgħid li l-ħsibijiet komplew isiru iżjed intensivi, għax ridna noħolqu metodu ta' xogħol li jkun jista' jiġi replikat faċilment bl-inqas użu ta' materjal.



Dettall ta' skultura tal-faċċata

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lis-Sur Anthony Sammut (il-Gażżu) tal-għajnuna fejn jidħol xogħol fl-injam kif ukoll lis-Sur Rene Mizzi għax-xogħol fuq l-iskultura tal-pilastri. Dan ix-xogħol għamilnieh kollu taħt is-superviżjoni tas-Sur Manuel Grech tar-Rabat Għawdex li minn qalbi nirringrazzjah ukoll talli dejjem jigwidana.

Hekk kif ix-xogħol tal-fibre fuq il-parti ta' fuq tal-faċċata u l-iskultura tal-pilastri kienu lestu, dawn ġew xkatlati u nżebgħu bl-undercoat mis-sur Sandro Farrugia sabiex hekk ikun hemm il-bażi lesta għall-futur.

Għalkemm l-ispejjeż tal-materjali għolew ferm matul dawn l-aħħar ftit xhur, ix-xogħol xorta waħda ser jitkompla b'ċertu ritmu sabiex jekk Alla jrid u bil-għajnuna ta' Santa Marija fis-snin li ġejjin ikollna opra artistika mill-aqwa kif jixraq lil Banda Re Ġorġ V u lill-Festa Titulari ta' Santa Marija.



Dettall tas-saqaf tal-arkata tal-faċċata



Partijiet mill-ġnub waqt il-proċess ta' żebgħa bl-undercoat

Nawgura l-Festa t-Tajba
lill-Imqabbin kollha

**FRANCINE FARRUGIA**



Kandidata għall-Elezzjoni
Ġenerali fuq il-5 u 6 Distrett

99202325

info@farrugiafrancine.com

Francine Farrugia



## Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar

# Il-ħidma fi ħdan l-għaqda baqgħet għaddejja

Andrew Vassallo



Għeżież Soċji, partitarji u benefatturi,

Hekk kif bħal kull Soċjetà u għaqda oħra madwar Malta u Għawdex, għaddejna minn sentejn ferm diffiċli u ta' qtigħ il-qalb minħabba l-pandemija, grazzi għall-Ommna Santa Marija din is-sena ser nerġgħu niċċelebraw b'mod normali bħal qabel l-2019. Kienu sentejn ferm diffiċli, kemm bħala ħidma u kemm bħala finanzi, iżda minkejja dan kollu l-ħidma fi ħdan l-għaqda tagħna baqgħat għaddejja b'mod responsabbli.

Dan wassal sabiex matul iż-żewġ festi li għaddew grazzi għal sħabi xorta waħda ħraqna settijiet ta' murtali f'Lejlet u Nhar il-Festa sabiex nżommu mat-tradizzjoni u nagħtu ġieħ lil Patruna Santa Marija.

Apparti l-ħidma Piroteknika, matul din ix-Xitwa komplejna ninvestu fuq aktar sigurtà ġewwa l-Post tan-Nar. Dan grazzi għall-fondi li ħadna taħt l-iskema "Fond għal aktar saħħa u sikurezza fil-kmamar tan-nar li jaħdmu fuq bażi volontarja" fond amministrat mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Permezz ta' din l-għajnuna din is-sena investejna f'tagħmir ta' sigurtà. Ftit tal-ġranet ilu erġajna ġejna aċċettati sabiex ngawdu mill-istess fond fejn ser inkunu qed inkomplu ninvestu fl-infrastruttura tal-Post u fejn tidħol aktar sigurtà.

Għall-Festa ta' din is-sena kif semmejna aktar qabel hemm programm sħiħ imfassal matul il-ġranet tal-Festa fejn il-qofol jintlaħaq nhar l-14 u l-15 ta' Awwissu permezz ta' spettakli kbar ta' Nar fejn din is-sena mistennija jkollna diversi innovazzjonijiet ġodda kemm fl-ispettaklu kif ukoll fil-murtali tradizzjonali.

Bi pjaċir ukoll ngħid li wara nuqqas ta' sentejn minħabba restrizzjonijiet relatati mal-Pandemija li kellna ser jirritorna n-Nar tal-Art. Xi ħaġa li dilettanti tan-Nar tal-Art tagħna ser ikunu jerġgħu jistgħu jgawdu ħidmiethom. Nixtieq insemmi wkoll li għal din is-sena ġie deċiż li-Nar tal-Art mhux ser jibqa' jinħaraq fi Triq il-Madonna tal-Ġilju iżda ser jinħaraq fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

Din id-deċiżjoni ttieħdet sabiex ikun hemm aktar sigurtà kif ukoll in-Nar tal-Art ikun jista' jitgawda aktar mill-pubbliku.

Filwaqt li nirringrazzja lill-membri, soċji u partitarji tal-appoġġ li dejjem tajtuna permezz ta' donazzjonijiet, inħeġġukom sabiex f'dan iż-żminijiet tkomplu tgħinuna kif tistgħu. Tifhmu li l-piż finanzjarju huwa kbir, aktar u aktar f'dawn iż-żminijiet fejn l-importazzjoni ta' materjali minn barra qed jogħla b'mod sostanzjali. Sabiex nkunu nistgħu nkomplu ntellgħu spettakli ta' Nar mill-aqwa jirrikjedu flejjes kbar.

Għalhekk minn qalbna nirringrazzjawkom bil-quddiem ta' donazzjonijiet u għajnuna tagħkom. Nirringrazzja wkoll lil Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà kif ukoll lis-sidien tal-għelieqi li minnhom jinħaraq in-Nar, l-awtoritajiet kif ukoll il-korp tal-pulizija tal-kooperazzjoni tagħhom. Nirringrazzja wkoll lil dawk kolla li jgħinuna permezz ta' inġenji u dawk li dejjem tawna l-għajnuna finanzjarja. Nirringrazzja wkoll lil sħabi kolla tal-Kamra tan-Nar.

Bħala Licensee tal-Kamra tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija nirringrazzja lis-Sur Benny Briffa, il-Licensee tal-Kamra tan-Nar Madonna tal-Ġilju u lil sħabu kollha ta' din l-istess għaqda, tal-ħbiberija sinċiera u l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ għaqdiet. Nawguraw li din il-ħbiberija ta' bejnietna nkomplu nsaħħuha ħalli nuru li aħna lkoll aħwa Mqabbin

Fl-aħħar u mhux l-anqas nawgura lill-partitarji kollha l-Festa Tajba.

Viva Santa Marija!



*Parti mill-preparazzjoni tal-murtali għall-festa*


L-Inġinier
Stanley
Zammit
ID-DEPUTAT FUQ IL-ĦAMES DISTRETT
Nawgura
l-festa t-tajba
lil kulħadd
7942 0596
stanley.zammit@gmail.com
StanleyZammitIng


STEFAN
ZRINZO
AZZOPARDI
Ministru għax-Xogħlijiet
Pubbliċi u l-Ippjanar
Il-Festa t-Tajba!
Uffiċċju Birżebbuġa - 40, Triq il-Brolli
Uffiċċju Żurrieq - 4, Triq it-Taħħan
@stefanzrinzo
Email stefan@zrinzo.com
Website www.zrinzo.com
Mobile 7968 1171











GRACE MARIE ZERAFA
Sindku tal-Imqabba,
flimkien mal-familja tawgura
l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha...
gracemarie.mallia@gmail.com
Grace Marie Zerafa
7909 4117


Jonathan
Dingli
Kunsillier fi ħdan
il-Kunsill Lokali tal-Imqabba
jawgura
- Il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha -


ST. MARY FIREWORKS MQABBA - MALTA
PRESENTS THE
TOWER OF LIGHT
14th AUGUST
9:45PM
MQABBA BY-PASS
FOLLOWED BY A MECHANISED GROUND FIREWORKS DISPLAY
St. Mary
FIREWORKS FACTORY
MALTA


Owen SCIBERRAS
Kunsillier Lokali
Jawgura lilek u lil familja
IL-FESTA T-TAJBA


St Peter's Ironmongery
sP
St. Peter's Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721
E-mail: danielfarrugia08@gmail.com
Prop. Daniel Farrugia
Electrical & Light Fittings
Plumbing Fittings
Drain Pipes & Fittings
Cement
Tile Adhesive & Grouting
Membrane
Plastering materials
Geysers
Plastic & Fibre Tanks
Modern LED Bulbs
Range of Power, Hand & Air Tools
Stainless Steel Sinks & Mixers
Various types of Ladders
Key Cutting including Security Keys
Safety Wear & Safety Shoes
Outdoor & Indoor Paint
10%
Summer items (BBQs, charcoal, umbrellas, fans, etc.)
Garden Tools & Furniture
Heaters
Household items (toasters, kettles, etc.)
Marine Stainless Steel items
FREE DELIVERY
Opening Hours:
Monday to Friday:
7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday:
7.00 a.m. - 1.00 p.m.



## Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ

# Festa ikbar kif tixraq lill-Patruna tagħna Santa Marija

**Maria Ghigo**

Fl-aħħar reġa' wasal iż-żmien tant mistenni minnha ż-żgħażagħ u l-partitarji tas-Soċjetà tagħna! Żmien fejn ingawdu l-ħidma żagħżugħa fil-qofol tal-festa. Dawn l-aħħar sentejn kienu żminijiet diffiċli għal kulħadd kif ukoll għalina żgħażagħ. Minkejja dan, aħna xorta waħda bqajna sodi u nagħmlu attivitajiet ġodda u ta' suċċess biex b'hekk nkunu nistgħu ngawdu u nwasslu festa ikbar kif tixraq lil Patruna tagħna Santa Marija!



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2021 - 2022*

Din is-sena f'din is-sezzjoni għandna diversi membri ġodda li ngħaqdu magħna fejn ilkoll flimkien trawwimna u kbirna fl-esperjenzi numerużi li din is-sezzjoni ġġib magħha. L-għan ta' din is-sezzjoni kienet li għal din is-sena nerġgħu jkollna ritorn għall-aqwa marċi brijużi fil-pjazza ewlenija tal-Imqabba, kif ukoll nibdew naħsbu għall-proġett tal-anniversarju tas-sena dieħla fejn din l-istess Sezzjoni Żgħażagħ tagħlaq it-30 sena anniversarju sa mit-twaqqif tagħha. Ta' dan nixtiequ nirringrazzjaw lil voluntiera kollha li jgħinuna u li ser jibqgħu jgħinuna għal dan il-proġett meraviljuż.

Din is-sena ma kinitx waħda faċli. Kellna ħafna ostakli u diversi mumenti ta' inċertezzi rigward l-attivitajiet minħabba l-protokolli tas-saħħa kif ukoll minħabba l-każijiet li kienu attivi matul ix-Xitwa. Dan ma waqqafna xejn milli nagħmlu attivitajiet ġodda u innovattivi, fosthom għamilna l-Pizza and Burger Delivery Night f'żewġ okkażjonijiet li kienu ta' suċċess kbir. Għal żmien il-Milied, propju din is-sena nvestejna għat-tisbiħ tal-faċċata tal-każin li din tgawdit minn kulħadd fil-pjazza tagħna. Kellna r-ritorn ukoll tal-BBQ organizzat minn din l-istess sezzjoni ġewwa



*Il-faċċata tas-Sede tas-Soċjetà mixgħula waqt żmien il-Milied 2021*

Għar Lapsi, fejn mhux biss kien ta' suċċess assolut imma kienet ukoll attività sabiħa fejn erġajna laqqajna diversi partitarji tagħna sabiex nibdew nippreparaw għall-aqwa festa Titulari Mqabbija.

Kellna bosta attivitajiet oħra li komplejna nkabbru matul is-snin. Fosthom il-ġirja MQABBA5000 kif ukoll id-dramm kontemporanju bl-isem ta' 'X'inhi Mħabba?!'. Minħabba l-pandemija, il-ġirja MQABBA5000 kellha tiġi maqsuma fi tnejn, fejn kellna żewġ ġirjiet ta' 5 kilometri b'rekord ta' 350 parteċipant, kif ukoll ġirja oħra ddedikata għat-tfal ta' 2 kilometri. Grazzi lil kulħadd tal-għajnuna sabiex din l-attività tkun ta' suċċess u kif ukoll ġbarna donazzjonijiet għall-għaqda ta' Puttinu Cares. Hekk kif għaddiet din l-attività, il-ħidma tagħna ma waqfitx hawn. Bdejna naħdmu fuq id-dramm kontemporanju li din is-Sezzjoni Żgħażagħ tant popolari għalih. Bla dubju din kienet attività ta' suċċess ieħor, propju minħabba rekord li kellna ta'


Daily Needs
Misraħ il-Fidwa, Mqabba (ħdejn il-bandli)
Tel: 2164 7381
All you need in one stop shop
Free delivery
Great choices on delicatessen, beverages, wines, detergents, etc.


DI ROCCO
TRADING LIMITED
Prince Albert Street, Albert Town, Marsa MRS1045
Tel: 2122 7344/2 Mob: 7947 8222, 7909 2673
Email : info@diroccotrading.com
Visit our website to view our vast range of items!
www.diroccotrading.com
Food Packaging
Disposables
Catering Disposables
Handling
Storage
Hygiene
Sanitary
Butcher Supplies



*Uħud mill-voluntiera li għenu sabiex titella' l-Mqabba 5000*




*L-attività Mqabba 5000*



*Xena waqt id-dramm kontemporanju x'inhi mħabba?!*

viżitaturi li ġew minn kull naħa ta'Malta. Ta' dan, grati ħafna lejn il-voluntiera tal-ħidma sfieqa tagħhom sabiex din l-attività kienet waħda mill-ikbar attivitajiet nazzjonali li kellna sa issa. Ma niddejaqx ngħidha għax hija l-verità, li f'raħalna mingħajr l-ebda dubju din hija l-aktar Sezzjoni Żgħażagħ attiva u innovattiva li hawn f'raħalna!

Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet jintlaħaq propju fil-ġimgħa tal-festa. Wara nuqqas ta' sentejn, aħna ż-żgħażagħ qegħdin nippreparaw għal marċi grandjużi u uniċi f'raħalna, b'wirjiet awdjo-viżivi kif ukoll il-ħarqa sinkronizzata mal-mużika fit-tielet tridu. Għal din is-sena qegħdin inħejju għall-marċi brijużi u spettaklu ikbar sabiex ikollna r-ritorn xieraq tal-festa grandjuża tagħna. Barra minn hekk, isir ukoll l-spettaklu tal-karti wara l-marċ ta' filgħodu.

Minn hawn nixtieq inwassal il-messaġġ liż-żgħażagħ, sabiex ma jaqtawx qalbhom u ma jibżgħux jersqu 'l quddiem u jagħmlu parti mis-Sezzjoni




*Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ*

Żgħażagħ fil-futur. Flimkien il-ħidma għaddejja bla qatigħ sabiex inwasslu biex nagħmlu festa grandjuża lil Ommna Marija.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi ngħid grazzi kbira lil voluntiera kollha, lil partitarji u soċji ta' din is-Soċjetà, kif ukoll lil sħabi żgħażagħ tal-ħidma tagħhom matul din is-sena fejn ma kinitx waħda faċli,



però bid-determinazzjoni u l-pożittiva li għandna, bqajna nistinkaw u noħorġu b'idejat innovattivi u ikbar minn snin ta' qabel. Grazzi kbira tmur ukoll għall-Kumitat Eżekuttiv fejn flimkien ħdimna fuq proġetti u attivitajiet kbar u wrejna l-vera għaqda tassew x'inhi. Grazzi kbira ukoll tmur għall-familjari tagħna tal-paċenzja li jieħdu binha kif ukoll tal-għajnuna li nsibu dejjem mingħandhom.

Grazzi lil Santa Marija, għaliex li ma kienx hemm hi żgur li dan kollu ma kienx ikun jista' jseħħ. Għalhekk nitolbok sabiex tkompli żżomm idejk fuqna ż-żgħażagħ u trawwimna bl-esperjenzi ħalli nkomplu ngħollu ismek u isem is-Soċjetà Glorjuża tagħna!

Viva t-Titular! Viva Santa Marija Patruna ta' Malta u tal-Imqabbin!


MZ
MARIA ZAHRA
HAIRDRESSING & EDUCATION
Master Color Expert & Wella Educator
A professional salon with a dedicated team, delivering the latest colour techniques, cuts, keratin treatments & more.
Booking your consultation in advance is highly reccommended.
(+356) 99460519
info@mzacademy.mt
mzhairdressingeducation.wella
MZ Hairdressing & Education
We also offer hair education courses for new students enrolling in this career and also refresher courses for more advanced students and established hairdressers.


Torta Gelato
Ice Cream Cake
Stracciatella
Torta Gelato
Tiramisu
Torta Gelato
Bacio
Torta Gelato
Black Forest
Torta Gelato
Cookie
Torta Gelato
MAYPOLE
bakers since 1900
Triq il-Konvoj Ta' Santa Marija, Mqabba
info@maypole.com.mt
www.maypole.com.mt
Follow us on
BETTER CALL
MAYPOLE
22 581 581


SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ SANTA MARIJA MQABBA
TIPPREŻENTA
IL-MARĊ
TAT-TIELET TRIDU
13 TA' AWWISSU
9:30PM 'IL QUDDIEM
PJAZZA TAL-IMQABBA
SHOW TAN-NAR SINKRONIZZAT
MAL-MUŻIKA
SPETTAKLU AWDJO-VIŻIV
AFTER PARTY MA DJ
RYAN SPITERI
BRIJU

RestoBar

# Pizzeria & Take-Away

RestoBar

**NEW OPENING HOURS**

| | |
|---|---|
| MON - THUR | 6 PM - 9 PM |
| FRIDAY | 6 PM - 1 AM |
| SATURDAY | 8 AM - 2 PM<br>6 PM - 1 AM |
| SUNDAY | 8 AM - 2 PM<br>6 PM - 11 PM |

*We organize private events for any occasion*



☎ 99578351

Triq il-Madonna tal-Ġilju, Imqabba




**Mqabba football club gym**

**Mob.77258968**

**Opening hrs**

**Mon-fri**

**5am-10pm**

**Sat**

**7am-5pm**

**Sun**

**7am-1pm**

MQABBA F.C. CLUB HOUSE & SPORTS...

**Membership.**

1 month €50

3 months €130

6 months €180

1 year €300



Messaġġ mill-Kummissjoni WEB

# Rwol importanti waqt żmien diffiċli għal kulħadd

Mario Zammit

Għeżież qarrejja,

Wara nuqqas ta' sentejn milli nċċelebraw Festa kompluta f'Ġieħ il-Patruna ta' raħalna Santa Marija minħabba l-pandemija, fl-aħħar din is-sena ser ikollna Festa kompluta kif konna nafuha qabel l-2019. Il-Kummissjoni WEB li hija t-tim tal-midja fi ħdan is-Soċjetà tagħna qatt ma waqfet matul dawn is-sentejn, kemm fi żmien il-Festa u kemm matul is-sena. Matul dawn ix-xhur ta' taqtigħ il-qalb u restrizzjonijiet fuq attivitajiet l-rwol ta' din il-kummissjoni kien importanti aktar minn qatt qabel. Dan sabiex is-Soċjetà setgħet iżomm kuntatt mal-partitarji u segwaċi.

Il-grupp tal-Kummissjoni WEB huwa ffurmat minn persuni li kollha għandhom ħiliet differenti u dan hu li jagħmel din is-sezzjoni ferm dinamika. Sezzjoni li dejjem toħroġ b'ideat friski u innovattivi u żżomm ruħha dejjem aġġornata mat-teknoloġija sabiex twassal il-messaġġ tas-Soċjetà filwaqt li taħdem id f'id ma kull sezzjoni fi ħdan din is-Soċjetà.



*Uħud mill-membri tal-Kummissjoni WEB*

### Il-Festa 2021

Matul il-Festa li għaddiet il-Kummissjoni WEB kienet strumentali sabiex wasslet *live streaming* tal-funzjonijiet tal-Knisja kif ukoll ritratti kemm tal-funzjonijiet tal-Knisja kif ukoll tal-attivitajiet esterni bħalma huma Nar tal-Ajru.

### Ħidma kontinwa

Matul is-sena l-Kummissjoni WEB ħadet ħsieb ta' *live streaming* tal-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Istatwa tal-Pjazza li sar f'Awwissu, servizz ta' ritratti tal-attivitajiet li saru matul is-sena u aġġornament regolari fuq il-midja soċjali. Ftit tal-ġranet ilu wkoll il-Kummissjoni WEB organizzat attività ferm interessanti relatata mal-proġett Rakkont Ħaj. Din kienet diskussjoni dwar il-Festi tal-Imgħoddi b'kuntrast mal-Festi tal-lum, attività li saret fil-Pjazza tal-Imqabba fejn reġgħet qanqlet nostalġija lil dawk preżenti.

### Issa wkoll fuq Spotify u TikTok

Il-Kummissjoni WEB kompliet tkabbar il-preżenza tagħha fuq il-midja soċjali fejn minbarra aġġornamenti regolari fuq facebook, instagram u youtube, żiedet il-preżenza tagħha fuq il-pjattaforma spotify permezz ta' marċi mill-Banda Re Ġorġ V kif ukoll marċi brijużi u diski li nħarġu matul is-snin. Aktar riċenti propju ftit ġimgħat ilu żdiedet pjattaforma oħra, dik ta' TikTok fejn qed inwasslu filmati qosra mill-Festi passati u dak li jkun għaddej minn wara l-kwinti.

### Xibka ta' tagħlim u ħiliet

Il-Kummissjoni WEB hija sezzjoni li permezz tal-volontarjat il-membri tagħha filwaqt li qegħdin joffru servizz lejn is-Soċjetà, dejjem qegħdin inkabbru l-ħiliet personali tagħhom sew fejn tidħol midja bħalma huma fotografija, ġbid u muntaġġ ta' filmati u kull tip ieħor ta' midja diġitali, kif ukoll fejn tidħol formazzjoni tal-karattru u ideat.

Għalhekk minn hawn inħeġġu lil dawk il-partitarji kollha li għandhom ħiliet fil-midja jew anke jekk għandhom għal qalbhom dan is-suġġett u jixtiequ jiffurmaw parti minn din il-Kummissjoni sabiex jagħmlu kuntatt magħna.

### Il-Festa 2022

Matul il-jiem li qegħdin fihom tal-Festa l-Kummissjoni WEB hija mpenjata bis-sħiħ fejn ser inkunu qegħdin nagħmlu l-għalmu kollu tagħna biex inwasslulkom aġġornamenti regolari fuq il-medja soċjali, *live streaming*, ritratti u filmati minn waqt l-attivitajiet kolla li jkunu għaddejjin. Inħeġġukom sabiex tkomplu ssegwu u jekk ikollkom xi ritratti li tixtiequ taqsmu magħna tistgħu tittegjaw lil paġni rispettivi tagħna.

Minn hawn insellmu l-memorja tal-eks-Teżorier tas-Soċjetà is-Sur Carmel Briffa li għadda għall-ħajja ta' dejjem f'Diċembru li għadda. Fl-istess ħin nawguraw lis-Sur Jonathan Mifsud membru attiv tal-Kummissjoni WEB li beda jservi fil-kariga ta' Teżorier tas-Soċjetà.

Fl-aħħar nawgura l-Festa t-Tajba lill-partitarji kollha, Viva Santa Marija!

# JMA Aluminium works

Joseph Mizzi Aluminium works

**_FREE QUOTATIONS_**



Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models





# Santa Marija Festa 2022

# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju**
*Bidu tal-Kwindiċina*
6:30pm Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ħadd, 31 ta' Lulju**
*Jum is-Soċji u l-Benefatturi*
6:30pm Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**It-Tnejn, 1 ta' Awwissu**
*Jum iż-Żgħażagħ*
6:30pm Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Fr Aaron Zahra.

**It-Tlieta, 2 ta' Awwissu**
*Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u l-Fratellanzi*
6:30pm Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**L-Erbgħa, 3 ta' Awwissu**
*Jum iddedikat lill-ħaddiema tan-nar*
6:30pm Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ħamis, 4 ta' Awwissu**
*Jum il-Morda u l-Anzjani*
6:30pm Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu**
*Jum is-Saċerdoti u r-Reliġjużi*
6:30pm Quddiesa. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Is-Sibt, 6 ta' Awwissu**
*Jum il-Familji*
6:30pm Quddiesa bis-sehem tal-familji. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ħadd, 7 ta' Awwissu**
*Jum it-Tfal*
5:45pm Preżentazzjoni tat-tfal lill-Madonna.
6:30pm Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**It-Tnejn, 8 ta' Awwissu**
*Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa*
6:30pm Quddiesa b'suffraġju għall-mejtin tal-parroċċa, speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa sal-llum. Mistiedna l-qraba u l-ħbieb tagħhom.
Talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**It-Tlieta, 9 ta' Awwissu**
*Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*
6:30pm Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u barka sagramentali.
7:30pm Isir il-ħruġ solenni tal-Vara Titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali u wara jitkanta l-innu *Ave Maris Stella* u l-antifona. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu**
*Jum il-Vokazzjonijiet*
6:30pm Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina, innu u barka sagramentali.

**Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*
6:30pm Quddiesa solenni. Jippriedka Kanonku Patri Michael Camilleri O.P. Wara, talba tal-Kwindiċina, innu, *Salve Regina*, Litanija, antifona u barka sagramentali.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu**
***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**6:30pm** Quddiesa solenni. Jippriedka Kanonku Patri Michael Camilleri O.P. Wara, talba tal-Kwindiċina, innu, *Salve Regina*, Litanija, antifona u barka sagramentali.

**Is-Sibt, 13 ta' Awwissu**
***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**6:30pm** Quddiesa solenni. Jippriedka Kanonku Patri Michael Camilleri O.P. Wara, talba tal-Kwindiċina, innu, *Salve Regina*, Litanija, antifona u barka sagramentali.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu**
***Lejlet il-Festa***

**8:00am** Quddiesa solenni. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-antifona *Beata Mater*.

**6:30pm** Translazzjoni solenni tar-Relikwa mill-knisja parrokkjali għal Triq id-Duluri lejn il-Kappella ta' Marija Addolorata fejn isir l-inċensar tar-Relikwa u jsir it-talb. It-Translazzjoni tkompli mit-Triq tan-nofs għal ħdejn il-Każin ta' Santa Marija u wara fil-Knisja. Wara *Salve Reġina*. Imexxi Monsinjur Dun Karm Camilleri. Wara quddiesa kantata u ċelebrazzjoni ewkaristika, immexxija mill-istess Monsinjur.

**It-Tnejn, 15 ta' Awwissu**
***Jum il-Festa***

**7:00am** Quddiesa Letta.

**8:00am** Quddiesa Letta.

**9:15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku minn Monsinjur Dun Frans Abdilla. Iqaddes Monsinjur Dun Karm Camilleri. Mistednin l-għaqdiet soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.

**11:15am** Quddiesa Letta.

**5:00pm** Quddiesa Letta.

**6:00pm** Għasar solenni minn Monsinjur Dun Charles Attard. *Salve Reġina* u innu.

**7:15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess ċelebrant.

**10:15pm** Antifona u ċelebrazzjoni ewkaristika.

**It-Tnejn, 22 ta' Awwissu**
***L-Ottava tal-Festa***

**6:30pm** Quddiesa, repożizzjoni tar-relikwa, *Te Deum* u barka sagramentali.

Tkun ħaġa sabiħa li matul dawn il-ġranet tal-festa, wieħed isib ħin biex jersaq lejn is-sagrament tal-qrar.

N.B. Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea OP.





Santa Marija
Festa 2022

# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ

**Għal darb'oħra permezz ta' din il-paġna ser nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena ser ikollna ħames baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtu aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġu lilkom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi.**

### It-Tlieta, 9 ta' Awwissu 2022
*Ħruġ il-Vara fuq iz-zuntier*

**7:30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tilqa' l-vara Titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja permezz tal-Ave Marija u innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli b'daqq ta' marċi brijużi miz-zuntier u tkompli Pjazza tal-Knisja, Triq Santa Katerina, Triq San Innoċenzju, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija, Triq Santa Katerina, Triq il-mitħna, Triq it-Troll, Triq il-Pal, Triq Santa Katerina, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq is-Sejba, Triq it-Troll, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq il-Madonna tal-Ġilju, għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

### L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu 2022
*Jum il-Banda*

**8:15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM, tagħmel marċ li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Strumentali annwali tagħha.

### Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu 2022
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Sqaq l-Isptar, Triq Mikielang Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Katakombi, Triq Ħal Kirkop, Triq Dun N. Zammit, Triq Dun Geraldu Mangion, Triq in-Nazzarenu, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq G. Martin, Triq Mons. A Caruana, Triq Xandru Farrugia, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Triq l-Imterrqa, Misraħ il-Fidwa, Triq San Mikiel, Triq San Bażilju u Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

### Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu 2022
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni ta' Mro. John D. Zammit F.V.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett ta' marċi brijużi kif ġej: Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq ix-Xriek, Triq Santa Katerina, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq il-Konvoj ta'

Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Ħal Kirkop, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brancati, Triq it-Torba, Triq iż-Żurrieq, Triq Saljatura, Triq il-Qrendi, Misraħ Ġublew tad-Djamanti, Triq Santa Katerina, Triq il-Kileb, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm fil-Pjazza quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**Is-Sibt, 13 ta' Awwissu 2022**
***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8:30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa mit-tarf, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu 2022**
***Lejlet il-Festa***

**8:15pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tibda programm Mużikali fuq il-planċier quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**8:30pm** Marċ mill-Banda Re Ġorġ V li jgħaddi minn dawn it-toroq li jibda minn ħdejn is-Sede tas-Soċjetà, Triq il-Karmnu, Triq Valletta, Triq id-Duluri, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju. Wara jsir programm mużikali fuq il-planċier biswit is-sede tas-Soċjetà.

**9:45pm** Il-Banda San Mikiel tagħmel marċ li jgħaddi minn Pjazza tal-knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq Karmenu Ciantar, Triq In-Nazzarenu, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq George Martin, Triq Mons A Caruana, Triq Xandru Farrugia u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

**It-Tnejn, 15 ta' Awwissu 2022**
***L-Għid tal-Assunta***

**1:00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem is-sede tas-Soċjetà u jkompli għal Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6:45pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn ħdejn is-sede tas-Soċjetà, Triq San Bażilju, Pjazza tal-Knisja. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.

**7:15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro Mauro Farrugia B.A. (Hons.) Music Comp. (Melit., 2011), P.G.C.E. Music (Melit., 2012) flimkien mas-Sopran Francesca Cassar, issellem lill-Madonna bid-daqq tal-Ave Marija.

**8:45pm** Hekk kif il-Vara tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro Mauro Farrugia B.A. (Hons.) Music Comp. (Melit., 2011), P.G.C.E. Music (Melit., 2012), tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks-Surmast il-Kav. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara, bis-sehem tal-istess kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro Leonard Farrugia. L-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10:30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-festa b'marċ qasir li jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.



# Santa Marija
## Festa 2022
# Programm Piroteknniku

### L-Erbgħa, 9 ta' Awwissu 2022
***Ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-zuntier***

**8:00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**7:30pm** Mal-ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-zuntier isir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.

**9:30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**11:00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

### Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu 2022
***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8:00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**12:00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**8:15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.

**9:30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**11:30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

### Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu 2022
***It-Tieni Jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

### Is-Sibt, 13 ta' Awwissu 2022
***It-Tielet Jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

### Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu 2022
***Lejlet il-Festa***

**9:30am** Mad-daqq tat-*Te Deum* ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.

**11:45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.

**6:30pm** Kif tibda t-Translazzjoni solenni tar-Relikwa jkun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u wirja kbira ta' settijiet ta' murtaletti bil-logħob.

**9:45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir u innovattiv ta' logħob tan-nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika li jinkludi salut, bombi sinkronizzati, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, it-Torri tad-Dawl, settijiet ta' murtali tradizzjonali tal-beraq pront, beraq tal-kulur, beraq bil-logħob u murtali tal-kulur. Ix-xogħol sinkronizzat ser jinħaraq bis-sistemi kompjuterizzati *FireOne u Ten2*.

**11:30pm** Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

### It-Tnejn, 15 ta' Awwissu 2022
***L-Għid tal-Assunta***

**8:00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**9:30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.

**11:45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.

**7:15pm** Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni bil-vara titulari u artistika ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam u mogħnija b'pedestall tal-fidda, jiġi sparat salut. Hekk kif l-vara devota tal-Patruna tal-Imqabba toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-'Ave Maria', tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor u li tkun maħruqa bis-sistema kompjuterizzata *FireOne*. Wara l-kaxxa infernali jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.

**9:00pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa*

*Marija Mtellgħa s-Sema* wara li l-Vara Titulari tkun waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija, isir ħruq ta' kaxxa infernali, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**10:00pm** Hekk kif il-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba tkun ser tidħol, isir ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur.

**10:15pm** Mad-dħul tal-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba jsir ħruq ta' nar minn fuq il-bejt tas-Sede tas-Soċjetà. Wara, fil-knisja, tingħata l-Barka Sagramentali flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lil Santa Marija.

### It-Tnejn, 22 ta' Awwissu 2022

***L-Ottava tal-Festa***

**6:00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tar-Repożizzjoni tar-Relikwa tinħaraq musketterija.

**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fl-2006 fil-Port il-Kbir, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata wkoll bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja. Fl-2010 l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Furjana. Fl-2014, l-Għaqda tan-Nar kompliet iżżid il-kullana ta' suċċessi permezz tal-premju tal-Artiġjanat, għal xogħol innovattiv. Fis-sena 2019, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba flimkien mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġiet mogħnija bl-unur Wirt Artistiku 2019.





Santa Marija
Festa 2022

# Programm Festi Esterni

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju**
*Bidu tal-Kwindiċina*

**8:00pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja u tal-faċċata tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8:00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Divertiment ma John Muscat.

*Matul il-ġranet tal-Kwindiċina*

**8:00pm** Mixegħla tal-porta tal-knisja u l-faċċata tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ħadd, 7 ta' Awwissu**
*Jum it-Tfal*

**7:30pm** Tibda l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija tat-Tfal minn quddiem s-sede tas-Soċjetà. Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq San Bażilju, Triq San Mikiel, Triq id-9 ta' April 1942, Triq Karmenu Ciantar, Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u tintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà. Jakkumpanjaw l-purċissjoni ser ikun hemm il-Banda Re Ġorġ V u Tikka Banda.

**It-Tlieta, 9 ta' Awwissu**
*Jum il-Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7:30pm** Hekk kif il-Vara artistika u devota ta' Santa Marija tinħareġ fuq iz-zuntier, tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

**8:30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda miz-zuntier tal-Knisja.

**L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu**
*Jum il-Banda*

**8:15pm** Marċ trijonfali mill-Banda Re Ġorġ V li jibda minn ħdejn il-bini Muniċipali tal-Kunsill.

**9:00pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM, tagħti bidu għall-Programm Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tal-Wisq Rispettabbli Sindku tal-Imqabba s-Sinjura Grace Marie Zerafa. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

**Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu**
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cassar tibda marċ brijuż minn quddiem s-sede tas-Soċjetà għal madwar diversi toroq fir-raħal li jispiċċa quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu**
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha John D. Zammit F.V.C.M. tibda marċ brijuż minn quddiem is-sede tas-Soċjetà madwar it-toroq ewlenin tar-raħal u li jintemm quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**Is-Sibt, 13 ta' Awwissu**
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8:30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus LCM, A.Mus VCM(Hons), ALCM, tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji. Wara l-marċ jingħata bidu

għal spettaklu kbir li jinkludi filmati awdjoviżivi u spettaklu mħejji mis-Sezzjoni Żgħażagħ, fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu**
***Il-Vġili tal-Assunta***

**8:15pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tibda Programm Strumentali fuq il-planċier biswit is-sede tas-Soċjetà.

**8:30pm** Marċ mill-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM madwar it-toroq ewlenin.

**9:45pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tibda marċ madwar it-toroq ewlenin.

**It-Tnejn, 15 ta' Awwissu**
***L-Għid tal-Assunta***

**1:00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6:45pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Vara artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Vara matul il-purċissjoni.

**7:15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro Mauro Farrugia B.A. (Hons.) Music Comp. (Melit., 2011), P.G.C.E. Music (Melit., 2012) issellem l-Vara Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Marija u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Francesca Cassar. Wara l-istess banda tkompli b'marċ qasir.

**8:45pm** Malli l-Vara tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro Mauro Farrugia B.A. (Hons.) Music Comp. (Melit., 2011), P.G.C.E. Music (Melit., 2012) tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-Kav. Mro George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro Herman Farrugia Franz. Wara l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10:30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V mmexxija minn Mro David Agius A. Mus LCM, A.Mus V.C.M. (Hons), ALCM tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

**It-Tnejn, 22 ta' Awwissu**
***L-Ottava tal-Festa***

**7:30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja kif ukoll tas-Sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'ikla u divertiment quddiem is-Sede tas-Soċjetà.





# L-ewwel għaqda mużikali Mqabbija tiċċelebra l-75 sena mindu nbidlet f'banda

minn John Zammit

*Serje ta' passi storiċi sa mid-data ewlenija tat-12 ta' Awwissu 1945 meta, għall-ewwel darba fl-Imqabba, għaqda mużikali esegwiet programm strumentali fil-pubbliku, fosthom it-30 ta' Marzu 1947, meta taħt l-isem ġdid ta' 'Banda Re Ġorġ V' tat programm mużikali nhar Ħadd il-Palm.*




Il-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjetà Santa Marija, l-ewwel għaqda mużikali Mqabbija, din is-sena qiegħda tiċċelebra l-75 sena minn pass ieħor ewlieni fl-iżvilupp tagħha, dak li fih inbidlet f'banda.

Il-Banda Re Ġorġ V kellha l-bidu tagħha qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1939, meta Ġużeppi Galea beda jgħallem il-mużika fl-għaqda li dak iż-żmien kellha l-isem ta' King George V Club. Il-proġett ta' Ġużeppi Galea kellu jiġi sospiż minħabba l-gwerra, iżda mbagħad kompla fl-1943 hekk kif kienet reġgħet saret il-festa titulari Mqabbija.



*Ġużeppi Galea beda jgħallem il-mużika fil-King George V Club fl-Imqabba 83 sena ilu fl-1939*

F'nofs l-1944, dik li kellha l-isem ta' 'Orkestra Santa Marija' kienet diġà ffurmata ħalli toħroġ iddoqq. Aħbar dokumentata u ritratt ippubblikati fis-16 ta' Frar 1945 fil-gazzetta ta' kuljum *Il-Berqa* jikkonfermaw li l-Orkestra Santa Marija fl-Imqabba kienet diġà ilha mwaqqfa tmien xhur u li kienet lesta biex toħroġ iddoqq fil-pubbliku.



*Ritratt tal-Orkestra Santa Marija tal-Imqabba li deher fil-gazzetta "Il-Berqa" fis-16 ta' Frar 1945*

## L-ewwel għaqda mużikali Mqabbija

Dan fil-fatt għamlitu fit-12 ta' Awwissu 1945 meta, għall-ewwel darba fl-Imqabba, għaqda mużikali esegwiet programm strumentali pubbliku, fit-Tieni Tridu tal-festa titulari li fl-1945 kien ħabat il-Ħadd, fuq planċier fil-pjazza tal-knisja parrokkjali ħdejn is-sede tal-għaqda, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Espedito Deguara. Il-gazzetta *Il-Berqa* rrappurtat dan l-avveniment.

Il-passi fl-iżvilupp tal-ewwel għaqda mużikali Mqabbija komplew imbagħad fis-seduta ġenerali tal-għaqda fl-20 ta' Ottubru 1946, meta l-Orkestra Santa Marija nbidlilha isimha għal 'Banda Re Ġorġ V'.

Dan sar matul il-presidenza ta' Ġanni Ghigo u t-tmexxija tas-Surmast Giuseppe Maria Barbara biex l-orkestra tkun iktar tista' taqdi l-funzjoni tagħha fil-festa kif bdiet issir tipikament, mhux biss bi programmi fuq planċier imma wkoll billi timxi f'marċ u b'hekk issir teknikament banda.

## Bidla naturali għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa kif nafuha

Il-mozzjoni biex l-orkestra tinbidel f'banda tressqet minn Filippo Psaila u kienet sekondata minn Ġanni Camilleri. Wara diskussjoni dwar dak li kien hemm bżonn biex isir dan l-iżvilupp, il-mozzjoni għaddiet b'maġġoranza qawwija ta' 44 favur, 4 kontra u astensjoni waħda.

F'ħames xhur biss, il-Banda Re Ġorġ V, issa b'isem ġdid, tat l-ewwel programm mużikali tagħha b'dan l-isem nhar Ħadd il-Palm tas-sena ta' wara, fit-30 ta' Marzu 1947. Dan seta' jsir fi żmien hekk qasir għax il-bandisti kienu diġà kollha mħarrġin sewwa fil-mużika fl-orkestra u fi ftit xhur kienu ppreparati issa jdoqqu l-istrumenti iktar tipiċi ta' banda. Dan il-programm mużikali kien jikkonsisti f'mużika xierqa għall-Ġimgħa Mqaddsa taħt id-direzzjoni tas-Surmast Barbara.

Naturalment il-banda mbagħad ħadet sehem kif jixraq fil-festa titulari ta' dik l-istess sena b'marċ u


3m KEBAB HOUSE
3m southern style chicken pizza & kebab house
حلال
HALAL
3m
KEBAB HOUSE
36, Blue Grotto Avenue, Żurrieq
(Next to 3M Take Away)
T: 2164 2986 M: 9917 1435, 7947 3207
OPENING HOURS
Tuesday - Sunday from 11am till late
http://www.3mtakeaway.com

3m
Take Away
SOUTHERN STYLE
Chicken
9, Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Tel: 21642986 • Mob: 99171435, 79473207
حلال
HALAL
WE DELIVER
Find us on facebook.
Tuesday to Friday
from 5pm to 11pm
Saturday and Sunday
from 5pm to midnight
On Mondays
we are closed

AginCare
Triq il-Pitiross, Għaxaq, Malta
Tel: 21252550
www.agincaremalta.com

programm lejlet il-festa ta' Santa Marija, il-Ħamis 14 ta' Awwissu 1947. Fil-marċ iżżanżnu sett ta' marċi ġodda u għadda minn Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Knisja u Triq San Bażilju għal ħdejn il-każin tas-Soċjetà. Hemmhekk sar programm strumentali ta' mużika klassika u innijiet li għalaq b'diskorsi u preżentazzjonijiet tal-okkażjoni.

### Stediniet immedjati biex iddoqq barra mir-raħal

Dan il-programm intlaqa' tant tajjeb li l-banda malajr ġiet mistiedna barra mir-raħal tmien xhur wara u iktar 'il quddiem. Bdiet b'marċ u programm fil-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, il-Ħadd 18 t'April 1948, u kompliet bi stediniet oħrajn fil-Belt Valletta, Ħal Qormi, iż-Żurrieq, Raħal il-Ġdid u oħrajn.

Imbagħad, il-Banda Re Ġorġ V baqgħet tħares 'il quddiem tul is-snin taħt it-tmexxija ta' Mro Leonard Spiteri, Mro George Martin, Mro Inġ. Anthony Camilleri u Mro David Agius.

Waqt li baqgħet nieżla fl-istess linja kontinwa bħala l-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija, fl-1946 adottat l-istess isem tas-soċjetà kif kien dak iż-żmien u mbagħad, fl-1990, adottat l-isem preżenti biex jiġbor fih l-istorja tas-soċjetà sħiħa: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

### Żviluppi f'ħafna oqsma matul is-snin

Is-Soċjetà u l-Banda żviluppaw l-ispazju fiżiku fejn isir it-tagħlim tal-banda, bit-tieni sular tal-każin, b'sala ta' valur arkitettoniku enormi li sseddqet b'opri artistiċi tul is-snin, u mbagħad sala oħra maħsuba speċifikament ħalli fiha jsiru l-kunċerti tal-banda u iktar tard waqqfet arkivju tal-mużika.



*L-arkivju tal-mużika tal-Banda Re Ġorġ V*

Apparti għadd kbir ta' stediniet biex iddoqq f'festi Maltin, il-Banda Re Ġorġ V tellgħet Akkademji Mużikali fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fl-okkażjonijiet tal-Ġublew tad-Deheb tad-Domma tal-Assunta u tal-175 sena mill-miġja tal-vara titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba, daqqet fl-Università ta' Malta, u kienet l-ewwel banda Mqabbija li esegwiet programm strumentali fit-Teatru Manoel.

Il-Banda Re Ġorġ V kienet fil-qofol ta' festi kbar fil-50 anniversarju tal-Konvoj ta' Santa Marija, u matul is-snin ospitat għadd kbir ta' baned barranin, fosthom il-Banda Jugend Blasorchester mill-Ġermanja, il-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja, il-Banda Kiryat u l-Kfar Saba Community Concert Band, it-tnejn minn Iżrael, il-Kor Alei Gefen, ukoll minn Iżrael, il-Bedford Town Band mill-Ingilterra, darbtejn, il-Banda St. Keverne minn Cornwall fl-Ingilterra, il-Whistling World Champion David Morris, is-Surmast Amerikan minn Louisiana Mro Andy, is-St Stythians Brass Band mill-Ingilterra, u l-Banda Taljana Associazione Bandistica Cittadina di Cave.

### Stediniet biex iddoqq barra minn Malta u unuri

Il-Banda Re Ġorġ V kellha stediniet biex iddoqq barra minn Malta, fosthom f'Cave, provinċja ta' Ruma, l-Italja, u fis-Sala Nervi fil-Vatikan, waqt udjenza mal-Papa, dak iż-żmien il-Papa Benedittu XVI. Hija kisbet unuri għaliha, għall-Imqabba u għal Malta, fosthom



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Festa del Socio fis-sena*



*L-unur tal-Unjoni Ewropea Les Étoiles d'Or du Jumelage, L-Istilel tad-Deheb tal-Ġemellaġġi*

l-unur tal-Unjoni Ewropea *Les Étoiles d'Or du Jumelage*, L-Istilel tad-Deheb tal-Ġemellaġġi, għall-ġemellaġġ tal-banda mal-Banda Taljana Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano meta l-Banda Re Ġorġ V kienet mistiedna ddoqq f'Ascoli Piceno.

Fost dawn il-passi kollha, din is-sena s-Soċjetà Santa Marija – Banda Re Ġorġ V qiegħda tfakkar il-75 anniversarju minn meta nbidlet f'banda primarjament biex twettaq kif jixraq l-għan ewlieni tagħha, dak li tiċċelebra l-festa titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba.

------------------------------------

Informazzjoni meħuda minn dokumenti tas-Soċjetà u gazzetti kif ukoll mill-ktieb ta' Carmen Lia, B.Ed.(Hons), B.A., *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba*, ippubblikat mis-Soċjetà Santa Marija fl-1997.


Golden Point
Discount Store
L-Imqabba
Mon. to Fri - 6am to 7pm
Saturday - 6am - 2pm
Sunday - 7am to 12pm
27036191 / 79287026
Żebbuġ
Mon. to Fri - 6am to 7pm
Saturday - 6am - 2pm
Sunday - Closed
27690047 / 79287200
At Golden Point Discount Store you will find all your daily needs.
Take advantage of frequent special offers and the points scheme.
One point withe every €5 spent.
When reaching 120 points a €15 voucher is given!
Free packet of water withe every €40 spent in one bill.


XAROLLA
DENTAL CLINIC
FOR APPOINTMENTS & EMERGENCIES PLEASE CALL
2164 1741
9949 2415 / 7940 7454
Restorative treatment
Oral surgery
Root canal treatments
Cosmetic dentistry
Dental crowns & bridges
Veneers
Tooth whitening
Dental Implants
Periodontal treatment
Paediatric dentistry
Dentures
Orthodontics
OPENING HOURS
MONDAY TO FRIDAY
8:30–13:00 AND 14:00–19:00
SATURDAY
8:30 –13:00
Xarolla Dental Clinic
xarolladental@gmail.com



# Kelmtejn mill-Klabb Tfal tat-Titular u Go Reds Adolexxenti Titulari

Maria Galea

Fl-aħħar wasal iż-żmien tant mistenni minnha lkoll biex niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina, l-festa ta' Santa Marija! Għaddejna minn żmien differenti minħabba l-pandemija, żmien li lanqas biss konna noħolmuh, żmien fejn it-tfal u l-adolexxenti tagħna kellhom jinqatgħu min ma xulxin u li issa li n-normalità rebħet fuq it-teknoloġija rridu nħarsu 'l quddiem ħalli b'għaqal u b'attenzjoni naħdmu biex nerġgħu nagħtu l-ħajja.

Matul dawn is-sentejn il-komunikazzjoni tagħna ma naqsitx maċ-ċkejknin għaliex kien ikollna sessjonijiet virtwali fejn kellna rispons sabiħ. Nistqarr magħkom li din is-sena kelli nnaqqas xi ftit minħabba t-telfa tal-għażiż missieri imma nemmen li hu qiegħed jagħtini s-saħħa u l-enerġija biex inkompli naħdem għal dak li rawwamni fih.

Għat-tieni sena l-festa li għaddiet ma stajniex niċċelebrawha minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija. Bħalma tafu s-sena l-oħra waslet ukoll l-istatwa ta' Santa Marija tat-tfal li għamilna biex norganizzaw Festa Tfal. Ma stajniex norganizzaw attività kif xtaqna għal dan l-avveniment imma wara ħafna taħbil il-moħħ u wara ħafna laqgħat wasalna għal deċiżjoni li rnexxielna naslu għal dak li xtaqna. Għalhekk iddeċidejna li jsir it-tberik tal-istatwa u tinħareġ fil-gallerija tas-Soċjetà fejn setgħet tintlaħaq minn kulħadd. Kemm ħadu ġost it-tfal u kemm kienu emozzjonati!



*L-istatwa ta' Santa Marija tat-tfal fil-gallarija tas-Soċjetà*

Kemm aħna kburin bl-adolexxenti tagħna fejn din is-sena wrew interess u ħafna minnhom ingħaqdu mas-Sezzjoni Żgħażagħ għal ewwel darba! Dawn iż-żgħażagħ huma parti mill-frott mixtieq li aħna sena wara l-oħra naħdmu għalih biex hekk għandna katina ta' nies minn sezzjoni għall-oħra. Awguri minn qalbna lis-Sezzjoni Żgħażagħ. Aħna dejjem qegħdin warajkom!



*Trick or Treat b'differenza*

F'Novembru organizzajna l-attività annwali ta' *Trick or Treat*. Din saret differenti min kif kienet issir is-soltu. Minflok morna nħabbtu l-bibien tan-nies, ġbarna l-ħelu u għamilna stands fil-pjazza. Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil kull min tagħna l-għajnuna biex din l-attività setgħat tkun ta' suċċess.



*Tqassim tar-rigali minn-Santa Klaws b'differenza*

F'Diċembru sar tqassim tar-rigali minn Santa Klaws minflok il-famuż festin. It-tfal ħadu gost jiltaqgħu u jitkellmu ma' Santa Klaws.

Għall-ħabta ta' Mejju bdew jiġu rilaxxati xi restrizzjonijiet fejn hemmhekk aħna organizzajna






# Għall-Induraturi

Deheb ta' l-induratura,
silver leaf, aluminium leaf u
l-artikli kollha għall-induratura



Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.15a.m. sal- 5.00p.m.

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: 21234075 / 21236605 Fax: 21244201
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

attività, ‘Stejjer u Logħob tradizzjonali għall-Għabex’. Nista ngħid li ma stennejtx li jkollna rispons qawwi daqshekk. Morna mixja sa Ħal Millieri fejn kellna lil kittieba, is-sinjura Rita Saliba li qrat xi stejjer lit-tfal. Min qalbna nixtiequ nirringrazzjaw lil Rita u nawgurawlha aktar suċċessi fil-kitbiet tagħha. Wara lagħbna logħob tradizzjonali Malti biex inżommu t-tradizzjoni ħajja. Mal-għabex erħejnielha għal mixja ħelwa madwar it-toroq tar-raħal. Id-dija f’wiċċ it-tfal jimliena b’kuraġġ kbir għal aktar avventuri flimkien.



*L-attività Stejjer u Logħob tradizzjonali għall-Għabex*

F’Lulju saret l-inawgurazzjoni tal-Imħażen fejn organizzajna *Workshop* dwar l-armar għat-tfal u l-adolexxenti. Kemm interessaw ruħhom u staqsew mistoqsijiet ta’ nteress dwar l-armar! Grazzi mill-qalb tmur lejn is-Sur Ian Camilleri fejn urihom kif isir l-irħamar fejn ukoll it-tfal middew idejhom biex jagħmlu l-vini tal-irħam. Grazzi wkoll tmur lejn is-sinjura Daniela Camilleri fejn uriethom kif isir



*Workshop dwar l-armar għat-tfal u l-adolexxenti*

l-isfumar. Grazzi lis-sur Raymond Vella fejn urihom kif tinħadem il-liedna. Nista ngħid li l-ħin tar u lanqas xtaqu jitilqu mill-Imħażen.

Għaldaqstant nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv fejn dejjem urew fiduċja sħiħa fina l-amministraturi tal-fjur tas-Soċjetà. Grazzi kbira lis-sur Warren Bondin u lis-sinjura Samantha Debono li dejjem ħdimna id f’id biex norganizzaw u nippreparaw dan kollu għat-tfal. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ġenituri taċ-ċkejknin tas-Soċjetà, tal-koperazzjoni u s-sapport li dejjem tagħtuna.

Inħeġġiġkom biex ningħaqdu lkoll flimkien fil-jiem tal-festa, kemm fil-funzjonijiet tal-knisja u kif ukoll fil-marċi. Ejjew nieħdu pjaċir b’għaqal mingħajr ma nweġġħu lil ħadd.

B’vuċi waħda ngħidu VIVA SANTA MARIJA, L-PATRUNA TAL-IMQABBIN.




C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N^OS: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
2300 W
Cuprinol GARDEN
HAMMERITE
DIRECT TO RUST
METAL PAINT
CISA
WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
narex
Cuprinol
SILCA


F'DAREK, TIDDEĊIEDI INT!
Kellimna | bov.com/homeloan | @bovofficial
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija regolata mill-MFSA u liċenzjata biex toffri l-Kummerċ Bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta). | COM 2635
BOV
Bank of Valletta



Apprezzament

# Carmel Briffa

**Tikteb Marica Grima**

L-enerġija, l-imħabba u l-ħidma kontinwa tal-kaxxier Briffa, dejjem aljenatna mill-inevitabbli tal-ħajja, propju t-tmiem tagħha. Carmel Briffa kien xempju tal-ħidma kontinwa mingħajr ebda preċident lejn raħal twelidu, il-festa f'raħalna, u iktar u iktar lejn Ommna Marija fis-sema.



L-aħbar tad-29 ta' Diċembru 2021, ma kienet mistennija minn ħadd, u hekk kif l-aħbar bdiet tinxtered u titwassal, bdiet tħalli lil kulħadd mbikkem u maħsud hekk kif sar magħruf li l-maħbub Sur Carmel Briffa kien ħalla din id-dinja.

Carmel Briffa, iben l-Imqabba, iben is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Rwol ta' iben mħaddan u mkabbar għal tul ta' diversi snin fl-interess ta' dan ir-raħal u speċjalment lejn is-Soċjetà Santa Marija. L-enerġija tiegħu tqassmet f'kull qasam u fergħa li tifforma din is-Soċjetà b'ħidmiet diversi, sakemm sab postu fil-Kumitat Eżekuttiv, fejn sal-aħħar ġurnata dejjem ġarr miegħu b'responsabiltà l-kariga li ssejjaħ lilu, dik ta' Kaxxier.

Ta' età żgħira, kien avviċinat mill-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien sabiex jibda jagħmel parti mill-istess kumitat. Ħlief għal waqfa qasira ta' kważi sentejn, Carmel Briffa kien parti minn dan il-kumitat għal 50 sena. Fil-maġġoranza ta' żmien l-rwol tiegħu dejjem kien amministrattiv, b'44 sena fil-kariga ta' kaxxier. Ta' min isemmi wkoll li għal perjodu qasir, fl-ewwel snin tiegħu, fl-età żgħira ta' 19-il sena, s-Sur Briffa kien maħtur bħala Segretarju. Fl-rwol tiegħu bħala amministratur tal-finanzi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, is-Sur Briffa dejjem kien għaqli u dejjem ġab l-interessi tas-Soċjetà qabel kollox, anki jekk dan kien ifisser li ma jidhirx f'lenti sabiħa f'xi wħud mid-deċiżjonijiet mittieħda matul is-snin.

Carmel minn dejjem kien strumentali sabiex is-Soċjetà tkabbar il-propjetajiet tagħha u tkun is-sid tal-artijiet minn fejn tiffunzjona u jsiru l-preparamenti tal-festa. Flimkien mal-Kumitati bil-għaqal matul is-snin, rnexxielhom jinkisbu l-art fejn illum naraw l-imħażen tal-armar u nar tal-art, inbniet is-sala tal-banda fis-sede tal-Każin, u nxtrat propjetà maġenb il-Każin fejn ġiet trasformata fl-Estensjoni tal-Każin.

Żgur li matul ħidmitu kien hemm intoppi u sitwazzjonijiet diffiċli, biss permezz tal-għaqda u attenzjoni dejjem instabu soluzzjonijiet adattati sabiex is-Soċjetà ma tgħaddi mill-ebda piż finanzjarju li jkun kbir wisq għaliha. Prova ta' din il-ħidma għaqlija huwa l-ambjent li l-partitarji u s-soċji jaħdmu kif ukoll jirrilassaw fih. Fejn illum nistgħu ngħidu li għandna binjiet attrezzati mill-aħjar sabiex jitgawdew matul is-snin, grazzi għad-deċiżjonijiet tajbin li ttieħdu minn



*Il-Kumitat Eżekuttiv tal-1985*



*Il-bini ta' wieħed mill-imħażen tal-armar*


Can't beat Dee's sizzling fresh taste
Dee's
Pizzeria & Takeaway
Our tantalising menu just got bigger and better!
Ranging from pizzas to juicy homemade burgers and beyond.
One thing is certain:
it'll be love at first bite.
we are on
Bolt Food
@deesmalta
@dees_pizzeria_takeaway
info@dees.mt
Żurrieq & Ħal Għaxaq
(+356) 2168 0200 | (+356) 7968 0200


THE CLUB
FITNESS CENTRE
JULIAN BRIFFA
www.clubfitnesscentre.com
9960 7512



*L-inawgurazzjoni tal-Proġett tal-Estensjoni tal-Każin*

Kumitati preċedenti u l-għaqal fl-infiq ta' flus permezz tas-Sur Briffa. Hu propju minħabba fis-sehem sħiħ u metodiku ta' Karmnu flimkien ma sħabu ta' kumitati differenti, li f'dawn is-snin l-iżviluppi setgħu jibqgħu jsiru kontinwament, sabiex is-Soċjetà tibqa' waħda ħajja u aġġornata maż-żminijiet. L-amministrazzjoni finanzjarja ma tirrekjedix biss li tieħu ħsieb l-istruttura u l-manutenzjoni tal-każin u propjetajiet oħra iżda ukoll l-ispejjeż tal-festa. Bħalma hu evidenti l-festa għażiża ta' Santa Marija kienet dejjem waħda ta' livell għoli, hawn ta' min isemmi li l-livelli li ntlaħqu fil-festi, kemm permezz t'armar, nar, programmi tal-banda, baned barranin mistiedna u innovazzjonijiet oħra, ma setax ikun possibbli lanqas li kieku mhux għal ġenerożità tal-partitarji magħġuna mal-ħila tal-kaxxier, sabiex ta' kull sena nkunu nistgħu niċċelebraw festi tal-aqwa livell.



*Sehem attiv fl-armar tat-toroq tal-Imqabba*

Żgur li wieħed jista' jinnota li l-rwol ta' Karmnu ma kienx wieħed faċli u li xi kultant issib ħafna sitwazzjonijiet diffiċli li trid issib soluzzjoni għaqlija għaliha, għalkemm kultant ma tkunx l-aktar konvenzjonali. Żgur li meta nagħtu ħarsa madwarna kemm fis-Sede tal-Każin u kif ukoll fil-ġranet tal-festa nistgħu naraw is-sehem ta' Karmnu b'mod tanġibbli f'diversi oqsma. Karmnu b'serjetà u mħabba kbira lejn il-festa ta' Santa Marija għamel dak kollu li kien possibbli sabiex ikompli jġib din is-Soċjetà fuq quddiem nett, permezz tal-għaqal u l-bżulija tiegħu.

Sa l-aħħar ġurnata tiegħu fostna Karmnu kien għadu qiegħed joffri l-għajnuniet tiegħu f'wieħed mill-aktar



*Sehem attiv fl-irfigħ tal-Vara ta' Santa Marija*

proġetti ambizzjużi li twettqu f'dawn l-aħħar snin, dak tal-bini u tlestija ta' żewġ sulari ġodda fil-maħżen tal-armar. Proġett li beda u spiċċa fi snin diffiċli tal-pandemija. Snin li lil Karmnu ofrewlu sfidi ġodda li żgur ma kienx ltaqa magħhom qabel, kemm dik ta' nuqqas ta' prodotti jew servizzi, tibdil drastiċi fil-prezzijiet, kif ukoll sfidi personali hekk kif l-età tiegħu kienet titfgħu f'keffa ta' nies vulnerabbli. B'hekk kien fl-obbligu li jieħu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma jagħmel l-ebda ħsara lil saħħtu. Karmnu xorta waħda baqa' jagħti s-sehem tiegħu kollu filwaqt li jżomm ruħu aġġornat u jaġġorna lil sħabu b'kull żvilupp. Hekk kif l-pandemija bdiet tbaxxi xi ftit rasha Karmnu kompla jaħdem b'ruħu u ġismu, anki fix-xogħol manwali sabiex din il-ħolma daqshekk ambizzjuża tkun tista' ssir realtà.

Hi tassew weġgħa li Karmnu ma setax ikun magħna fiżikament sabiex jara l-prodott finali, prodott li fih kien tassew strumentali u rsista sabiex issir xogħol fil-ħin u bl-aħjar mod.

Dan ma kienx l-uniku proġett riċenti fejn Karmnu kien strumentali, nistgħu ngħidu li f'kull tip ta' proġett jew attività b'risq il-każin lil Karmnu dejjem sibnieh warajna sabiex jigwidana u jagħti s-sehem tiegħu.

Żgur li l-ħidma u l-enerġija li offra Karmnu matul dawn is-snin kollha ma kinitx tieqaf mal-irwol tiegħu, dak ta' Kaxxier, iżda dejjem mar pass 'il quddiem u stinka u ħadem, widdeb, għallem, u wera u rawwem lil ta' madwaru sabiex is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re







DOS AVÓS

DoS Avós,
Triq San Bażilju, Mqabba
Book your table on 21681131 / 99680942
or Message us on facebook: Dos Avós



L-aħħar tislima quddiem il-każin



Il-korteo fi triqtu lejn il-knisja



Il-Banda Re Ġorġ V tagħti tislima xierqa

Ġorġ V tibqa' dejjem mixja 'l quddiem mingħajr xkiel.

Il-ħidma ta' Karmnu kienet tvarja minn *high tea* jew *coffee morning* fis-sala tal-każin sa deċiżjonijiet ferm diffiċli li wasslu sabiex illum għandna ħafna xi ngawdu flimkien. Is-sehem tiegħu xerrdu wkoll fil-membri tal-familja tiegħu li dejjem ġabarhom sabiex ikomplu jgħinu b'modi differenti, fil-ħidma volontarja għall-festa ta' Santa Marija. Żgur li b'dan il-familja Briffa tgawdi memorji ferm sbieħ ta' din il-persuna tant għażiża mhux għalihom biss iżda ukoll għall-familja estiża tas-Soċjetà tagħna.

Ċertament li kull membru jew soċji għandu xi storja li għadda minnha flimkien mal-Kaxxier Briffa li wieħed jista' jirrakkonta, stejjer li żgur ser jibqgħu magħna.

Il-ħajja kissret ir-rabtiet li kellna ma Karmnu. Firda kiefra u qiebsa għal dawk il-ħafna nies ta' madwaru, hekk kif nirrealizzaw li l-ħajja trid tkompli mingħajru. Biss il-ħajja tgħallmek xi ħaġa vera kbira; il-ħajja tneħħilek il-preżenza, tneħħilek il-leħen, imma mhux il-memorji.

Grazzi Karm! Grazzi ta' kemm tajtna memorji sbieħ biex niftakruk, grazzi ta' kemm dejjem ġibt il-ġid ta' din is-Soċjetà għażiża qabel il-bżonnijiet tiegħek, grazzi talli kull kumitat li ħdimt miegħu tul is-snin dejjem kont ta' spalla għalih u fuq kollox grazzi Karm tal-ġid u l-imħabba li qsamt ma ħutek l-Imqabbin.

Il-bogħod mill-għajn imma qatt minn qalbna. Ommna Marija tilqgħak fi ħdanha sabiex tgawdi s-sbuħija u l-glorja t'Alla magħha fis-sema.



Blue Grotto Avenue,
Żurrieq

Mobile:
7741 2342

VILLAGE CORE
BAKERY & CONFECTIONERY






PYROWEBODE®



Apprezzament

# Mikiel Zammit

**Jikteb Mark L Zammit**
MA Insurance & Risk Management (Melit.), MBA (Henley), Cert. IBL (UK), CIRM



Mikiel Zammit twieled L-Imqabba fil-21 ta' Novembru 1932 lil Karmnu Zammit u Modesta nee' Baldacchino (Tal-Għoli). Kien l-ewwel wild fost 11 il-aħwa u trabba l-Imqabba fl-eqqel żmien tat-tieni Gwerra Dinjija fejn għen lill-ġenituri tiegħu jrabbu lil ħutu żgħar.

Mikiel beda l-edukazzjoni tiegħu l-primarja tal-Imqabba. Kien għamel żmien abbati fil-parroċċa tagħna u l-Kappillan ta' dak iż-żmien kien ħajjar lil Mikiel ikompli l-istudji tiegħu fis-seminarju.

Wara ftit żmien, Mikiel kien telaq mill-iskola biex jgħin lil missieru fil-barriera tal-familja. Fl-età ta' 24 sena Mikiel daħal jaħdem it-Tarzna. Tul iż-żmien Mikiel ħadem ukoll għal żmien twil bħala *sprayer* tal-ajruplani mas-servizz Ingliż u wara fl-1979 kien daħal bħala *Petrol Pump Attendant* mad-Dipartiment tal-Agrikultura fejn serva sakemm irtira mix-xogħol.

F'Awissu tal-1959 Mikiel ta' 27 sena żżewweġ lil Helen nee' Psaila. Flimkien għexu l-ħajja miżżewġa tagħhom f'Ħal-Luqa. Għexu fl-imħabba għal 62 sena.

Fl-età ta' 10 snin (1942) kien tħajjar jibda jitgħallem il-mużika fil-Każin tar-Re Ġorġ V fejn kien qed jitwaqqaf f'dak iż-żmien l-Orkestra Santa Marija. Fil-fatt Mikiel jidher f'wieħed mill-uniku ritratti li jeżistu tal-Orkestra fejn jidher bħala t-tifel fin-nofs tar-ritratt iżomm l-arma tal-Orkestra flimkien ma missieru Karmnu li kien idoqq l-arkordjan (ringiela ta' wara fuq il-lemin).



L-orkestra Santa Marija fl-1945

Mikiel tgħallem l-kwartin u ħareġ idoqq mal-Banda Re Ġorġ V fil-1947. Fl-aħħar 25 sena Mikiel qaleb l-istrument u beda jdoqq l-baxx. Kien hemm ħabta fejn Mikiel kien idoqq ma tnejn oħra min-ħutu Guzepp u Manswet u numru ta' neputijiet (jiena nkluż).

Fil-festa ta' Santa Marija tal-2014 Mikiel kien ingħata l-Premju Bandist tas-sena li l-familja tiegħu għadhom jgħożżu sal-ġurnata tal-lum. Mikiel dam il-fuq minn 65 sena jdoqq sakemm minħabba saħħa kellu jieqaf.

Alla f'ħajtu kien dejjem jiġi l-ewwel. Bla dubju l-Madonna wkoll. Kuljum kien jieħu ħsieb li jikkomunika magħhom b'mod speċjali fil-quddiesa u r-Rużarju. Fl-aħħar xhur ta' ħajtu, il-familja tiegħu rebħu statwa sabiħa ta' Santa Marija. Ma nistawx nesprimu l-ferħ li kellu fuq wiċċu dakinhar.

Minkejja li kien joqgħod Ħal Luqa, raħal twelidu baqa' dejjem f'qalbu b'mod speċjali l-festa ta' Santa Marija. Minbarra li kien idoqq, l-hena tiegħu meta kif jispiċċa l-marċ, kunċert jew f'nhar il-festa, jiltaqa' flimkien mal-familja kollha fuq is-salib tal-pjazza ħdejn il-Każin ta' Santa Marija.

Iz-Ziju Mikiel mar jiltaqa' mal-Mulej fil-festa tal-Kunċizzjoni nhar it-8 ta' Diċembru, 2021.

Qatt mhu minsi mill-familja u l-ħbieb tiegħu.



Mikiel Zammit fl-2014 jirċievi rikonoxximent mingħand l-eks President Carmel Zahra, għas-servizz twil li ta bħala bandist




Tfal tat-Titular
...ulied il-padruna
santa marija
est : 2010

## Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa,
għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi,
rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.



# Kelmtejn mis-Sottokumitat tan-Nisa

**Maria Galea**

Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nsellem il-memorja tal-għażiż missieri, Carmel Briffa li mar jiltaqa' ma' Sidtna Marija nhar id-29 ta' Diċembru 2021. Nistqarr ngħid li kienet ħasda kbira mhux biss għalina l-familjari iżda għas-Soċjetà kollha. Grazzi kbira mill-qalb missier talli rawwimt fina mħabba kbira lejn il-Patruna tagħna Santa Marija. Dejjem kont għadni u nibqa' kburija bik. F'isem il-familja kollha nixtieq ngħid grazzi lill-Kumitat Eżekuttiv għall-funeral organizzat u grati ta' kemm konna ta' faraġ u ta' wens għal xulxin f'dawn il-mumenti diffiċli.

Jien ser inkun hemm biex nibqa' miexja fuq il-passi ta' missieri u qatt mhu ser inħares lura. Għaddejna sentejn ebsin ta' sfidi kbar minħabba l-pandemija tal-Covid-19, fejn ma stajniex norganizzaw attivitajiet għax fejn tidħol is-saħħa ma joqgħod xejn. Lanqas nista nemmen li wasal iż-żmien li nerġgħu niċċelebraw il-festa li tant għandna għall-qalbna.

Meta ġew ir-rilaxxati r-restrizzjonijiet iddeċidejna li norganizzaw *coffee mornings*, *high teas* u anke erġajna organizzajna l-Erbgħat ta' Santa Marija. Inħossni sodisfatta mmens meta nara l-ferħ fost in-nisa preżenti li fl-aħħar setgħu jiltaqgħu u jgħidu kelmtejn flimkien, filwaqt li jippruvaw jegħlbu l-biża li ħakmitna mill-pandemija. Konna ta' għajnuna wkoll fil-ħasil tal-każin minħabba xogħlijiet li baqgħu għaddejjin.

Nixtieq ngħid ukoll li f'dan iż-żmien il-kumitat tan-nisa ma' baqax daqshekk b'saħħtu. Il-ħajja nbidlet u rridu nadattaw għal normalità li qegħdin ngħixu fija. Għalhekk filwaqt li nirringrazzja lil kull min kien ta' għajnuna biex stajna nerġgħu nibdew ftit ftit bil-mod, inħeġġeġ aktar nisa biex jingħaqdu magħna ħalli dak li bnejna matul dawn is-snin nibżgħu għalih u mhux inħalluh jintilef fix-xejn.

Ngħalaq dawn il-kelmtejn billi nħeġġeġ lil kulħadd jattendi l-funzjonijiet tal-knisja. Ejjew ħalli flimkien niċċelebraw festa kif jixraq lil Ommna Marija. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

VIVA SANTA MARIJA L-PATRUNA TAGĦNA L-IMQABBIN



*Wieħed mill-Coffee Mornings organizzati mill-Fergħa Nisa*



*Tlugħ tat-tombla waqt il-Coffee Mornings*





# Pjanta mill-1762 tal-Knisja u l-bini madwarha

**Rev. Dr Jonathan Farrugia**

*Ħajr lis-Sur Michael Buhagiar talli ġibidli l-attenzjoni fuq din il-pjanta*




*Il-knisja u l-proprjetà mill-ajru llum*

## Daħla: id-dar tal-kappillan

Bħal ħafna rħula oħra fl-imgħoddi d-dar tal-kappillan tal-Imqabba kienet tmiss mal-knisja parrokkjali u tinfed magħha. Waħda mill-garanziji li kienu poġġew ir-raħħala lill-Isqof Tumas Gargallo jekk jaqtagħhom bħala parroċċa awtonoma kienet li jħallsu l-prebenda parrokkjali u li jipprovdu dar fejn joqgħod il-kappillan.[1] Għalhekk, meta twaqqfet il-parroċċa taħt it-titlu tal-Assunta fl-1598, l-Imqabbin żammew kelmithom u bdew iħallsu l-kera ta' dar biex fiha jgħixu l-kappillani. L-informazzjoni li għandna dwar dan ġejja mill-kitba ta' Dun Lawrenz Zammit, li jgħid li l-poplu baqa' jħallas il-kera ta' din id-dar sakemm inxtrat wara l-viżta pastorali tal-Isqof Giacomo Cannavez fl-1717 mingħand il-proprjetarja ta' dak iż-żmien, Margerita Vella miż-Żurrieq.[2] Mill-mod kif jitkellem Zammit jidher li din baqgħet dejjem l-istess dar sakemm ftit wara li nxtrat twaqqgħet u nbniet mill-ġdid fl-istess post.[3]

## Ir-rikors tal-1693 għax il-kappillan ried dar iktar komda

Dan iżda jista' jkun li mhux il-każ, għax bħalma nafu, il-knisja preżenti nbniet fuq l-arja li kienet meħuda minn żewġ knejjes żgħar li nbidlu fi knisja waħda fil-bidu tas-seklu 17. Jekk din id-dar kienet "tinsab hdein il Cnisia Parrocchiali"[4] bħalma jgħid Zammit, meta nbniet il-knisja tal-lum, li hija ikbar minn dik li kien hemm qabel, jista' jkun li xi tibdil fid-djar tal-pjazza sar ukoll. Rikors li sar minn uħud mill-prokuraturi tal-bini tal-knisja fl-20 ta' Awwissu 1693[5] juri li żgur għal xi żmien, jiġifieri meta l-knisja kienet qed tinbena, ir-residenza tal-kappillan inbidlet aktar minn darba. Ma niskantax jekk id-dar l-oriġinali (probabilment flimkien ma' djar oħra) "inbelgħet" fil-binja l-ġdida tal-knisja.

Minkejja dan, jista' jkun li Zammit ma kienx għal kollox żbaljat meta qal li l-parruċċani baqgħu dejjem jikru l-istess dar sakemm din inxtrat u twaqqgħet. L-ipoteżi tiegħi hi li meta kienet qed tinbena l-knisja preżenti, intlaħaq ftehim mal-proprjetarji ta' din id-dar – il-familja Vella miż-Żurrieq – li din titwaqqa' minħabba l-knisja u li terġa' tinbena kif kienet u terġa' ssir proprjetà tagħhom mikrija mill-parruċċani għall-użu tal-kappillan. Għalhekk, meta l-knisja tlestiet lejn l-1699, il-kappillan seta' jerġa' jieħu r-residenza tiegħu mill-ġdid f'dar qrib il-knisja li kienet proprjetà tal-familja Vella u li kienet qed tinkera mill-parruċċani. Eventwalment nifhmu li kienet din id-dar li nxtrat mill-parroċċa wara l-1717 u twaqqgħet biex inbniet dar ikbar u aktar komda – dik li sa ftit snin ilu kienet id-dar parrokkjali u li llum hija l-uffiċċju parrokkjali.

Kif kienet id-dar parrokkjali l-oriġinali ma nafux, però xi dettalji żgħar li nsibu f'dak li r-rikors tal-1693 dwar il-pretensjoni tal-kappillan li tinkrielu dar ikbar jagħtina ħjiel li kienet dar żgħira. F'dan ir-rikors[6] naqraw li d-dar li nkriet għal waqt ix-xogħol kienet tikkonsisti f'żewġt ikmamar, waħda isfel u waħda fuq, u kantina. Ladarba l-kera kienet imħallsa mill-poplu



*L-ewwel parti tar-rikors tal-1693*



Il-pjanta tal-1762 bil-proprjetà madwar il-knisja


Fresh
&Clean
LAUNDRY & DRYCLEAN
Tel: 2146 1410 • Mob: 7966 6262
talfreshandclean@gmail.com


Gold Lady
Jewellery
Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs
Now also available
a large selection
of trophies
Ron Shafer
Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928
Open Hours: 08.30 - 12.00   16.00 - 19.00

nifhmu li daż-żewġ kmamar u kantina kellhom l-istess prezz li kien jitħallas għall-ewwel dar parrokkjali li kienet tintuża u li kienet tinsab qrib l-ewwel knisja parrokkjali mibnija fil-bidu tas-seklu 17. Ladarba kienu għaddew kważi mitt sena minn mindu bdiet tinkera l-ewwel dar, probabbli li biex sabu żewġ kmamar bl-istess prezz dawn kienu iżgħar. Il-kappillan li fi żmienu nbeda u mexa sewwa x-xogħol tal-bini tal-knisja kien l-Imqabbi Dun Anġlu Mallia, li miet zobtu fl-1690 fil-pjazza meta kien qed jitkellem mal-ħaddiema.[7] Ladarba kien Imqabbi u kellu għal qalbu dan il-proġett, ma ħabbilx wisq rasu jekk id-dar li nkriet għalih kienet iżgħar minn dik ta' qabilha u inqas komda, basta tkompli tinbena l-knisja. Il-kappillan ta' warajh kien Dun Enriku Cuschieri mill-Imdina; ladarba kien minn belt nifhmu li kien imdorri f'lussu akbar minn dak li sab f'raħal bħall-Imqabba, u għalhekk jidher li talab li tinstabu residenza oħra. Mid-dehra, skont il-kliem tar-rikors ("*essendo fatto il p[rese]nte Parocho l'antecessori dell'Oratori gli affittarono un loco di case p[er] scudi quattro, e tarì sei l'anno*"), il-prokuraturi li kien hemm qabel dawk li għamlu dan ir-rikors sabulu dar oħra għall-kirja ta' 4 skudi u 6 tarì fis-sena, li jidher li kienet żewġ skudi għola aktar minn qabel. Ir-rikors ikompli jgħid li l-ħlas tal-kera ma żdiedx mal-piż tal-poplu, imma li kellha tibda tħallsu l-knisja ("*senza darne parte al Popolo dove la Chiesa restò interessata in scudi doi*[8] *l'anno*"). Madanakollu Cuschieri pretenda post aħjar a spejjeż tal-prokuraturi, u kien għalhekk li dawn appellaw lill-Isqof. L-eżitu kien li l-Isqof qabel mal-prokuraturi u l-kappillan Cuschieri kellu jew jibqa' fejn kien, jew iħallas l-ispejjeż żejda hu.

Nimxu 'il quddiem 24 sena u naslu fl-1717 meta l-kappillan Giacomo Casha minn Senglea, talab permess lill-Isqof Cannavez biex din id-dar tinxtara; hekk sar u eventwalment twaqqgħet u nbniet mill-ġdid u ħadet il-forma li għandha llum.

## Id-dar parrokkjali preżenti u l-binja ta' magħha fl-1762

Nimxu 'l quddiem 45 sena oħra minn meta ntalab u nġieb il-permess biex tinxtara u tinbena d-dar u fi żmien il-kappillan Michele Giacomo Tortella, minn Bormla, insibu rikors ieħor, imressaq f'Lulju tal-1762, li jurina li għal xi żmien is-sede parrokkjali kienet ferm ikbar minn kif nafuha llum. Ir-rikors għandu miegħu diżinn – ħaġa kemmxejn mhux tas-soltu – li jinkludi skizz tal-knisja u pjanta kemmxejn dettaljata tad-dar parrokkjali u tal-bini li jmiss magħha, jiġifieri kważi tal-blokka sħiħa ta' madwar il-knisja. Fir-rikors[9] Tortella jgħid li akkwista l-proprjetà ta' maġenb id-dar parrokkjali li kienet mikrija għand żewġ aħwa, u kien qed jitlob li jiftaħ żewġ bibien biex iniffed id-dar ma' din il-propjetà miksuba. Huwa juża spiss it-terminoloġija "*casa recuperata*" li tista' tagħti l-impressjoni li din il-binja 'miksuba' sa xi żmien qabel kienet tagħmel parti mill-proprjetà oriġinali tal-parroċċa, imma dan



*L-ewwel parti tar-rikors ta' Tortella*

probabbli mhux il-każ għax kieku kienet tkun tinfed diġà; Tortella mkien ma jgħid li ried jiftaħ bibien li kien ġew imbarrati, imma li jiftaħ il-ħajt diviżorju. Apparti minn hekk din il-binja in kwestjoni, bħalma ser naraw daqt, kienet inkriet lill-aħwa minn saċerdot li ma kienx il-kappillan bil-ftehim li meta jħallsu ċertu ammont din issir tagħhom, għalhekk huwa improbabbli ferm li dan seta' kellu l-awtorità jiddisponi minn binja tal-parroċċa b'dan il-mod.

Milli naqraw fir-rikors tal-1762, nifhmu li d-dar ta' maġenb id-dar parrokkjali kienet proprjetà ta' Dun Ġużepp Calleja[10] u dan kien kriha lil Gio. Maria u Marco Farrugia, aħwa, f'kuntratt li sar quddiem il-Nutar Francesco Calleja fis-27 ta' Settembru 1760. Huma kellhom iħallsu 6 skudi fis-sena u din kienet ser issir tagħhom meta jħallsu 200 skud. Peress li d-dar kienet tmiss mad-dar parrokkjali, Tortella, li kien sar kappillan fl-1757, xeħet għajnejh fuqha u raha bħala possibilità biex ikollu proprjetà fl-Imqabba u fl-istess ħin ikabbar id-dar parrokkjali sakemm idum kappillan. Għalhekk bi ftehim li sar mal-aħwa Farrugia quddiem in-nutar Giovanni Francesco Farrugia nhar it-22 ta' Diċembru 1761, ħallashom 100 skud u ntrabat biex iħallas il-bqija sabiex id-dar tkun tiegħu. Fir-rikors jgħid ċar li ma riedx iħallat il-beni tiegħu mal-beni tal-parroċċa, għalhekk id-dar ħallasha minn butu. Talab li jiftaħ żewġ bibien biex jgħaqqad iż-żewġt idjar: bieb isfel li jagħti minn kamra tad-dar parrokkjali għall-kamra tal-binja mixtrija u bieb fuq li jagħti mid-dar parrokkjali għal fuq il-bejt tal-dar mixtrija. Fir-rikors kiteb li dan kellu jsir bil-patt li meta din id-dar ma tibqax użata minnu bħala kappillan, hu jew il-werrieta tiegħu, kellhom jerġgħu jagħlqu dal-bibien ħalli d-dar parrokkjali terġa' tiġi awtonoma.[11]

## Deskrizzjoni tal-pjanta tal-1762

Li għandu importanti dan ir-rikors mhux daqstant id-dettalji li fih – per eżempju l-fatt li hawn jidher li hemm prova ċara li l-kappillan Tortella kien xtara proprjetà fl-Imqabba – imma dik il-pjanta li hemm mehmuża miegħu, li qed tiġi ppubblikata għall-ewwel


LuxNAILS
by Sabrina
Gel & Acrylic Nail Enhancements
Semi-Permanent Gel Polish • Natural Nail Care
Eyebrow Shaping • Lash Lifting • Upper Lip Waxing
& more
Mqabba Road, Zurrieq T. 21 649 875 M. 79 046 888


mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
MANGION BROS
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works



*Il-proprjetà mixtrija minn Tortella*

darba hawn. Din tagħtina ħjiel ta' kif kienet id-dar parrokkjali dak iż-żmien u, aktar notevolment, anke ta' kif kien il-bqija tal-bini li kien hemm fil-blokka ta' madwar il-knisja.

Il-parti l-kbira tal-pjanta hija meħuda minn skizz rudimentali ħafna u bil-qisien ħżiena tal-knisja, fejn huma mmarkati b'isimhom biss il-kor ("*choro*") u ż-żewġ sagristiji ("*sacristia moderna*" u "*sacristia antica*"); il-bqija tal-ispazju huwa mmarkat sempliċiment bħala "*chiesa*". Mad-dawra tal-iskizz kollu hemm imniżżlin uħud mill-punti kardinali u interkardinali tal-warda tal-irjieħ: "*Gregale*" (Grigal), "*Levante*" (Lvant), "*Silocco*" (Xlokk), "*Mezzo dì*" (Nofsinhar), "*Lebeccio*" (Lbiċ) u "Ponente" (*Punent*).

Id-dar parrokkjali tidher li żammet l-istess tqassim sal-lum, almenu fil-pjan t'isfel li jidher f'din il-pjanta. Għandha żewġ bibien jagħtu għal barra: wieħed jagħti għall-pjazza u l-ieħor li jiftaħ għal maġenb il-knisja. Fuq kull naħa tal-bieb li jagħti għall-pjazza hemm tieqa. Dan il-bieb jagħti għal kuritur qasir b'kamra fuq kull naħa – dawk li llum huma l-uffiċċju (fuq il-lemin) u l-kamra fejn wieħed jistenna[12] (fuq ix-xellug). Il-kamra tax-xellug tagħti għall-kċina, waqt li l-kamra tal-lemin tagħti għal alkova.[13] Mill-kamra li llum hija l-uffiċċju hemm aċċess għall-garigor moħbi li jagħti għal fuq, u li eventwalment tniffed mal-knisja. L-unika differenza notevoli li tidher hija li fejn illum hemm it-taraġ li jagħti għas-sular ta' fuq, f'din il-pjanta jidher li kien hemm bitħa, li mir-rigi li għandha mad-dawra jista' jkun li kellha taraġ estern li jagħti għal fuq ukoll.[14]

Id-dar ta' maġenbha li xtara l-kappillan Tortella kienet tmiss mad-dar parrokkjali mill-ġenb u tmiss is-sagristija l-ġdida minn wara. Din tidher li kienet ferm iżgħar mid-dar parrokkjali u kienet tikkonsisti biss f'kamra waħda. Però din kellha magħha bitħa kbira li kienet tieħu l-ispazju tal-bini kollu li hemm fl-ewwel parti ta' Triq San Bażilju safejn jispiċċa l-kor tal-knisja. L-unika binja li seta' kien hemm hija d-dar (jew oħra li kienet hemm qabilha) li tinsab kantuniera bejn Triq San Bażilju u l-pjazza ta' wara l-knisja fejn hemm niċċa bi statwa ta' San Ġużepp. F'din il-bitħa kien hemm bir ("*cisterna*"), kumdità li mid-dehra d-dar parrokkjali ma kellhiex.

Fiż-żewġ proprjetajiet hemm miżjuda wkoll il-qisien imkejla bil-qasab ("*canni*").

Il-kappillan Tortella kiseb il-permess li ried, imma skont in-nota li hemm fuq il-pjanta jidher li jew il-permess jew ix-xogħol ħa ftit fit-tul għax id-data li tikkonferma li kollox sar skont il-ftehim li l-bibien jerġgħu jingħalqu meta jispiċċa minn kappillan iġġib id-data tal-15 ta' Novembru 1765. Studju tal-ħitan, speċjalment dak tal-uffiċċju li għadu l-oriġinali,[15] jista' jagħti ħjiel ta' fejn dawn il-bibien kienu nfetħu. Tortella spiċċa minn kappillan fl-1787, u għalhekk nifhmu li dik is-sena stess il-bibien ingħalqu. Kemm il-proprjetà ta' maġenb il-knisja damet f'idejn il-familja Tortella ma nafux; jista' jkun li nbiegħet wara mewtu f'April tal-1802. Biż-żmien, probabbilment lejn tmiem is-seklu 19 jew fil-bidu tas-seklu 20 il-bitħa ta' ma' din il-kamra bdiet tinbena sakemm inbniet kollha. Il-binja li kien xtara Tortella hija dik il-kamra li tidher maġenb id-dar parrokkjali li l-ħajt estern tagħha jidher għadu dak oriġinali; din m'għandhiex bieb, imma tieqa għax probabbilment tinfed ma' waħda mill-proprjetajiet li nbnew wara. Minn ritratt partikulari tal-knisja mġarrfa meħud min-naħa ta' Sqaq l-Isptar jidher li kemm din il-kamra in kwestjoni kif ukoll il-proprjetà ta' maġenbha sofrew xi ħsarat fil-gwerra, l-istess bħad-dar parrokkjali.

## Għeluq

Il-pjanta mehmuża mar-rikors tal-1762 tgħina nieħdu ftit idea tat-tqassim tal-bini fil-pjazza tar-raħal aktar minn żewġ sekli u nofs ilu, u nistgħu nifhmu aktar x'inbidel u x'baqa' l-istess. Huma frak żgħar bħal din il-pjanta li jgħinuna nifthu twieqi ta' interess fuq l-imgħoddi minsi ta' raħalna.

## Referenzi


1 Laurenz Zammit, *Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba* (Malta: Tip. Dar ta' S. Giuseppe, Hamrun, 1927), 9.

2 ibid., 10.

3 ibid., 11.

4 ibid., 10.

5 Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Suppliche* vol. 2, f.114.

6 "*Il not.o Marco Antonio Brancato, Gio. Dom.co Xicluna, e Andrea Schembri, tre delli quattro procuratori della Fabrica della Parochiale della Micabiba hum.mi servi di V.S. Ill.ma e R.ma hum.te gli espongono che sul principio che si incomiciò a sfabricare d.a Chiesa p. esser di nuovo rifabricata si prese p. servitio di d.a Chiesa un loco di case che consisteva in due camere una terrana, e un altra soprana, e una cainetta che erano fabrica per servitio del Parocho et essendo fatto il p.nte Parocho l'antecessori dell'Oratori gli affittarono un loco di case p. scudi quattro, e tarì sei l'anno senza darne parte al Popolo dove la Chiesa restò interessata in scudi doi l'anno mentre il luogo preso p. servitio di d.a fabrica non poteva valere d'affitto l'anno più du tarì trenta, e con tutto ciò il d.o Parocho pretende che li Supplicanti gli affittino un altro luogo di case p. scudi sette, o otto p. haver maggior commodità…*"

7 Zammit, ibid., 38-39.

8 forma oħra ta' "*due*" (tnejn).

9 Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Suppliche* 8, f.359r-360f.

10 Saċerdot mill-Imqabba li ġie ordnat fis-6 ta' April 1737. Jidher li ma kienx imwieled l-Imqabba għax fir-reġsistri tal-magħmudija


B & G HARDWARE
STORE
Paint
OVER 5,000
COLOURS
INSTANTLY
AVAILABLE
10% DISCOUNT on:
PAINTS • ELECTRICAL & PLUMBING FITTINGS
SELECTION • QUALITY • PRICES
FREE DELIVERY
10, Triq San Tumas, Luqa
Tel/Fax: 2167 5362


Clean air
Thermal comfort
Acoustic comfort
Energy efficiency
Home automation
Airwell
COMFORTABLE LIVING SPACES IN WINTER & SUMMER WITH AIRWELL AIR CONDITIONERS
CASSETTE
DUCTED
HIGH WALL
VRV & HIGH WALL
AIR CONDITIONING SYSTEMS
EXCELLENT AFTER SALES SERVICE
AUDIO
79476491 • www.audiomalta.com • info@audiomalta.com

ma jissemmiex (ħajr: is-Sinjura Amy Demanuele).

[11] "*Il Parroco della Chiesa Par.le di Cas. Micabiba Don Giacomo Tortella ser.o umil.mo e fed.mo di V.S. Ill.,a e Rev.ma con rice. ta no. 29 espone d'ave l'oratore in vigor d'infra rogate in atti dal Not.o Gio. Fran.co Farrugia li 22 Xmbre 1761 ricuperato dal poter di Gio. M.a e Marco Farrugia una casa, posta in d.o Casale contigua colla casa di d.a Chiesa destinata per uso de Parochi della med.a qual casa ricuperata era data ad enfi. (enfiteusi?) redimibile dal Sa.te Don Giuseppe Calleja alli sud.i fratelli de Farrugia per scudi sei annui redimibili per 200: in vigor d'infra denfi rogato in atto del Not.o Fran.co Calleja il 27 7mbre 1760: dalli quali 200: l'or.e già pagò 100: E perché l'or.e fece d'o ritratto a nome proprio e non vorrebe confondere li proprij beni con quelli della Chiesa; e per maggior sua comodità gli comple aprire una porta nel muro divisorio della stanza terra in cui v'è la scala lumaca spettante alla casa della Chiesa per la stanza terrana della Casa ricuperata, ed un'altra porta nell'istesso muro della stanza soprana dellacasa di d.a Chiesa per sopra il tetto della med. casa ricuperata come si precisa dell'annessa pianta.*

*Perciò ricorre l'or.e da V.S. Ill.a e R.ma umil.te supplicandola abilitarlo per l'eff.o sud.o obligando se stesso e li sui heredi d'ottavare e chiudere dette porte allorché cesserà l'uso che ha l'o.re della nominata casa Par.le.*"

[12] Din fl-imgħoddi kienet kamra tal-ikel, sakemm inbniet id-dar parrokkjali l-ġdida fi Triq l-Imterqa minn Dun Nazzaren Caruana.

[13] Il-kċina għadha hemm waqt li l-alkova saret estensjoni tal-uffiċċju, fejn hemm l-armarji tal-ħadid b'uħud mill-kotba tal-arkivji tal-parroċċa.

[14] F'xi punt din il-bitħa ġiet imsaqqfa u t-taraġ inbidel f'wieħed tar-raġġ li għad hemm illum. Hemm tliet mumenti meta jista' jkun li dan seħħ. L-ewwel mument jista' jkun li kien fl-1911 għax jeżisti rikors tal-kappillan Dun Franġisk Saverju Bonanno magħmul fit-18 ta' Jannar biex issir tiswija fuq it-taraġ tad-dar parrokkjali għax "*sono tutte logore con alcune scaline rotte e sostenute in legno*." (Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Suppliche* vol. 176, 28/1911, f. 148). Possibilità oħra tista' tkun kawża tal-gwerra. Niftakar lil P. Karm jgħid li fid-9 ta' April 1942 is-saqaf tas-sular ta' fuq tad-dar parrokkjali ġġarraf (dan huwa ppruvat minn intervista li s-Sur Lawrence Mizzi kien għamel lill-kappillan Dun Lawrenz Spiteri fejn jgħid li fid-9 ta' April iġġarfet id-dar tiegħu; din tidher fil-ktieb tiegħi li ħriġt fl-2017: Jonathan Farrugia, *L-Imqabba. 9 ta' April 1942. Tifkiriet, storja u dokumenti* f'paġni 37-40); jista' jkun li meta dan inbena mill-ġdid issaqfet il-bitħa wkoll u nbidel it-taraġ. Possibilità oħra hi li meta ntlaqat il-kampnar minn sajjetta nhar is-7 ta' Marzu 1945 u waqgħet il-kuspida din ġiet proprju fil-bitħa tad-dar parrokkjali u kissret it-taraġ li mbagħad kellu jinbidel u ġie msaqqaf; fattur li jista' jkun ta' prova għal dan huwa l-gwarniċun tal-knisja mkisser li jidher fil-parti t'isfel tal-kampnar fuq id-dar parokkjali (ħajr lis-Sur Kenneth Cauchi talli ġibidli l-attenzjoni fuq dan id-dettall).

[15] Is-sular ta' fuq kien sofra xi ħsarat fil-gwerra, għalhekk jista' jkun li l-ħajt inbena kollu mill-ġdid.


EGM PSAILA

Ta' Leri

• *Kiri ta' Skips* • *Ġarr ta' xogħol bil-vannijiet*
• *Tħammil bil-gaffa* • *Ġarr ta' ġebel*

Emmanna, Triq Wied Costa, Ta' Kandja l/0 Siġġiewi

**Maurizio u Giovanni Psaila**
**9983 0453 / 9982 6145**
taleri@hotmail.com

# Mariano Panel Beater

*Mariano D'Amato*



Spraybooth painting
Insurance Approved

**M: 99873335**
**E: marianodamato87@gmail.com**
**A: Baldacchino Garage Complex,**
**New Street in Valletta Road, Żurrieq**

maths e coach
you have potential

Mqabba
7970 7458
Contact: Mario Debattista

## MATHEMATICS & PHYSICS
## PRIVATE TUITION

**MATHEMATICS**

FORM 2
FORM 3
FORM 4
FORM 5 (SEC PAPER 2A & 2B)
SEC CLASSES FOR MATURE STUDENTS

**PHYSICS**

FORM 5 (SEC PAPER 2A & 2B)



# Niċċelebraw it-tifkira tal-Verġni Omm Alla u Ommna Marija

**Patri Mario Attard OFM Cap**



Xi grazzja meta niċċelebraw it-tifkira ta' xi ħadd! Għax, meta dan iseħħ, dak ifisser li aħna lil dak ix-xi ħadd inkunu nirrispettawh u, fuq kollox, inħobbuh. U tant kemm inħobbuh li ma nixbgħux infakkruh!

Jekk hemm persuna li, wara Ġesù, jistħoqqilha ħafna li tiġi ċċelebrata u mfakkra hi, mingħajr dubju, il-Verġni Marija. Dan l-għaliex, minbarra li hi Omm Ġesù Sidna, il-Feddej tagħna, hija wkoll Ommna! Minn fuq is-Salib, Ġesù tahielna b'Ommna meta qalilna, permezz ta' Ġwanni l-Appostlu: *Mara, hawn hu ibnek* (Ġw 19:26). U lil Ġwanni b'mod personali: *Hawn hi Ommok* (Ġw 19:27).

Imma hemm raġunijiet l-għaliex lil Marija nibqgħu niċċelebrawha? Il-qaddisin jgħidulna iva. San Alwiġi Marija de Montfort jgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Marija l-għaliex hija l-mudell perfett li aħna qatt nistgħu nimitaw. Barra min hekk, Marija hi wkoll għajnuna kbira għalina. Hekk jikteb San Alwiġi Marija de Montfort: *L-akbar qaddisin, dawk l-aktar għonja fil-grazzja u fil-virtù, huma l-aktar mimlija ħeġġa meta jitolbu lill-Imqaddsa Verġni Marija. Huma jħarsu lejha bħala l-mudell l-aktar perfett biex jimitawha u bħala l-għajnuna mill-aktar qawwija biex tgħinhom.*

San Alfons Marija de Liguori jgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Marija l-għaliex bl-IVA tagħha kkoperat mal-pjan tal-fidwa tagħna. Jgħidilna San Alfons Marija de Liguori: *Marija, għax ikkoperat fis-salvazzjoni tagħna b'tant glorja lil Alla u b'tant imħabba għalina, il-Mulej tagħna ordna li ħadd minna ma jikseb il-fidwa għajr permezz tat-talb tagħha.*

Minn naħa tagħha, Santa Fawstina tgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex hija l-magħżula minn fost il-biżibilju ta' bnedmin u anġli. Marija hija l-kanal tal-ħniena tal-Mulej, hija l-mudell u l-istrument mill-aktar effikaċi biex xmajjar ta' grazzji jgħaddu għal fuqna. Tgħidilna: *Sabiex aħna nagħtu tifħir li jistħoqq lill-ħniena tal-Mulej,/ Aħna ningħaqdu mal-Omm Immakulata Tiegħek,/ Għax b'hekk l-innu tagħna jsir iktar jogħġbok,/ Għax Hi magħżula fost il-bnedmin u l-anġli./ Permezz tagħha, bħal permezz ta' kristall pur,/ Il-ħniena Tiegħek tgħaddi għal għandna./ Permezz tagħha, il-bniedem sar jogħġob lil Alla;/ Permezz tagħha, xmajjar ta' grazzji niżlu jgelglu fuqna* (*Djarju ta' Santa Fawstina*, no 1746).

Imbagħad, San Massimiljanu Kolbe jgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex, inħobbuha kemm inħobbuha, qatt ma nistgħu nħobbuha aktar milli jħobbha Ġesù Binha u Ħuna. Jgħidilna: *La tibżax tħobb lill-Verġni Marija ħafna. Ma tista' qatt tħobbha aktar milli ħabbha Ġesù.*

U San Bażilju l-Kbir ifakkarna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex f'dak kollu li jinqalagħlna lilha ser insibu: *O midneb, qatt taqta' qalbek, imma ara li tmur għand Marija fil-bżonnijiet tiegħek kollha. Sejħilha ħalli tgħinek l-għaliex din hi r-Rieda divina li hi għandha tgħin f'kull għamla tal-bżonn.*

Kif nistgħu qatt inwarrbu minn moħħna u qalbna dak li tgħidilna Santa Tereża minn Calcutta fuq Marija: *Marija, agħtini Qalbek: tant sabiħa, pura, mingħajr ħtija; qalbek tant mimlija mħabba u umiltà li jien nista' nirċievi lil Ġesù fil-Ħobż tal-Ħajja u li nħobbu bħalma tħobbU int u li naqdiH fid-dehra tat-tbatija tal-fqar.*

Il-magħruf Kurat t'Ars, San Ġwann Marija Vianney, jgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex hija s-Sultana tas-Sema. Jgħidilna: *Li wieħed jaqdi s-Sultana tas-Sema hu diġà li ssaltan hemm u li tgħix taħt l-ordnijiet tagħha, hu ħafna aktar milli taħkem.* Int u jien għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex f'dirgħajha nsibu l-mistrieħ! Ifakkarna San Franġisk de Sales: *Ejjew niġru għand Marija u, bħal ulied ċkejknin tagħha, nitilqu lilna nfusna f'idejha b'kunfidenza perfetta.* F'dirgħajha hemm is-sigurtà vera li int u jien qed infittxu f'din id-dinja. Tgħidilna Santa Tereża ta' Lisieux: *Fl-għawġ u fid-diffikultajiet mur għand Ommna Marija, li l-ħarsa tagħha biss hi biżżejjed biex tkeċċi kull biża'.*

Imbagħad, Sant'Antnin ta' Padova, Duttur tal-Knisja, iħeġġiġna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija l-għaliex hija l-belt tar-refuġju tagħna. Jiktbilna: *Fittex ir-refuġju f'Marija l-għaliex hi l-belt tar-refuġju. Aħna nafu li Mosè waqqaf tlett ibliet tar-refuġju għal kull persuna li qatlet b'mod aċċidentali lill-ġara tagħha. Issa, il-Mulej, waqqaf refuġju ta' ħniena, Marija. Anki għal dawk li, għax iridu, jagħmlu l-ħażen. Marija tipprovdi kenn u qawwa għall-midneb.*


MOBILTECH VRT STATION
VRT GĦAND ĠANNI L- ELECTRICIAN
WE ALSO DO:
TYRES AND PUNCTURE REPAIR
BATTERIES
A/C SERVICE
ELECTRICAL PARTS AND REPAIR
INSURANCE AND LICENCE
VRT FOR:
CARS
LIGHT COMMERCIALS
QUAD BIKES
LOW VEHICLES
4 WDS
VALLETTA RD - ZURRIEQ
TEL: 21640466 / 79498465
e mail: mobiltechgarage@hotmail.com


PAUL & MARK
Super-Market (ta' Sapienz)
CRAI
Triq il-Biżantini, Qrendi • Tel: 2164 9033
9987 6448 • 9988 3833
Għal dak
kollu li l-mara
tad-dar
ikollha bżonn
Free Deliveries
Issa ssibulna wkoll
prodotti tad-ditta
CRAI
Max-xirja jingħataw
stickers tal-CRAI
li jissarrfu f'rigali sbieħ
'Ma' kull xirja ta' €50 jingħata rigal
Paul u Mark jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd

Fl-aħħar nett, Papa San Ġwann Pawlu II, jgħidilna li għandna niftakru u nfakkru lil Ommna Marija biex nirnexxu fl-intenzjonijiet kollha tagħna, l-aktar fil-mumenti iebsa tad-dlam. Jgħidilna: *Biex l-intenzjonijiet tiegħek iseħħulek, itlaq dejjem lilek innifsek f'idejn il-Verġni Marija, imma l-aktar fil-mumenti ta' diffikultà u dlam. 'Minn Marija nitgħallmu nintelqu f'idejn il-Mulej fil-ħwejjeġ kollha. Minn Marija nitgħallmu nafdaw anki meta t-tama tkun żvintat. Minn Marija nitgħallmu nħobbu lil Kristu, Binha u l-Iben t'Alla … Ħa nitgħallmu minnha biex inkunu dejjem fidili, li nafdaw li l-Kelma t'Alla lilkom ser tkun imtemmija, u li xejn mhu impossibbli mal-Mulej'.*

Ma' San Bernard ta' Clairveaux ejjew nitolbu lil Marija kuljum b'ħafna fidi, tama u mħabba: *Ftakar ja l-iżjed ħanina Omm Verġni Marija, li qatt ma nstema' li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek, talbek l-għajnuna jew fittex li tidħol għalih u inti ma smajtux. Imqanqal minn dan il-ħsieb għal għandek niġri, ja Verġni Omm tiegħi: għandek niġi, quddiemek noqgħod midneb u niedem, ja Omm l-Iben t'Alla magħmul bniedem. La tistmerx it-talb tiegħi, iżda ismagħni u weġibni. Ammen.*







HORACE ENTERPRISES
TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT
84, Triq Il-Gudja Għaxaq,
GXQ 2175 MALTA
21696302 / 99420346
horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com
Horace Enterprises Ltd
WE PRINT ON T-SHIRTS
SIMON WHITLOCK


HENRY ZAFFARESE
VIĊI SINDKU MQABBA
Nawgura l-Festa t-Tajba



# Lil Santa Marija, Omm iċ-Ċkejknin

Stefano Ancilleri

Minn ċkuniti kont nitgħaxxaq bis-sbuħija li hemm fik,
meta ommi u missieri u z-zijiet qaluli bik,
u rawmuni fl-għożża tiegħek, ta' xbihetek fl-arti sagra,
u stampati baqgħu f'moħħi, ix-xbihat tal-Via Sagra.

Għax m'hemmx sajf jekk m'hemmx ix-xitwa, m'hemmx rebbiegħa bla ħarifa,
m'hemmx il-Għid jekk m'hemmx passjoni, ward bla xewk jew triq ħafifa,
imma dejjem hemm it-telgħa takkumpanja l-moribond
sakemm jirfes fl-art imwiegħda fejn Int tħaddnu sew fil-pront.

U għalhekk f'għajnejk-misteru, nilmaħ l-għafsa tat-taħbit,
bħas-sejf biered ġewwa qalbek, qed jifnik ukoll ftit ftit,
imma dejjem tibqa' soda, donnok arka fl-ilmijiet,
kif ilqajt lil ta' qabilna meta għexu l-agħar waqtiet.

U għalija wkoll Int arka li mexxejtni f'dawn is-snin
u għallimtni nibqa' naqdef kontra l-mewġ bħal tant ċkejknin,
għaliex sibtek fis-silenzju biex tismagħni bħal kull omm
u turini t-triq tas-sewwa b'ħarsa biss li l-qalb iżżomm.

U għalhekk li f'din is-sena jien ukoll sirt pa, missier,
ħsibt li nressaq quddiem ħarstek mhux il-pompa taz-zuntier,
imma l-ħarsa kollha ħlewwa ta' kull iben u kull bint,
ta' kull raġel u kull mara li b'imħabbtek Int weżint.

Imma wkoll ta' dawk il-koppji li jixtiequ jkollhom wild
u qed jagħmlu sew minn kollox kontra l-mewġ li qatt ma fhimt
biex tagħtihom din il-grazzja u ttaffilhom it-tbatija
għaliex Int Omm Alla l-Għoli, Inti biss Santa Marija.

Int li f'qalbek sarrejt kollox bla ma forsi fhimt għaliex,
bħall-mument li deherlek l-anġlu w 'qas staqsejt imqar għaliex.
Ma stajtx tifhem dak il-kobor kif fiċ-ċokon kien se jsir
meta f'ġufek ġie bin Alla u ra d-dawl f'dak l-għar wisq fqir.

Ma stajtx tifhem kif dan ġara meta Int qatt m'għaraft raġel,
jew għaliex kont il-magħżula fost tant nisa minn kull żmien.
Iżda xorta lqajt il-bxara kif laqagħha l-kbir Ġużeppi,
meta għex ta' missier twajjeb w Int omm-xebba, 't-tnejn flimkien.

U għalhekk quddiem dan kollu, nafdaw fik id-destin tagħna,
waqt li nibqgħu nishru dejjem u nissieltu f'kull indana,
għax il-ħajja tarġa, tarġa, nitilgħuha lkoll flimkien
sa ma ngħaddu minn did-dinja bl-isperanza tal-qawmien.

*L-4 ta' Lulju 2022*


Charlie It-Tirxa
GĦAL XOGĦOL
TA' QTUGĦ TA' BLAT, MINI SKIP,
TĦAMMIL, TWAQQIGĦ TA' BINI, XOGĦOL BIL-
KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420


CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE
REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES
Christian Mifsud
Owner
1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420



# La Semana Santa de España fl-Imqabba

**Michael Chetcuti**

Din is-sena għall-grazzja t'Alla u ta' Ommna Marija, erġajna organizzajna din il-wirja unika Spanjola "La Semana Santa de España fl-Imqabba", wirja oriġinali għall-gżejjer Maltin wara waqfa ta' sentejn minħabba l-pandemija. Wirja li għal xi wħud mill-viżitaturi speċjalment il-persuni distinti stqarrew magħna li hija "mużew tal-arti" u naħseb li mingħajr ftaħir żejjed għandhom raġun! L-ambaxxatur ta' Spanja għal Malta u l-Granmastru tal-Ordni ta' Ġerusalemm li inawguraw din il-wirja kellhom kliem ta' tifħir għal xogħol ta' livell għoli li ntlaħaq din is-sena b'ħafna xogħol ġdid eżebit għall-ewwel darba.

Matul il-Pandemija saru diversi statwi ġodda, bħal vara jew "paso" ta' Kristu Rxoxt li jidher lil Ommu Marija u lil Marija Madalena. Hawn naraw lill-Kristu liebes libsa bajda tal-ħarir irrakmat bid-deheb, il-Madonna liebsa mant aħmar skur tal-bellus irrakmat bil-fidda u b'velu tal-bizzilla, din l-istatwa fuq rasha



Dettall tal-kuruna tal-vara tal-Virgen del Rocio



Il-vara ta' Kristu Rxoxt

għandha kuruna u raġġiera tal-ganutell maħduma minn Nathalie Azzopardi, li ħadmet ukoll il-kuruni tal-Macarena, tal-Amargura, tad-Duluri tal-Lanzada u tar-Rocio. Ir-raġel tagħha Leonard Azzopardi ħadem mill-injam il-pedestall artistiku ta' Kristu mejjet u tana wkoll diversi xogħlijiet oħra. Statwa oħra ġdida kienet dik ta' Ġesù Redentur mgħejjun miċ-Ċirinew liebes l-aħmar irrakmat bid-deheb. Ix-xogħol fuq l-istatwi u fuq ħafna anġli saru minn Neville Attard. Għall-vara tal-Irxoxt l-Antik saru żewġ anġli ġodda. Iżżanżnet ukoll statwa ta' Nikodemu, żewġ statwi oħra tal-Madalena, San



Dettall fil-mant tal-vara tal-Virgen de la Amargura



Statwa oħra ġdida kienet dik ta' Ġesù Redentur megħjun miċ-Ċirinew




# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

Ġwann u San Ġakbu għall-vara ta' Ġuda li dan ukoll flimkien ma' Ġesù sarilhom vestwarju ġdid li bih ħadu dehra aktar eleganti. Saret libsa lill-Veronika, lil Ġesù mneżża' minn ħwejġu, libsa ġdida oħra saret lil Erodi u l-mara tiegħu, oħra lil Pilatu u l-mara tiegħu, ilbiesi ġodda għat-tliet nisa tal-vara tal-inżul mis-salib, kif ukoll libsa oħra għal San Ġwann tal-Lanzada. Ġew meħjuta mnatar ġodda (xogħol bl-idejn) ta' San Pietru u San Ġakbu ta' Ħadd il-Palm u ieħor għad-Duluri tal-Vara l-Kbira. Saru wkoll diversi raġġieri ġodda, żdiedu wkoll ħafna ornamenti mat-"Tronas" ta' Kristu Rxoxt, inħadmu diversi faldrappi tal-bellus irrakmati għal taħt il-vari u oħrajn ġew rinovati fejn ħadu dehra iktar rikka bl-ornamenti li sarulhom.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jgħinu f'din il-wirja tagħna għas-suċċess tagħha speċjalment lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u tas-Sezzjoni Żgħażagħ li taħthom taqa' din il-wirja bħala organizzaturi mmexxija minn Jeremy Buttigieg. Grazzi lil Leonard u Nathalie, lil Neville u lill-familja ta' Carmel Briffa li minn hawn insellem il-memorja tiegħu u fl-aħħar u mhux l-inqas lil Giulia Ghigo li minn dejjem kienet ta' sapport u ta' għajnuna għal din il-wirja li tfakkar il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu u s-salvatur tagħna u lid-Duluri ta' Ommna Marija.

Grazzi mill-qalb lil kulħadd u nawguralkom il-festa t-tajba!

Viva Santa Marija!

Dr. Lorraine Zammit B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.
Notary Public & Commissioner for Oaths

**New Office:** 129, Blue Grotto Avenue, Zurrieq

2713 8921 / 9986 0028    notary@lorrainezammit.com




V-TAC®
INNOVATIVE LED LIGHTING
THINK LED! THINK V-TAC!!
tower
IRONMONGERY
Tower Street,
Zurrieq, ZRQ2360
21640196
E-mail: sales@towerironmongery.com
OUR APPROVALS
DEKRA
TÜV
RoHS
CE/EMC


Love of beauty is taste.
The creation of beauty is art.
ArtiĠenjali
Mob: 9982 0269
like us on facebook
ArtiĠenjali
...ta' Skutu



# Niltaqgħu mal-mużiċisti l-ġodda



Jiena Michaela Sciberras, għandi 15-il sena u għadni kif lestejt il-ħames sena tal-edukazzjoni sekondarja, u fis-sena skolastika li jmiss sejra nistudja *media production* ġewwa l-MCAST. Ilni nitgħallem il-mużika 6 snin u din is-sena ser ikolli l-ewwel esperjenza li noħroġ indoqq mal-Banda Re Ġorġ V bil-*clarinet*. Apparti li nitgħallem il-mużika mmur niżfen, u fil-ħin liberu tiegħi nħobb noħroġ, nara l-films u naqra l-kotba. 'Il quddiem nixtieq inkompli nistudja barra minn Malta sabiex insir direttriċi tal-films, jiġifieri li nieħu ħsieb l-aspetti kreattivi tal-produzzjonijiet, li huma importanti ħafna sabiex l-udjenza tkun tista' tinterpreta l-film b'mod ċar.

Din is-sena ser indoqq għall-ewwel darba fil-festa mal-Banda tagħna, kif ukoll ser nieħu sehem fl-ispettaklu tal-aħħar tridu mal-Youth Band.



Jiena Alaizah-Soleil Gerada u għandi 11-il sena. Noqgħod ġewwa r-raħal kwiet tal-Imqabba u nattendi s-sitt sena tal-iskola Primarja San Benedittu fl-Imqabba. Twelidt fil-15 ta' Mejju 2011 u għandi ħija iżgħar minni ta' tmien snin. Minn meta kont żgħira minn dejjem kienet tinteressani l-mużika iżda kont għadni wisq żgħira biex nibda nitgħallem. Meta għalaqt sitt snin, s-surmast David Agius tani ċ-ċans li nibda nitgħallem. Wara sentejn nagħmel t-teorija bdejt nistudja l-klarinett propju meta faqqgħet il-pandemija; għalhekk ħafna mill-lezzjonijiet għamilthom *onlajn*.

Wara opportunitajiet ta' kunċerti żgħar fil-Parents Day Concerts li tatni l-iskola tal-mużika, bdejt indoqq mal-Banda fil-programm tas-Semana Santa 2022 taħt id-direzzjoni tas-Surmast David Agius kif ukoll sirt nifforma parti mill-Youth Band taħt id-direzzjoni tas-Surmast Rene' Camilleri. Infatti, sejra ndoqq fil-festa ta' Santa Marija mal-Banda għall-ewwel darba. Nemmen li għad ikolli futur sabiħ ħafna fil-mużika.



Jiena Georgette Mangion u għandi 16-il sena. Imwielda u noqgħod fil-lokalità ta' Ħal Qormi. Minn t'età żgħira kont inħobb indoqq u nuri interess fil-banda. Grazzi għall-ġenituri tiegħi, il-festi huma parti importanti ħafna mill-ħajja tiegħi għax trabbejt fihom. B'hekk nibtet l-imħabba għall-banda u li nibda ndoqq xi strument.

Fil-ħin liberu tiegħi nħobb ndoqq s-sassofonu sopran u l-ukulele, naqra, nikteb xi paragrafi għall-kotba futuri tiegħi. Wara l-ħin tal-iskola, apparti l-istudju, inħobb nitfa' materjal importanti fuq il-paġna tiegħi ta' Facebook, li jisimha: Ambjent ma' Georgette. Ftit tax-xhur ilu ppublikajt l-ewwel ktieb tiegħi li jismu, is-Sigriet tal-Imħabba. Bħalissa għaddejja nikteb żewġ kotba oħra. Għadni kemm lestejt il-ħames sena tas-Sekondarja u bħalissa ninsab ħerqana sabiex nirċievi r-riżultati taċ-ĊES. 'Il quddiem naspira li nkompli l-istudji tiegħi fil-kors tal-Liġi sabiex nilħaq avukata. Ilni nitgħallem il-mużika għal dawn l-aħħar 4 snin. Is-sassofonu sopran dejjem kien l-istrument favorit tiegħi u nħares 'il quddiem għal aktar għarfien u tagħlim.


CAUCHI
GASTRO BUTCHER
"Through experience in the food industry, dedication and great passion For gastronomy, we aim to provide our customers with fresh meat produce And ready to cook hearty dishes of the highest quality"
OPENING HOURS :
Monday CLOSED
Tuesday 7:00 AM - 1:00 PM
Wednesday 700 AM - 12:00 PM
4:00 PM - 7:00 PM
Thursday 7:00 AM - 1:00 PM
Friday 7:00 AM - 12:00 PM
4:00 PM - 7:00 PM
Saturday 7:00 AM - 12:00 PM
Sunday CLOSED
Facebook & Instagram @cauchigastrobutcher
Phone: 21680942
Location: 41, Misrah il-fidwa Mqabba


Janet u Ivan Spiteri
l-Operaturi tal-Banka tal-Lottu
tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Jawguraw il-Festa t-Tajba
lill-Imqabbin Kollha
National Lottery - POS 043 - Mqabba



# Messaġġ mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

**Avv. Noel Camilleri**
President Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

F'dawn l-aħħar sentejn Pajjiżna bħal bqija tad-dinja għadda minn perjodu ferm diffiċli meta kien milqut mill-pandemija. Effett dirett ta' dan kien li l-festi tant sbieħ għalina l-Maltin u l-Għawdxin u li huma parti mill-identità tagħna, ma setgħux isiru. Kienu sentejn diffiċli għal kulħadd imma żgur għas-Soċjetajiet tal-Banda li kienu kostretti li l-ħidma tagħhom tkun xi ftit limitata. Imma agħar minn hekk kien meta l-każini tagħna kienu magħluqin minħabba l-effetti tal-pandemija. Deher ċar kemm huma punt ta' referenza importanti fl-ibliet u rħula tagħna. Madanakollu kif jgħid il-Malti kull bidu fih it-tmiem u wara dan il-perjodu xejn faċli kull min għandu verament għall-qalbu l-festa Maltija qiegħed iħares b'ottimiżmu biex flimkien nerġgħu nibdew niċċelebraw il-festi fl-ibliet u rħula tagħna.

L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda temmen li kif f'dawn is-sentejn urejna maturità u serjetà u dejjem żammejna saħħet il-poplu fuq nett fil-prioritajiet tagħna hekk ukoll għandna naraw li dawn il-festi jkunu ċelebrati b'sens akbar ta' responsabiltà u serjetà. Dan biex nuru li s-soċjetajiet tal-banda għandhom tmexxija serja u reżiljenti biex nerġgħu nagħtu lill-poplu Malti dak li huwa parti importanti milli jagħmilna Poplu. Għaliex il-festa Maltija flimkien mal-lingwa tant sabiħa tagħna jagħtuna identità ta' Poplu u Pajjiż.

Minkejja li l-pandemija ħalliet effetti fuq s-soċjetajiet tal-banda u l-ħidma volontarja kif ħalliet fuq kulħadd xorta waħda r-reżiljenza tal-kumitati fil-każini tagħna, kienet waħda kbira għaliex minkejja dawn id-diffikultajiet kollha xorta x-xogħol baqa' għaddej ħalli dak li huwa patrimonju tagħna bħala poplu jitħares u jibqa' ħaj ġewwa l-komunitajiet tagħna.

Madanakollu nkunu boloh jekk ngħidu li ma hemmx diffikultajiet u li dawn għandna bżonn ngħelbuhom. Huwa żgur li qed jinħass nuqqas ta' żgħażagħ li lesti jimpenjaw irwieħhom fil-ħidma kontinwa ġewwa s-soċjetajiet tal-banda. Huwa ċar li dawn is-sentejn ħallew u ser iħallu effett fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-każini tagħna. Kif qed jinħass ukoll n-nuqqas ta' mużiċisti li lesti jerġgħu jimpenjaw irwieħhom b'umiltà u b'sens ta' appartenza fil-baned tagħna. Dawn huma żewġ pedini importanti fil-ħolqa tal-ħidma ta' soċjetà tal-banda daqs kemm hija l-ħidma tal-mijiet ta' nies oħra fl-amministrazzjoni u l-attivitajiet fi ħdan is-soċjetà tal-banda.

L-Għaqda temmen li jekk naħdmu flimkien b'sens verament kollettiv u mhux individwalista, jekk immiddu jdejna għal aktar ħidma b'umiltà, jekk inkomplu naħdmu b'serjetà u b'sens ta' responsabiltà allura iva nemmen li nistgħu nkomplu niċċelebraw il-festi tagħna kif jixraq. Il-kollettività trid tkun f'sens l-aktar wiesa' li jinkludi wkoll l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Għaliex il-festa tibda biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u tkompli b'dawk popolari. It-tnejn għandhom l-importanza tagħhom, it-tnejn huma intrinsikament marbuta biex tkun festa sħiħa. Madanakollu, iż-żmien li għaddejna minnu għandu jgħallimna li hemm ħtieġa urġenti li lill-festi tagħna nerġgħu nagħtuhom dak is-sens sabiħ ta' ċelebrazzjoni komunitarja fejn il-komunità, il-familji, il-ħbieb jerġgħu verament iħossu b'mod kollettiv dak is-sens ta' appartenza, dak is-sens ta' mħabba mhux biss lejn il-patrun, mhux biss lejn dik is-soċjetà tal-banda li huma importanti, imma aktar minn hekk lejn il-komunità inġenerali.

Ma nistax ma nagħlaqx dan il-messaġġ sabiex kull wieħed u waħda minna jiftakar f'dak li qed jiġri ġewwa l-Ukraina. Traġedja umana oħra ta' sofferenza kbira liema bħala, bħal dik fis-Sirja u tal-Palestina u ta' popli oħra. M'għandniex inkunu indifferenti għal dawn il-ġrajjiet li ħallew u ser iħallu tebgħa li ma titħassarx għall-popli kollha inkluż lilna.

Nagħlaq billi f'isem l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-Soċjetà tal-Banda u l-membri tagħha għax-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu.

GARAGE

We do servicing and repair on:
Commercial vehicle, light vans and fork lifters,
Engine overhauling for trucks, vans, cars and marine engines,
fork lifter parts, Computer diagnostic and more.

Mob: 99297127
Address: MJ Garage, G23, Ghaxaq Ind. Park, Valletta Road, Ghaxaq
e-mail: matthewjohngarage@gmail.com

Wine & Pizza
fix-Xalata



It-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2022
8:30pm 'il quddiem fil-Pjazza

Bookings: 79242705 / 79275881

Go Reds adoloxxenti TITULARI



# L-irġejjen

Kitba ta' Rita Saliba

Fil-maħżen mudlam is-skiet kont taqtgħu b'sikkina. Għal sentejn sħaħ l-għabra dieħla ma' merżuq dawl li jfettillu jiddeffes qalb l-armar, serviet ta' wens għall-personaġġi mill-Bibbja u anġli f'nofs titjira b'ħarsithom fil-baħħ.

Kienu sentejn ta' inċertezza. L-umanità ffaċċjat għadu li ma tafux. Fil-bidu kien hemm il-biża'. Ħadd ma jafx tmissx lilu l-marda. Virus, qalu, li jittieħed f'leħħa ta' berqa. Jaf imiss lilek. Hemm bżonn ma nibqgħux niltaqgħu, nitbiegħdu biex nibżgħu għal xulxin … il-festi u l-okkażjonijiet isiru ta' periklu għal saħħitna. Uħud kienu jqawwu l-qalb, ma ndumux ma noħorġu minnha, nitolbu biex jinstab vaċċin. L-imwiet ħasdu, daħħlu lin-nies f'qoxorthom u fi djarhom. It-tiżjin kellu jintrefa', il-pavaljuni jitramblu u mqiegħda f'post sigur u l-maħżen bl-armar ingħalaq b'ta' ġo fih ifakkar jiem ta' ferħ u ta' familji li reġgħu ltaqgħu għall-jiem tal-festa.

F'dik il-ħemda, iżda kienet għaddejja taqbida sħiħa. L-istatwi mmortalizzati f'poża eterna bdew jegħjew. Uħud tħassbu jekk żmienhom kienx għadda, jekk hux ser jinbidlu ma' oħrajn. Għadda ż-żmien minn fuq il-personaġġi. F'dik id-dalma kollox deher griż, qadim, imbiegħed … F'rokna minnhom, erba' rġejjen ferrgħu t-tħassib tagħhom. Kienet il-ħolma ta' ċertu Baskal mir-raħal, li laqqgħet lil Abigail, Ester, Ġuditta u Ġael flimkien. Dan Baskal kien ħareġ bl-idea ta' Pedestall li għad jibqa' wieqaf tul iż-żminijiet, Pedestall li jagħti ġieħ lil Sidtna Marija fil-mument tal-inkurunazzjoni. Ma damx ma sab spalla minn xi ħbieb tiegħu, li daqsu kienu mħeġġin għat-tiżjin u l-armar. Instabu benefatturi għal din l-intrapriża u nġabru għotjiet mill-familji devoti li kienu jagħtu sold kull nhar ta' Ħadd. Id-disinn u l-arti kienet f'idejn Abram Gatt, skultur u diżinjatur ta' fama. Iżda kien Mastru Karm Mallia li ta ħajja lill-istatwi tal-kartapesta. L-istatwi ssawru minn idejh b'tant naturalezza li l-ġmiel tagħhom baqa' jgħaġġeb tul is-snin …

"Insewna," lissnet minn taħt l-ilsien Ġael.

"Tinstema' mbeżżgħa għażiża Ġael," fesfset Ester minn postha.

"Wara tant snin … inżejnu u nfakkru l-istorja, ninsabu hawn maqfulin. Tgħid x'ġara?" kompliet Abigail.

"Se jwarrbuna," reġgħet Ġael.

"La tibżgħux!" qatgħetilhom ħsiebhom Ġuditta. "Ftakkru li konna aħna li biddilna l-istorja tal-poplu Lhudi. Qatt m'għadda dell ta' biża' minn fuqna."

"Kienu żminijiet ta' gwerer u tixrid ta' demm," fakkret Ester.

"Tassew. Iżda int ma bżajtx timxi mal-pjan t'Alla, Ester. Tinsiex li kont int, flimkien ma' qaribek Mordecai li dawwartu l-ħsieb tas-Sultan Anasuerus biex ma jeqridx lill-Lhud u jiknishom mill-Imperu. Ma bżajtx mill-korla tiegħu," qaltilha Ġuditta.

"U int titnikkitx, Abigail. Ukoll kellek sehem mill-istorja. Ma ridtx li jixtered demm. Mort kontra r-rieda ta' żewġek, li kont taf li ma ried ebda ġid meta ma laqax it-talba ta' David għall-provvisti," kompliet hekk kif daret fuq Abigail.

"Żewġi Nabal ried il-konfront, l-isfida. Iżda mort kontra x-xewqa tiegħu u lqajt lil David b'festa u offrejt l-id tal-ħbiberija. Nabal ma felaħx jara dan u miet hekk kif sema' x'għamilt," irrakkontat Abigail.

"U hemmhekk intemmet era tat-terrur. U ħlist il-poplu ta' Israel minn gwerra bla sens," qaltilha Ġuditta. "Id-dehen tiegħek wasslek biex issir mart is-Sultan David, li mhux biss għaraf ġmielek iżda l-għaqal tiegħek."

"Huwa minnu li t-toroq t'Alla ma nifmuhomx," qalet mir-rokna tagħha Ġael, li kienet bint il-Bedwini mill-art ta' Kanan. "Ġuditta int l-aktar waħda b'saħħtek fostna. Imma għidli, għaliex dal-biża' kollu li għaddejja minnu? Hemm barra n-nies imbeżżgħa, donnhom qed jistennew gwerra …"

"Tibżax, sbejħa Ġael. Kif għedt int, it-toroq t'Alla ħadd ma jifhimhom. Alla għażel lilek biex teħles lill-poplu Lhudi mill-ħruxija ta' Sisera. Wara li ġegħeltu jafdak u lqajtu fit-tinda tiegħek, użajt l-għodda li ġiet għal idejk dak il-ħin. Ħsadtlu ħajtu b'martell u musmar. B'mewtu ħlist lill-poplu ta' Israel," fakkritha Ġuditta. "Aħna konna qaddejja fil-pjan ta' Alla."

"Int ukoll kellek turi kuraġġ ta' sur, Ġuditta. Rajt kif ġbidt li Holofernes lejk, sqejtu nbid sakemm intilef minn sensih. L-Assirjani twerwru u tferrxu bħal nagħaġ hekk kif rawk ħierġa b'rasu f'idejk, għadha toqtor id-dmija. Int ukoll salvajt lill-poplu ta' Israel," irrakkontat Abigail. "Imma għaliex aħna?"

CTRONICS

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs

Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm

Sat 9.00 Am—12.00 Pm

For appointments Call on

T: 21642744 M: 79478259



Major Notebook Brands for Sale

lenovo

hp

ASUS




Computer Upgrades starting from € 200.00

Computer systems starting from € 325.00

All in One Printer Starting from € 69.00

Notebooks Starting from € 325.00

Internet Problem @ home.

We have a solution

Computer Repairs & Formats

Notebook Repairs & Formats

Printer Repairs

Tablet & Mobile repairs

Data Back-up




Watch TV over internet





Summer heat Is Coming.

Prevent your Notebook damage from Overheating.

# L-AVUKAT
# DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**

"Aħna konna qaddejja fil-pjan t'Alla," qaltilhom Ġuditta. "Wittejna t-triq biex tasal is-Sultana, Mera tal-qdusija … Tron tal-għerf. Popli għad jitolbuha l-għajnuna. Nemmen li dad-dell għaddej minn fuq id-dinja għad jgħaddi. Għad joħorġuna minn hawn u nerġgħu nkunu xempju ta' kuraġġ u glorja. L-umanità għad baqgħalha x'titgħallem mill-istorja. Dan l-għadu li hemm hemm barra ma nifhmhux iżda għandha l-aqwa għodda, it-tama."

Hekk kif spiċċat il-kelma, nfetaħ il-bieb tal-maħżen. L-irġejjen siktu. Żewġ figuri skuri dehru fil-bieb. Minn barra nstemgħu passi ta' nies għaddejjin. Daħlet riħa ta' toroq miknusa, ta' ħajja. Ir-raġġ tax-xemx waqa' fuq l-istatwa ta' Sidtna Marija tinkina għall-inkurunazzjoni. Wiċċha kien jisboq bil-bosta lil tal-erba' rġejjen. L-anġli jindukrawha dehru mbissmin.

"X'arja tqila hawn hawn ġew! Lanqas kont nemmen li ser nerġgħu niftħu dan il-post," beda jgħid ġuvnott. Sieħbu ma wieġbux. Donnu mitluf kien qed jifli l-istatwi tal-kartapesta. "Dawn l-istatwi jridu tfarfira, hux?" reġa' l-ġuvnott.

Sieħbu waqaf quddiem l-irġejjen.

"Kos, donnhom ikellmuk," qallu mitluf fi ħsibijietu.




D. Borg

BUILDING CONTRACTOR

MOB: 9988 0843

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi    Tel: 2168 0006    Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**





# Messaġġi mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Mro David Agius f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena fit-tmexxija tal-Banda Re Ġorġ V.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ lill-organizzaturi tal-wirja La Semana Santa talli ġiet preselezzjonata fost ħames proġetti minn Malta għall-Premju taċ-Ċittadin Ewropew 2022.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ tixtieq tifraħ u tawgura lil dawk kollha li kisbu xi suċċess fl-istudji tagħhom, kemm f'eżamijiet lokali kif ukoll internazzjonali f'kull livell edukattiv, vokazzjonali u professjonali. Is-Soċjetà tifraħ ukoll lil dawk kollha li kellhom suċċessi personali f'dixxiplini sportivi, artistiċi, mużikali, kulturali, soċjali, teknoloġiċi u kull dixxiplina oħra kif ukoll nifirħu lil dawk kollha li kellhom suċċessi f'konkorsi u kompetizzjonijiet varji. Minn hawn, filwaqt li nerġgħu ntennu l-awgurju tagħna, inħeġġu lil dawn il-persuni sabiex ikunu parteċipi fl-istrutturi tas-Soċjetà f'ambjent san li joffri potenzjal għall-iżvilupp tal-ħiliet individwali u kollettivi.

Il-President u l-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Fergħat fi ħdan is-Soċjetà jirringrazzjaw lil Dun Trevor Fairclough, għall-ħidma spiritwali tiegħu b'risq il-parroċċa tagħna matul dawn l-aħħar snin sa mill-2008. Fl-istess waqt is-Soċjetà tagħti merħba u tawgura lil Dun Tony Pace, li ġie assenjat ħidma fil-parroċċa tagħna. Minn hawn nawgurawlu ħafna ġid fil-ħidma tiegħu fost il-parruċċani Mqabbin. Ad multos annos Dun Trevor u Dun Tony!

Il-President f'isem il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Kummissjoni Banda u l-fergħat kolla jifirħu lis-Sur Neil Zammit għalliem fl-iskola tal-mużika tas-Soċjetà għaċ-ċertifikat u kwalifika fil-kompożizzjoni tal-mużika (Licentiate in Music Composition) mil-London Collage of Music.

We would like to say thanks to all of our foreign friends, who travel to the Maltese islands every year, with the main aim being to visit our village and enjoy our traditional village feast. We are very grateful for all the help that you give voluntarily to our Society. Your helping hands strengthen our friendship! Thank you for being part of our local community every year!

**In Memoriam:**

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tfakkar il-memorja tas-Sur Carmel Briffa għas-servizz kbir u mill-qalb li ta bħala 44 sena Kaxxier u l-fuq minn 50 sena membru fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tfakkar il-memorja tas-Sur Mikiel Żammit għas-servizz ta' 'l fuq minn 65 sena jdoqq mal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq isellem il-memorja tal-Imqabbin kollha, b'mod speċjali s-soċji, partitarji u l-benefatturi kollha ta' din is-Soċjetà li ħallew din id-dinja lejn l-aħħar tas-sena 2021 jew fis-sena 2022, u nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom b'risq il-festa ta' Santa Marija.

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.


XELINI CO.
MOB: 79230112
CRANE
TOWER CRANE
ĠARR TA' ĠEBEL U ŻRAR
SKIPS • GAFEF • HI-UP
PROPJETÀ U BOUNCING CASTLES
79230112
79230112


THE HOCKEY CLUB
SNACK & DINE FLORIANA
FOR BOOKINGS CONTACT US ON:
Tel: (+356) 7784 5107. Email: dhockeyfbar@gmail.com
N/s in Triq Vincenzo Dimech, Floriana



# Il-proġett La Semana Santa de España preselezzjonat għal premju tal-UE

**John Zammit**

Il-proġett La Semana Santa de España tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba ġie shortlisted għall-Premju taċ-Ċittadin Ewropew 2022. Dan il-premju jingħata mill-Parlament Ewropew lil proġetti ta' għaqdiet volontarji li jseddqu lkoperazzjoni bejn iċ-ċittadini Ewropej fi ħdan, jew bejn, pajjiżi tal-UE.




Minn fost għadd ġmielu ta' proġetti nominati minn Malta, ġurija maħtura apposta għamlet ilpreselezzjoni ta' ħames proġetti biex, imbagħad, il-Kanċellerija tal-premju fi Brussell tagħżel ir-rebbieħ Malti minn fost dawn il-ħamsa.

Il-proġett La Semana de España tas-Santa tas-Soċjetà Santa Marija – proġett kulturali MaltiSpanjol – kien fost il-ħames proġetti shortlisted, flimkien ma' 'The Daphne Caruana Galizia Foundation' – proġett dwar il-valuri fundamentali Ewropej, 'The Soup Kitchen OFM' – proġett ta' solidarjetà b'ikliet għall-foqra, 'The Coast is Clear' – proġett ambjentali ta' tindif ta' bajjiet, u 'The Mosaic Monumental' – proġett ta' koperazzjoni bejn Maltin u barranin fl-Imsida. Il-Kanċellerija tal-premju fi Brussell imbagħad għażlet lil 'The Daphne Caruana Galizia Foundation' bħala r-rebbieħa tal-premju f'Malta.

Il-fatt li l-proġett La Semana Santa ġie preselezzjonat fost ħames proġetti minn Malta, uħud minnhom ferm iktar magħrufa anki waqt il-pandemija, hu ta' sodisfazzjon kbir u rikonoxximent Ewropew lill-voluntiera mmexxija minn Michael Chetcuti li ilhom mill-2007 jkabbru dan il-proġett uniku. Prosit tassew!






TRANSMEC
SERVICES LTD.
TRANSPORT, MECHANICAL SERVICES &
SUPPLIERS OF BUILDING MATERIALS.
TRANSMEC
Factory: Wied il-Ghasel,
Burmarrad - Malta
Tel: (+356) 2158 0908 / 2157 6151
Fax: (+356) 2157 6151
Mobile: 9949 2575
Website: www.transmecmalta.com
E-mail: transmec@maltanet.net
Suppliers of
General Builiding Materials
Stainless Steel Products
Wrought Iron
Iron & Steel Products
Ready Made Structures
for Construction



# Mitt sena tal-opri artistiċi li jżejnu Misraħ il-Knisja u Triq il-Parroċċa fil-festa titulari

**minn John Zammit**

*Minkejja ż-żmien iebes ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, fil-bidu tas-snin 1920 ingħatat spinta kbira lill-armar, wirt kbir u settijiet uniti li għadna ngawdu tale quale mitt sena wara*

Is-snin bejn l-1920 u l-bidu tas-snin 1930 kienu snin ta' ħidma kbira u inawgurazzjoni ta' opri artistiċi kbar għall-parroċċa tal-Imqabba u għall-festa titulari tagħha. Biżżejjed insemmu l-pedestall tal-fidda u l-bradella l-ġdida għall-vara titulari ta' Santa Marija li kienu inawgurati f'Awwissu 1928, il-qanpiena l-kbira, li ttellgħet f'Jannar 1932, u x-xiri tas-sede tas-Soċjetà Santa Marija f'Jannar 1934.

Din is-sena tajjeb niffukaw fuq l-armar tat-toroq tal-festa titulari li ħa spinta enormi bejn l-1920 u l-1922, bl-inawgurazzjoni tal-istatwi u l-pedestalli ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, tat-Tnax-il Appostlu u ta' tnax-il anġlu fit-Triq tan-Nofs, biex imbagħad, fl-1923, l-armar tal-festa titulari sseddaq bl-opra maestuża tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni.




*Mitt sena wara għadna ngawdu settijiet uniti u ta' kwalità artistika mill-aqwa fl-armar tal-Festa Titulari*

## Żminijiet diffiċli ta' qgħad u emigrazzjoni

Il-kuntest soċjali u ekonomiku għall-għemil ta' dawn l-opri ma kienx xi wieħed favorevoli, anzi kien kuntest ta' taqlib wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. Madwar id-dinja, is-snin 1920 kienu snin ta' qawmien ekonomiku bejn il-Gwerra l-Kbira u d-dipressjoni ekonomika ta' wara l-1929, iżda f'Malta, ma' tmiem il-gwerra, sploda l-qgħad u b'hekk irrankat l-emigrazzjoni, l-iktar lejn l-Istati Uniti, bil-konsegwenza tat-telf ta' għadd ta' rġiel fl-aqwa tagħhom, uħud b'ħiliet ġodda li Malta ma setgħetx toffrilhom xogħol minħabba l-qagħda ekonomika mwiegħra.

Madankollu, iktar tard fis-snin 1920 kien hemm ċerti żviluppi tajbin. Bl-għoti tal-gvern responsabbli fl-1921 wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno 1919, il-Maltin bdew iwettqu t-tama li jibdew fit-triq tal-awtogovernanza, u gvernijiet Maltin fis-snin 1920 bdew itejbu l-qagħda soċjali tal-popolazzjoni b'liġijiet u inizjattivi ġodda fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u d-djar. Liġijiet ġodda bdew jagħtu wkoll ċerti drittijiet lill-ħaddiema u jinċentivaw il-bidu ta' industriji ġodda għal dak iż-żmien.

## Raħal ta' 1,282 ruħ u ftit toroq

Ir-raħal tal-Imqabba kien wieħed żgħir ħafna. Skont iċ-ċensiment tal-1921, fl-Imqabba kienu joqogħdu 1,282 ruħ, terz biss tal-popolazzjoni tal-lum. Fl-1921 saru ħames żwiġijiet fl-Imqabba, u fl-1922 wieħed biss.

Ir-raħal kien magħmul minn ftit toroq, effettivament il-pjazza nnifisha, it-toroq Parroċċa, Valletta, San Bażilju, Lanġasa u Santa Katerina, u s-sqaqien li jagħtu minnhom. Id-djar kienu żgħar waqt li kienu jilqgħu familji kbar, u l-familja li tokkupa dar waħda kienet tkun aktarx familja estiża ta' diversi ġenerazzjonijiet. Apparti l-ftit toroq bid-djar, il-bqija tar-raħal kienet raba', bil-biedja tkun l-iktar industrija importanti dak iż-żmien.

Il-ħajja ta' kuljum tar-raħal kienet iddur mal-knisja, bid-daqq tal-qniepen jimmarka r-ritmu tal-ġurnata u l-festi reliġjużi jfissru ġranet ta' mistrieħ mix-xogħol.

REMISSA

SPORTS BAR, MQABBA

SERVING FREE APPETIZERS 9999 8108

ZM architecture

Perit Manuel Zammit
Mob: 79058036
Email: architecture.zm@gmail.com



Kien f'dan il-kuntest li kienu jiġu ċċelebrati l-festi fir-raħal kmieni fis-snin 1920. Il-festi fl-irħula kienu bdew bħala ċelebrazzjonijiet fil-knejjes u purċissjonijiet. Il-ftit armar li kien isir fit-toroq kien pjuttost influwenzat mill-arki trijonfali u t-trofej li kienu jintużaw fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann meta xi Gran Mastru kien iżur xi lokalità jew xi Kavallieri kienu jaslu minn xi rebħa fuq il-baħar. Pereżempju, dokumenti juru li meta waslet il-vara titulari fl-Imqabba fl-1836, kienu ntramaw tliet arki trijonfali għal dik l-okkażjoni speċjali.

### Armar minimu għall-ħabta tal-1918

Għall-ħabta tal-1918 fl-Imqabba, l-armar tal-festi fuq barra kien minimu: erba' trofej kbar li kienu jintramaw fil-festa titulari u żewġ pilandri li kienu jintramaw fiż-żewġ festi. Iżda mill-1920 sal-1923 sar ħafna mill-armar tal-festa titulari li għadna ngawduh sal-lum.



*Is-sett ta' tnax-il anġlu sar apposta għat-Triq tan-Nofs u qatt ma kien hemm għalfejn jinqala' mit-triq li sar għaliha*

Baskal Gauci (tal-Pasens), Ġanni Zammit (ta' Brajnek) u Wenzu Zammit (tal-Mejlaq), imħeġġin bil-kbir mill-President ta' dak li kien il-King George V Club, Angelo Ghigo, indaħlu biex jibdew jiġbru l-flus meħtieġa mingħand il-partitarji tal-festa titulari ħalli jsiru l-istatwi ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, dawk tat-Tnax-il Appostlu, sett ta' tnax-il anġlu għal Triq il-Parroċċa u l-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. L-istatwi kollha saru fuq disinn tal-famuż Carlo Darmanin u nħadmu fil-kartapesta mill-istatwarju espert Mastru Karm Mallia minn Ħal Qormi, magħruf bħala 'tal-Lhudi'.

### Somom kbar fi flus ta' dak iż-żmien u arti mill-aqwa

L-ewwel ma saru kienu l-istatwi ta' Sant'Anna u San Ġwakkin li jintramaw fuq iz-zuntier u li ħallsu għalihom l-aħwa Katerina u Marija Camilleri (tal-Gizzu). Dawn qamu £5 ta' dak iż-żmien. Tant intgħoġbu dawn l-istatwi li malajr inġabru l-flus għal dawk tal-appostli biex jintramaw madwar Misraħ il-Knisja, u għall-anġli biex jintramaw fit-triq pittoreska li nsejħulha 'tan-nofs'. L-istatwi tal-appostli ġew jiswew £18, u dawk tal-anġli £12. Dawn ħallsu għalihom benefatturi differenti.




*L-istatwa ta' San Ġwakkin, li mitt sena wara għadna ngawduwha fl-oriġinalità tagħha*

Naturalment, l-inflazzjoni fuq dawn l-aħħar mitt sena tfisser li s-somom imħallsa dak iż-żmien jiġu somom fenomenali llum, iktar u iktar meta wieħed iqis li f'temp ta' ftit snin kienu saru żewġ settijiet ta' tnax-il statwa l-wieħed, iż-żewġ statwi ta' missier u omm il-Madonna, u pedestall imponenti li hu wkoll kellu seba' statwi u diversi anġli.

### Pedestalli xogħol il-partitarji tal-festa titulari

Barra minn dan, il-prezzijiet imsemmija ma jinkludux il-pedestalli tal-istatwi u tal-anġli li saru mis-soċji mmexxijin mill-eks President Ġanni Ghigo li kien jaħdem fuqhom sa tard billejl, megħjun mill-aħwa Ċensu u Ġużeppi Psaila (ta' Dolor) u Ġużeppi Galea (ta' Krafes). L-iskultura fuq il-pedestalli saret minn ċertu Piju tal-Kalkara u d-dekorazzjoni minn Karmnu Debono minn Ħ'Attard.

Il-kwalità ta' dawn is-settijiet uniti ta' opri ta' arti


MUSIC
ACCESS
YOUR ONLINE
MUSIC SHOP
musicaccessmalta.com
REMO
VIC FIRTH
Vandoren
PIRASTRO
D'Addario
K&M KÖNIG & MEYER


LIQUIGAS
DAF
JOHN
Liquigas Distributor
99442161
JOHN Liquigas Distributors


Philip Taxi Service
24 Hours Service
Mob: 7926 9692
Tel: 2168 5117

kienet mill-aqwa u x-xogħol kien ġie mfaħħar minn nies esperti f'dak ix-xogħol u għadhom imfaħħrin sal-lum.

### It-Triq tan-Nofs imżejna bil-kbir tul seklu sħiħ

Il-misraħ sabiħ tal-Imqabba għandu għadd ta' toroq ħerġin minnu u ewlenija fosthom hi l-parti ta' Triq il-Parroċċa mill-misraħ sal-għassa, li nafuha bħala t-Triq tan-Nofs. Il-purċissjoni titulari nieżla minn din it-triq tul l-aħħar seklu gawdiet mis-sett ta' tnax-il anġlu li sar apposta għal dik it-triq u li qatt ma kellu għalfejn jinqala' mill-post li sar għalih.

U biex din it-triq pittoreska tkompli tisseddaq, kien sarilha sett pavaljuni ddisinjati minn Mastru Abram Gatt u li kienu l-ewwel tal-istil tagħhom f'Malta hekk li kulħadd kien issaħħar bl-innovazzjoni u l-ġmiel tagħhom. Dawn il-pavaljuni żgur kabbru isem Abram Gatt li ddisinja wkoll il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni, inawgurat fl-1923, u mbagħad il-pedestall tal-fidda u l-bradella tal-istatwa titulari, inawgurati fl-1928.

### Apprezzament ta' wirt uniku li għadna ngawduh bla mittiefes

Matul is-snin saru ħidmiet u restawr biex l-istatwi u l-pedestalli jinżammu bl-aħjar mod. Fis-snin wara l-1983 sar restawr tal-pedestalli tal-appostli minn John Pace taż-Żejtun, waqt li Rosario Zammit ta ħajja ġdida lill-istatwi tal-appostli. Għadd ta' partitarji għenu fir-restawr taħt it-tmexxija ta' Joe Sciberras u Innocent Farrugia. Sar ukoll restawr tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Issa, proprju din is-sena, il-pedestalli tal-anġli tat-Triq tan-Nofs qed jiġu restawrati bl-akbar sengħa b'konsultazzjoni ma' John Pace taħt it-tmexxija ta' Ian Camilleri bil-għajnuna ta' Antoine Abdilla u Jesmar Gauci biex jerġgħu jilħqu l-isplendur oriġinali tagħhom fuq stil Venezjan.

Ir-restawr li sar fuq dawn l-opri matul l-aħħar seklu kien wieħed li dejjem żamm mal-oriġinalità tagħhom. Dawn huma opri li għadna ngawdu sal-lum wara mitt sena bla ma ttiefsu strutturalment.

B'hekk, aħna u nerġgħu nitpaxxew din is-sena b'dawn l-opri kollha ta' arti li qed jagħlqu mitt sena, napprezzaw xi spinta kbira ngħatat lill-armar fil-bidu tas-snin 1920 mill-partitarji tal-festa titulari. Dawn ħallewlna wirt tant kbir f'settijiet uniti li għadna ngawdu *tale quale* mitt sena wara f'Misraħ il-Knisja u fi Triq il-Parroċċa. Dan grazzi wkoll għal dawk li ħadu ħsieb iżommu bl-aħjar mod dan l-armar biex ma jbatix mill-istrapazz tal-elementi u taż-żmien waqt li bqajna ngawduh fl-oriġinalità tiegħu.

### Bibljografija


**Busuttil, Roderick, 'Il-Festi fil-Passat', fis-sit *kappellimaltin.com*, aċċessat fis-7 ta' Ġunju 2022.**

**Cremona, Anthony, *Aspects of Maltese Society between the Two World Wars*, teżi għall-grad ta' B.A. fl-Istorja, l-Università ta' Malta, 2001.**

**Farrugia, Charles, 'L-Imqabbin Jgħixu Żmien il-Gwerer u l-Emigrazzjoni', f'*L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien*, Farrugia, C. (editur), il-Kunsill Lokali u l-Parroċċa tal-Imqabba, 1998.**

**Farrugia, Jonathan, 'Biex jibqa' mfakkar għaż-żmien li ġej', f'*Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba – dokumenti u storja*, Farrugia, J. (editur), Parroċċa Santa Marija, l-Imqabba, 2011.**

**Lia, Carmen, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba*, is-Soċjetà Santa Marija, l-Imqabba, 1997; partikolarment il-kapitlu 6, 'Għaxar Snin ta' Ħidma Kbira mis-Soċjetà Giorgio V 1920-1930'.**

**Sciberras, Joe, 'Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni - 90 sena jsebbaħ il-pjazza', fil-Programm tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba, 2013.**

**Is-Soċjetà Santa Marija, il-Kumitat, 'Restawr tal-Armar tal-Festa ta' Santa Marija', fil-Programm tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba, 1983.**

**L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 'Population and Vital Statistics', fil-*Malta Blue Book*, 1921 u 1922.**



VIPER
Garage
Body Modifications
Mechanical Repairs
Bartmik Industrial Estate,
Level -2, Garage 3,
Sqaq il-Mithna,
Off Mqabba Road,
Qrendi.
Tel: 99420835
Email: viper.ivan@gmail.com
Classic Car
Restoration
Panel Beating

# FRAME MAKER

caruanachristian@gmail.com

For any kind of frames and glass cutting

*Opening Hours:*
*Mon - Tue - Thur - Fri:*
*4.00pm - 7.30pm*
*Sat: 8.00am - 1.00pm*
*Wed: Closed*

**57, St. Catherine Street,**
**Mqabba MQB 1203**

**Tel: 2168 3308**
**Mob: 9988 8691**

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# Lorraine's Beauty Clinic

All face & body treatments,Make-up, Waxing,
Manicures & Pedicures, Semi-permanent make-up,
Holistic & Complimentary Therapies
by qualified Therapists, Laser hair removal,
New Slimming treatment Pressotherapy machine





Call for appointment or SMS to
2168 9785 or 9945 0647

Triq il-Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba



# L-istatwa ta’ Santa Marija tat-Tfal

**Maria Galea**

Ħolma li saret realtà! Mat-twaqqif tal-klabb Go Reds - Adolexxenti Titulari, f’moħħi kien ġieni l-ħsieb li ssir statwa ta’ Santa Marija għat-tfal u l-Adolexxenti biex norganizzaw Festa Tfal. Iddiskutejt ma’ sħabi, Samantha Debono u Warren Bondin u ressaqna din il-proposta dwar dan il-ħsieb quddiem il-Kumitat Eżekuttiv.

Bħala klabb ta’ Go Reds -Adolexxenti Titulari bdejna naħdmu bi ħġarna u bdew ħerġin b’ħafna ideat ta’ attivitajiet li nistgħu norganizzaw biex ikollna l-fondi meħtieġa ħalli ma nitfgħux piż finanzjarju fuq is-Soċjetà. Lura lejn l-2015 aħna konna erħejnielha lejn Għawdex u morna għand l-artist, is-Sur Michael Cutajar Zahra fejn iddiskutejna flimkien u tlabnieh stima għal istatwa ta’ Santa Marija tat-tfal. Meta morna bil-ħsieb quddiem il-Kumitat Eżekuttiv li l-istatwa tinħadem fuq l-istil tal-Kwadru Titulari, l-Kumitat Eżekuttiv kien wera x-xewqa li din tinħadem fuq l-istil tal-Vara Titulari. Wara diskussjonijiet flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv dwar dan il-punt, qbilna li din tinħadem fuq l-istil tal-Vara Titulari.

Wara ħafna tħabit u qtigħ il-qalb, waqt bibita ġewwa l-każin kont qiegħda nitkellem mas-Sur John Ghigo, fejn tkellimna flimkien fuq l-involviment tiegħi fi ħdan is-Soċjetà u l-ħsieb li kellna li ssir statwa ta’ Santa Marija għat-tfal fejn hu wera x-xewqa li jħallasha kollha hu. Dak il-ħin ħassejtni ser intir bil-ferħ. Min hemm tkellimt ma’ sħabi u morna nitkellmu mal-artist fejn qbilna li fil-Festa tal-2020 inżanżnuha. Iżda biex tgħaxxaq sibna l-pandemija ma wiċċna u l-pjanijiet kellhom jinbidlu. Min hawn nirringrazzjaw mill-qalb lis-Sur John Ghigo tal-opra sabiħa li rregalajtilna.

Għal festa tas-sena l-oħra ħadna deċiżjoni li jiġri x’jiġri din l-istatwa tkun lesta u narmawa fis-sede tas-Soċjetà. Lanqas nista nesprimi l-emozzjoni li ħassejt meta s-Sur Michael Cutajar Zahra bagħtli r-ritratti tax-xogħol li kien qiegħed jitwettaq u wisq aktar tal-istatwa kompluta! Ħallieni bla kliem. Prosit Michael tat-talent li għandek! Alla jbierkek! Ta’ min isemmi li l-istellarju huwa maħdum mis-Sur Twanny Zammit filwaqt li l-istatwa ġiet indurata bid-deheb mis-Sur Christian Debono. Il-bankun tal-istatwa ġie maħdum mis-Sur Carmel Ellul. Grazzi kbira mill-qalb lil kulħadd.

Fit-13 ta’ Awwissu 2021 beda l-vjaġġ tagħna fejn jien flimkien mal-benefattur is-Sur John Ghigo, Warren Bondin u Joseph Briffa tlajna Għawdex biex ġibna l-istatwa ġewwa s-sede tas-Soċjetà. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija kellna nippjanaw sew dan l-avveniment speċjali b’mod differenti milli kellna oriġinarjament f’moħħna.



*Il-mawra ġewwa Għawdex sabiex inġiebet l-istatwa*

Waslet il-ġurnata tal-15 ta’ Awwissu 2021 fejn attendejna għall-quddiesa tal-paniġierku u wara kellna riċeviment tal-festa ġewwa s-sede tas-Soċjetà. Hemmhekk sar il-kxif tal-istatwa mid-donatur stess, is-Sur John Ghigo, fejn wara l-istatwa ġiet imbierka minn Monsinjur Karm Vella, fl-isfond tal-Ave Maria li ndaqqet minn Chris Schembri Baldacchino u kantata minn Mariah Costa. Prosit tassew tal-koperazzjoni. Wara mexxejna l-istatwa ta’ Santa Marija tat-tfal u ħriġniHa fil-gallerija tas-sede, fejn ġiet milqugħa b’ċapċip u ferħ mit-tfal u n-nies preżenti.



*L-inawgurazzjoni tal-istatwa mid-donatur stess, is-Sur John Ghigo*

VRT + Wheel Alignment

*For all types of*
*Cars, Trucks, Vans and Buses*

**SIGGIEWI VEHICLE SERVICES**
Siġġiewi

Contact Victor Attard
on 99498736, 21466111





*Flower touch*
by Catherine Mizzi

For all kinds of occasions we do arrangements, bouquets, wreaths, and much more. We also have a large variety of plants

Mobile: 79806800
Telephone: 21806800

Find us on Facebook





*It-tberik tal-istatwa minn Monsinjur Karm Vella*

Tistgħu timmaġinaw x'emozzjonijiet kbar ħassejna li wara ħafna tlajja' u nżul din il-ħolma saret realtà!

Inħeġġiġkom sabiex tingħaqdu magħna u tħeġġu lit-tfal jattendu għall-funzjonijiet tal-knisja preparati apposta għalihom ħalli niċċelebraw Festa Tfal sabiex b'hekk inkattru d-devozzjoni lejn Sidtna Marija.

Minn qalbna nawguraw il-festa t-tajba lill-kulħadd. VIVA SANTA MARIJA!





*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

**Unbeatable prices in photocopies!**

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com   Website: www.dspiralst.com

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**



# Jack's
Eat House

*Pizzeria • Restaurant • Take Away*

*Triq il-Bizantini, Qrendi*

*2168 1546 • 7931 7233 • 9910 0308*

Find us on: facebook® *Jack's Eat House*



Pet Care Store



# L-Aspett Letterarju

Kitbiet ta' George Grech

## Ferħ l-Assunta

X'inhu dal-ferħ ma' Malta kollha,
Dwal, murtali u tiżjin?
Waslet il-Festa tal-Assunta,
Il-Patruna tal-Maltin.

Bosta bliet u rħula tagħna,
Lilha jagħmlu festi kbar
Kulħadd joħroġ biex isellem,
Lis-Sultana, kbar u żgħar.

Malli Awwissu fostna joqrob,
Malta libsa oħra tilbes,
Għaliex din Santa Marija,
Fi qlubna, ferħ hija tkebbes.

Ma' din Sidtna Marija,
Hemm marbuta ġrajjiet kbar,
Mhux ta' b'xejn dal-knejjes kollha,
Saħansitra, Katidral.

F'dan il-jum in-nies bi ħġarhom,
Jirrikorru għand Marija,
Għaliex hija is-Sultana,
Ta' din l-art tagħna Maltija.

F'dan il-jum għażiż t'Awwissu,
Ibqa' lilna Marija ferraħ,
U lil qlub muġugħa tagħna,
Ibqa' int għal dejjem serraħ.

## Ifirħu, Imqabbin ifirħu

Ifirħu, Imqabbin ifirħu,
F'din il-kbira festa tagħkom,
Ifirħu f'dan l-Għid l-Assunta,
Malta kollha tifraħ magħkom.

Ifirħu, għollu leħinkom.
Sabiex tfaħħru lis-Sultana
Li mgħollija ġiet fis-sema
Iżda xorta baqgħet magħna.

Hi bħal Binha għalkemm mietet,
Reġgħet qamet mill-imwiet,
Biex ma Binha bla mittiefsa,
Tmur tingħaqad fis-smewwiet.

Ifirħu u żejnu t-toroq,
Minn fejn tgħaddi din Marija,
Għaliex lilha hi misthoqqa
Kull tifħir, talb u foħrija.

Kemm int sbejħa O Marija,
B'dawk għajnejk merfugħa l-fuq
Kull min lejk jitfa fis ħarstu
Ferħ il-ġenna huwa jduq.

Dawk idejk il-fuq merfugħa,
Lesti jħaddnu lil Mulej,
Ħaddan lilna ukoll Marija,
U wassalna għand il-Feddej.

Bil-kwiekeb imdawra rasek,
Anġli jtiru fil-madwar,
Kollha jħarsu lejk jitbissmu,
Mehmużin f'tarf il-mantar

Int għażiża wisq għalina,
Omm ħanina tas-smewwiet,
Lilek aħna dejjem sibna,
Biex tfarraġna f'kull inkwiet.

Ifirħu Imqabbin ifirħu,
Ma Marija ibqgħu magħquda
Biex ulied Santa Marija
Għal dejjem tibqgħu mgħaduda.

## L-Għid tal-Assunta

Għal darba oħra reġgħet waslet,
L-ikbar festa tal-Maltin,
Mhux ta' b'xejn dan il-ferħ kollu
Madwar Malta, fost l-Imqabbin.

Għaliex bosta bliet u rħula,
Lill-Assunta jonoraw,
Lilha ħatru bħala Patruna,
U l-jum tagħha jiffesteġġjaw.

Kull fejn tħares madwar Malta,
Bandalori, bnadar, tiżjin,
Kulħadd jifraħ f'jum l-Assunta,
B'mod speċjali l-Imqabbin.

Għaliex lilha jgħożżu ħafna,
U jagħmlulha festi kbar,
Marċijiet, tiżjin u briju,
Ewlenin fost dawk tan-nar

Komplu ħuti lil din Ommna,
B'qalbkom kollha onoraw,
Sabiex fl-aħħar lkoll kemm intkom
Lilha fil-Ġenna intom taraw.

# Sena Attivitajiet 2021/2022



*Inawgurazzjoni tar-restawr u konservazzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija*



*Il-Banda Re Ġorġ V iddoqq Christmas Carols ġewwa dar tal-anzjani*



*Parteċipazzjoni fil-Malta Fireworks Special 2021 u Festa Nar*



*L-aħħar tislima lil Carmel Briffa*



*Kunċert mużikali mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Baned*




*MQABBA5000 For Puttinu*



*Il-Proġett "Nesponu t-tagħlim mużikali taż-żgħażagħ lill-udjenzi"*



*Kunċert fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Wirja La Semana Santa De España fl-Imqabba*



*Trick or Treat fl-Imqabba*



*La Semana Santa de España fl-Imqabba*



*Sehem is-Sezzjoni Żgħażagħ*
*fil-purċissjoni tal-Madonna tad-Duluri*



*Sehem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija*
*permezz ta' murtali u ta' nar tal-art fil-Munxar*



*Il-faċċata tal-Każin mixgħula bil-kuluri*
*tal-bandiera tal-Ukranja fil-Ġimgħa l-Kbira*




*Laqgħa Ġenerali Annwali*



*Sehem il-Fratellanza tas-Sagrament*
*fi tmiem il-Kwaranturi Mqaddsa*



*Wirja ta' Statwi u Santi ġewwa Palazz Santa Marija*



*Coffee Mornings*



*Workshop għat-tfal dwar l-Armar tal-Festa*



*Stejjer u Logħob Tradizzjonali għall-Għabex*



*Servizzi mill-Banda Re Ġorġ V fil-Festi ta' San Ġużepp*
*f'Ħal Kirkop u tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq*

L-isbaħ mod
kif niċċelebraw il-festa
tal-PATRUNA TAGĦNA

**SANTA MARIJA**

hija billi nimlew il-knisja parrokkjali tar-raħal iddedikata
LILHA fil-funzjonijiet li jsiru,
speċjalment fil-ġranet tat-tridijiet,
lejliet il-festa filgħaxija
u għall-quddiesa tal-Paniġierku
nhar il-festa filgħodu.
Għalhekk nuru mħabbitna
lejn il-Madonna ommna
billi NATTENDU
BI ĦĠARNA.

Festa sabiħa
hija festa dinjituża!
Sokor, tgħajjir u firdiet
ma jixirqulniex
u ma jogħġbux lill-Madonna!
Għalhekk nieħdu sehem fil-marċi u l-briju
fit-toroq imma nżommu dejjem imġiba li
tagħmel ġieħ lilna bħala Mqabbin
u li togħġob lill-Patruna tagħna
SANTA MARIJA!


SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V IMQABBA
MERCHANDISE FESTA 2022
BNADAR
QIES: 10' X 2.86' - €68
QIES: 15' X 4.29' - €90
QIES: 20' X 5.7' - €110
QIES: 25' X 7.14' - €163
KEY CHAINS
€3.50
PENNANTS
€5
PAVALJUNI
QIES: 6.5' X 5' - €35
ORDNIJIET: 9900 0815
ĦLAS: CASH JEW BOV PAY: 79 815 815
SOĊJETÀ SANTA MARIJA
U BANDA RE ĠORĠ V
L-IMQABBA est.1910
/santamarija
/santamarijamqabba
www.santamarija.com
Disinn: Kummissjoni WEB



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


3M Kebab House ....74
A. Ferriggi ....15
AginCare ....74
Albion VRT Station ....20
ArtiĠenjali ....108
ATCS ....inside front
Attard Bros ....38
Audio Malta ....96
B&G Hardware Store ....96
BOV ....80
C&G Hardware Store ....80
Cauchi Gastro Butcher ....110
Charlie t-Tirxa ....104
Ctronics ....114
D. Borg ....115
d.Spiral ....129
Daily Needs ....58
Dee's ....82
Di Rocco Trading Limited ....58
Dos Avós ....84
E. Theuma & Company Ltd ....78
EGM Psaila ....97
Elbros ....4
F1 Cheyenne ....104
Flower Touch ....128
Frame Maker ....126
Francine Farrugia ....50
Fresh & Clean ....92
G. Camilleri Petrol Station ....126
Gasan Mamo Insurance ....18
GJ Installations ....79
Gold Lady Jewellery ....92
Golden Point ....76
Grace Marie Zerafa ....54
Henry Zaffarese ....102
Horace Enterprises ....102
Ivan's Garage ....116
Jack's ....130
Janet u Ivan Spiteri ....110
JMA Aluminium Works ....64
John Liquigas ....124
Jolly ....84
Jonathan Dingli ....54
Julia Farrugia Portelli ....47
Julio & Charlie Sacco ....130
Kristianne Pharmacy ....10
L. Micallef Steel Works ....101
Liliana Camilleri ....101
Lorraine Zammit ....107
Lorraine's Beauty Clinic ....126
LUX Nails ....94
Magri Butcher Shop ....116
Mangion Brothers Żurrieq Ltd ....94
Mapfre Middlesea - Moira Magro ....26
Maria Zahra ....60
Mariano Panel Beater ....98
Mark Portelli ....114
Maths Coach ....98
Maypole ....60
McSims ....28
Michael Bezzina ....107
Milia's Pharmacy ....34
Miriam Dalli ....44
MJ Garage ....112
Mobiltech VRT Station ....100
Mqabba FC Gym ....62
Mqabba FC Resto Bar ....62
Music Access ....124
Omar Farrugia ....48
One4all ....inside back
Owen Bonnici ....40
Owen Sciberras ....56
Paul & Mark Supermarket ....100
Pet Care ....130
Philip Taxi Service ....124
Polidano ....8
Pyroweb ....86
Remedies ....24
Remissa ....122
Reno Farrugia ....14
Responsible Gaming Foundation ....16
Richard Lifters ....106
Senc Flag Printing ....88
Siġġiewi Vehicle Services ....128
Silvio's ....106
St. Peter's Ironmongery ....56
Stanley Zammit ....52
Stefan Zrinzo Azzopardi ....52
Step 'n' Shop ....32
Step in ....30
Ta' Disma Funeral Services ....22
Ta' Dwinu Stationery & Gifts ....122
Ta' Frida Pet & Garden ....36
Tar-Robba Recycling Centre ....12
Teżor il-Bidwi ....115
The Club Fitness Centre ....82
The Fruit Shop ....64
The Hockey Club ....118
The Wedding Bus ....78
Toni Bezzina ....42
Tower Ironmongery ....108
Transmec Services Ltd ....120
Trocadero ....128
Village Core ....86
Viper Garage ....125
Xarolla Dental Clinic ....76
Xelini Co. ....118
Zahra Group ....6
ZM Architecture ....122

One4all
GIFT VOUCHERS

# THE IDEAL GIFT FOR ANY OCCASION

**CHOOSE TO SPEND AT OVER 700 SHOPS IN MALTA & GOZO**




**WWW.ONE4ALL.MT**

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba, Malta
www.santamarija.com santamarija santamarijamqabba